European Asylum Support Office

# Gwida tal-EASO dwar l-ippjanar ta' kontinġenza fil-kuntest tal-akkoljenza

*Serje ta' Gwidi Prattiċi tal-EASO*

*Marzu 2018*

SUPPORT IS OUR MISSION

European Asylum Support Office

# Gwida tal-EASO dwar l-ippjanar ta’ kontinġenza fil-kuntest tal-akkoljenza

*Serje ta' Gwidi Prattiċi tal-EASO*

*Marzu 2018*

SUPPORT IS OUR MISSION

Dikjarazzjoni ta' ċaħda ta' responsabbiltà

L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti ma vverifikawx il-kwalità ta' din it-traduzzjoni. Jekk tara li t-traduzzjoni mhijiex konformi mat-terminoloġija rilevanti fuq livell nazzjonali, jekk jogħġbok ikkuntattja lil-EASO.

*Il-manuskritt oriġinali gie komplut f'Marzu 2018*

La l-EASO u lanqas xi persuna oħra li taġixxi f'ismu ma jistgħu jinżammu responsabbli għall-użu li jista' jsir mill-informazzjoni li tinsab f'din il-pubblikazzjoni.

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2018

| | | | |
|---|---|---|---|
| Print | ISBN 978-92-9476-254-2 | doi:10.2847/242811 | BZ-05-17-114-MT-C |
| PDF | ISBN 978-92-9476-248-1 | doi:10.2847/19317 | BZ-05-17-114-MT-N |

© European Asylum Support Office, 2018
Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata biss jekk jiġi rrikonoxxut is-sors.
Għal kull użu jew riproduzzjoni ta' ritratti jew materjal ieħor li mhuwiex taħt id-drittijiet tal-awtur tal-Unjoni Ewropea, għandu jintalab permess direttament mingħand id-detenturi tad-drittijiet tal-awtur.

# Lista ta’ abbrevjazzjonijiet

| | |
|---|---|
| AMIF | Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni |
| APD | Direttiva dwar il-Proċeduri tal-Asil<br><br>Id-Direttiva 2013/32/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta’ Ġunju 2013 dwar proċeduri komuni għall-għoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali |
| SEKA | Sistema Ewropea Komuni tal-Asil |
| OSĊ | Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili — organizzazzjonijiet u istituzzjonijiet mhux governattivi li jaħdmu fl-interess taċ-ċittadini, iżda barra s-settur governattiv jew ta’ profitt |
| Regolament ta’ Dublin III | Ir-Regolament (UE) Nru 604/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta’ Ġunju 2013 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali iddepożitata għand wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta’ pajjiż terz jew persuna apolida |
| EASO | Uffiċċju Ewropew ta’ Appoġġ fil-qasam tal-Asil |
| KE | Kummissjoni Ewropea |
| UE | Unjoni Ewropea |
| Stati tal-UE+ | Stati Membri tal-UE flimkien man-Norveġja u l-Iżvizzera |
| HQ | Kwartieri Ġenerali |
| ICT | Teknoloġija tal-Informazzjoni u tal-Komunikazzjoni |
| IOM | Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Migrazzjoni |
| IRC | Is-Salib l-Aħmar Internazzjonali |
| LGBT | Leżbjani, Gay, Bisesswali u Transġeneru |
| MtQ | Memorandum ta’ Qbil |
| SM | Stati Membri |
| NGO | Organizzazzjoni nongovernattiva |
| QD | Direttiva dwar il-Kwalifika<br><br>Id-Direttiva 2011/95/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta’ Diċembru 2011 dwar standards għall-kwalifika ta’ ċittadini nazzjonali ta’ pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala benefiċjarji ta’ protezzjoni internazzjonali, għal stat uniformi għar-refuġjati jew għal persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja, u għall-kontenut tal-protezzjoni mogħtija (tfassil mill-ġdid) |
| RCD | Direttiva dwar il-Kondizzjonijiet tal-Akkoljenza<br><br>Id-Direttiva 2013/33/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta’ Ġunju 2013 li tistabbilixxi l-istandards dwar l-akkoljenza ta’ applikanti għall-protezzjoni internazzjonali (tfassil mill-ġdid) |
| PST | Patt ta’ Stabbiltà u Tkabbir |
| PST | Patt ta’ Stabbiltà u Tkabbir |
| SOP | Proċedura Operattiva Standard |
| UAM | Minorenni Mhux Akkompanjati |
| UNHCR | Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Refuġjati |

# Kontenut


Lista ta' abbrevjazzjonijiet ... 3

A. Introduzzjoni ... 9

1. Sfond ... 9
2. L-iskop u l-ambitu tal-gwida ... 9
3. Prinċipji gwida ... 10
4. L-istruttura u l-format tal-gwida ... 10

B. Approċċ integrali għall-ippjanar ta' kontinġenza ... 12

1. Il-fażi tat-tħejjija u l-iżvilupp ... 12
   - Tħejjija attiva ... 13
   - Żvilupp ta' xenarji u suppożizzjonijiet ta' ppjanar ... 13
   - L-iżvilupp ta' pjan ta' kontinġenza ... 13
2. Il-fażi tar-rispons u t-tmexxija ... 13
   - L-attivazzjoni tal-pjan ... 13
   - Ir-rispons għall-influss qawwi u t-tmexxija tal-azzjoni ... 14
3. Il-fażi ta' reviżjoni u aġġustament ... 14
   - L-evalwazzjoni tal-pjan u r-rispons ... 14
   - Fittex reazzjoni u utilizza t-tagħlimiet meħuda ... 14
   - Aġġustament ... 14

C. Monitoraġġ u valutazzjoni ... 15

D. Analiżi tar-riskju ... 17

E. Ġestjoni u proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet ... 19

1. Introduzzjoni ... 19
2. Il-fażi tat-tħejjija u l-iżvilupp ... 19
   - Twaqqif ta' strateġija ... 19
   - Rwoli u mandati ... 20
   - Validazzjoni ... 20
   - Il-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet ... 20
   - Attivazzjoni ta' mekkaniżmu ta' koordinazzjoni interna ... 20
3. Il-fażi tar-rispons u t-tmexxija ... 21
4. Il-fażi ta' reviżjoni u aġġustament ... 21

F. Maniġment u komunikazzjoni ta' informazzjoni ... 22

1. Introduzzjoni ... 22
2. Prinċipji sottostanti ta' ġestjoni ta' informazzjoni effiċjenti ... 22
   - Il-fażi tat-tħejjija u l-iżvilupp ... 22
   - Il-fażi tar-rispons u t-tmexxija ... 22
   - Il-fażi ta' reviżjoni u aġġustament ... 22

3. Komunikazzjoni interna ... 23
Il-fażi tat-tħejjija u l-iżvilupp ... 23
Il-fażi tar-rispons u t-tmexxija ... 23
Il-fażi ta' reviżjoni u aġġustament ... 23
4. Komunikazzjoni ma' applikanti għal protezzjoni internazzjonali ... 23
Il-fażi tat-tħejjija u l-iżvilupp ... 23
Il-fażi tar-rispons u t-tmexxija ... 23
Il-fażi ta' reviżjoni u aġġustament ... 24
5. Komunikazzjoni esterna mas-soċjetà u l-midja ... 24
Il-fażi tat-tħejjija u l-iżvilupp ... 24
Il-fażi tar-rispons u t-tmexxija ... 24
Il-fażi ta' reviżjoni u aġġustament ... 25
G. Koordinazzjoni Esterna ... 26
1. Introduzzjoni ... 26
2. Il-fażi tat-tħejjija u l-iżvilupp ... 26
Awtoritajiet ta' determinazzjoni u migrazzjoni ... 27
Sħab ta' akkoljenza operattivi ... 27
Soċjetà Ċivili, awtoritajiet oħra u Voluntiera ... 29
3. Il-fażi tar-rispons u t-tmexxija ... 29
Awtoritajiet ta' determinazzjoni u migrazzjoni ... 29
Sħab ta' akkoljenza operattivi ... 29
Soċjetà ċivili, awtoritajiet oħra u voluntiera ... 30
4. Il-fażi ta' reviżjoni u aġġustament ... 31
Awtoritajiet ta' determinazzjoni u migrazzjoni ... 31
Sħab ta' akkoljenza operattivi ... 31
Soċjetà ċivili, awtoritajiet oħra u voluntiera ... 32
H. Maniġment tal-baġit u riżorsi finanzjarji ... 33
1. Introduzzjoni ... 33
2. Il-fażi tat-tħejjija u l-iżvilupp ... 33
Ibbaġitjar abbażi tax-xenarju ... 33
Il-prevedibbiltà tal-flessibbiltà tal-baġit ... 34
Tħejjija ta' strateġiji effiċjenti ... 34
L-immappjar ta' fondi ta' emerġenza tal-UE jew nazzjonali disponibbli ... 34
3. Il-fażi tar-rispons u t-tmexxija ... 35
4. Il-fażi ta' reviżjoni u aġġustament ... 35
I. Kapaċità ta' akkomodazzjoni ... 36
1. Introduzzjoni ... 36
2. Il-fażi tat- tħejjija u l-iżvilupp ... 36
Kun żgur li r-reġistrazzjoni attwali tal-kapaċità disponibbli hija aġġornata ... 37
Iddetermina l-ħtiġijiet għal u r-rekwiżiti ta' kapaċità addizzjonali ... 37
Oħloq kapaċità addizzjonali ... 38
Ġestjoni u ppjanar tal-kapaċità addizzjonali ... 38
Ipprepara għall-akkwist ta' kapaċità ġdida ... 38
3. Il-fażi tar-rispons u t-tmexxija ... 39
4. Il-fażi ta' reviżjoni u aġġustament ... 40

J. Ġestjoni tar-riżorsi ... 41
1. Introduzzjoni ... 41
2. Il-fażi tat-tħejjija u l-iżvilupp ... 41
Akkwist pubbliku ... 41
Loġistika u trasport ... 42
Ġestjoni ta' ħażniet u provvisti ... 43
3. Il-fażi tar-rispons u t-tmexxija ... 44
Akkwist pubbliku ... 44
Loġistika u trasport ... 44
Ġestjoni ta' ħażniet u provvisti ... 44
4. Il-fażi ta' reviżjoni u aġġustament ... 45
Akkwist pubbliku ... 45
Loġistika u trasport ... 45
Ġestjoni ta' ħażniet u provvisti ... 45

K. Riżorsi Umani ... 46
1. Introduzzjoni ... 46
2. Il-fażi tat-tħejjija u l-iżvilupp ... 46
Ġestjoni effettiva tar-riżorsi umani eżistenti ... 46
Reklutaġġ ta' riżorsi umani addizzjonali ... 47
Taħriġ u kkowċjar ta' riżorsi umani ġodda ... 48
Taħriġ tal-persunal dwar ippjanar ta' kontinġenza ... 48
3. Il-fażi tar-rispons u t-tmexxija ... 48
Ir-reklutaġġ u t-taħriġ tal-persunal il-ġdid ... 48
Ġestjoni tal-pressjoni fuq il-persunal ... 49
4. Il-fażi ta' reviżjoni u aġġustament ... 50

L. Il-ġestjoni tal-provvista ta' kundizzjonijiet ta' akkoljenza f'sitwazzjoni ta' influss qawwi ... 51
1. Introduzzjoni ... 51
2. Il-fażi tat-tħejjija u l-iżvilupp ... 51
3. Il-fażi tar-rispons u t-tmexxija ... 52
4. Il-fażi ta' reviżjoni u aġġustament ... 53

M. Sigurtà/prevenzjoni u sikurezza ... 54
1. Introduzzjoni ... 54
2. Il-fażi tat-tħejjija u l-iżvilupp ... 54
3. Il-fażi tar-rispons u t-tmexxija ... 56
4. Il-fażi ta' reviżjoni u aġġustament ... 56

Anness
Listi ta' kontroll ... 58

# A. Introduzzjoni

## 1. Sfond

Kull sena, miljuni ta' nies jiġu affettwati minn kunflitti armati u diżastri naturali jew jippruvaw jaħarbu mill-faqar. Dawn il-fatturi jistgħu joħolqu moviment tal-massa ta' nies li jkunu qed ifittxu post tal-kenn u jfittxu refuġju fl-Ewropa. Il-migrazzjoni hija fenomenu dinamiku u kumpless ħafna, li jista' jinbidel malajr u għal għarrieda.

Il-wasliet tal-massa fl-2015 u fl-2016 urew li l-Istati tal-UE+ (l-Istati Membri tal-UE, u n-Norveġja u l-Iżvizzera) għandhom bżonn sistema ta' akkoljenza effettiva u effiċjenti għall-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali. Tali sistemi jridu jkunu kapaċi jiżguraw li l-kundizzjonijiet ta' akkoljenza jiġu pprovduti f'konformità mad-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza (RCD) u strumenti legali relatati oħra, anke jekk is-sistema ta' akkoljenza tista' tkun taħt pressjoni kbira. Huwa kruċjali għal sistema ta' asil kredibbli u effettiva li tipprovdi kundizzjonijiet ta' akkoljenza suffiċjenti u dinjitużi fl-UE kollha u li tiżgura l-aderenza mal-istandards ta' akkoljenza. Is-sitwazzjoni ta' influss qawwi fl-2015 u l-2016 barra minn hekk esponiet il-ħtieġa li l-Istati tal-UE+ ikunu ppreparati aħjar biex jittrattaw numri sproporzjonati ta' migranti li qed ifittxu r-rifuġju. Għalhekk, sar evidenti li l-awtoritajiet ta' akkoljenza jeħtieġu jsaħħu l-kapaċità tagħhom li jlaħħqu ma' sitwazzjonijiet volatili possibbli li jistgħu jqiegħdu s-sistema ta' akkoljenza tal-pajjiżi rispettivi taħt pressjoni għolja.

Huwa kruċjali li tissaħħaħ il-preparazzjoni u l-abbiltà tal-awtoritajiet ta' akkoljenza biex ilaħħqu ma' sitwazzjonijiet li joħolqu pressjoni organizzattiva. Jekk hux minn sitwazzjonijiet ta' influss qawwi kif jidher fl-Ewropa fi żminijiet riċenti jew minn xi fatturi oħra (eż. nar, epidemija, terremot), rispons immedjat, ikkoordinat u ppjanat minn qabel huwa essenzjali.

L-ippjanar ta' kontinġenza jassigura reazzjoni rapida u intenzjonata maħsuba tajjeb għal sitwazzjoni estrema possibbli jew avveniment li jirrikjedi miżuri ta' kontinġenza speċjali. Bħala riżultat, l-ippjanar ta' kontinġenza għandu dejjem isir meta jkun hemm probabbiltà għolja jew riskju li tista' sseħħ sitwazzjoni ta' influss qawwi.

Dan il-kuntest wassal lill-Kummissjoni Ewropea biex tagħmel xi proposti biex tadatta s-SEKA u tibdel il-qafas legali. Il-proposta tbiddel id-direttivi kollha relatati mal-asil f'regolamenti, minbarra d-Direttiva dwar il-Kondizzjonijiet ta' Akkoljenza, li xorta tibqa' Direttiva, iżda riveduta wkoll. Fil-proposta tar-riformulazzjoni tal-RCD, l-Istati tal-UE+ huma meħtieġa li jkollhom pjanijiet nazzjonali ta' kontinġenza biex ikunu ppreparati aħjar f'każ ta' influss qawwi f'daqqa. Innota li fil-mument tal-abbozzar ta' dan id-dokument, id-Direttiva u r-Regolamenti riformulati finali għadhom qed jiġu nnegozjati.

Il-pjanijiet ta' kontinġenza għandhom ikunu prattiċi, realistiċi u flessibbli. Meta jiġu implimentati, għandhom faċilment jissarrfu f'pjan ta' rispons operattiv. Il-pjan għandu jkun speċifiku aktar milli ġeneriku u mmexxi mill-proċess. L-ippjanar jippermetti lil dawk ikkonċernati ħin biex jaħsbu u jindirizzaw xi mistoqsijiet essenzjali, li jinkludu:

- X'jista' jiġri u x'jista' jkun l-impatt?
- Liema azzjonijiet u riżorsi jkun jeħtieġ dan?
- X'jista' jsir biex tiġi permessa tħejjija aħjar?

## 2. L-iskop u l-ambitu tal-gwida

L-għan ta' din il-gwida huwa multiplu. Bħala tali:

| | | |
|---|---|---|
| Hija maħsuba biex isservi ta' għajnuna għall-ippjanar u l-immaniġġjar dettaljati tad-diversi atturi f'sitwazzjoni ta' influss qawwi u biex tiffaċilita azzjoni bikrija kontra sitwazzjoni potenzjalment serja. | Għandha sservi wkoll bħala għodda li tgħin fl-immaniġġjar tal-inċertezza futura billi tiżviluppa risponsi minn qabel meta jkun hemm riskju kbir jew probabbiltà kbira li tista' sseħħ sitwazzjoni ta' influss qawwi. | Għandha tgħin lill-awtoritajiet tal-akkoljenza biex jantiċipaw u jsolvu l-problemi li jinqalgħu f'sitwazzjonijiet li jeskalaw malajr li jirrikjedu rispons immedjat. |

L-iskop ta' dan id-dokument huwa li jipprovdi gwida dwar l-ippjanar ta' kontinġenza mal-wasla. Madankollu, il-kontenut ta' dan id-dokument fih innifsu mhuwiex pjan ta' kontinġenza u għalhekk ma jistax jiġi kkupjat u implimentat b'mod dirett bħala wieħed. Barra minn hekk, l-istruttura tal-Awtoritajiet ta' Akkoljenza, il-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet, ir-responsabbiltajiet ... ivarjaw minn Stat Membru għal Stat Membru, li jfisser li approċċ ta' "wieħed jgħodd għal kulħadd" mhuwiex possibbli. Madankollu, il-kontenut ta' din il-gwida jista' jgħin lill-Istati Membri biex ifasslu l-pjan ta' kontinġenza nazzjonali tagħhom, billi jużaw partijiet differenti tal-gwida skont kif ikun meħtieġ. Filwaqt li l-ippjanar ta' kontinġenza jista' jkun meħtieġ għal numru ta' emerġenzi possibbli, din il-gwida tiffoka prinċipalment fuq sitwazzjonijiet fejn l-ippjanar ta' kontinġenza jkun meħtieġ minħabba influss qawwi ta' applikanti għal protezzjoni internazzjonali li kkawża restrizzjonijiet ta' riżorsi fis-sistema ta' akkoljenza.

**Innota li l-akkoljenza hija parti mis-sistema tal-asil u interdipendenti għad-determinazzjoni tal-asil. Kwalunkwe tibdil fid-Direttiva dwar il-Proċeduri tal-Asil u d-Direttiva tal-Kwalifikazzjoni awtomatikament jirrifletti l-bidliet fis-sistemi ta' akkoljenza.**

Il-gwida dwar l-ippjanar ta' kontinġenza tiffoka fuq l-awtoritajiet ta' akkoljenza u hija miktuba b'kunsiderazzjoni għall-persunal tal-akkoljenza. Madankollu, hemm elementi li huma applikabbli għal firxa wiesgħa ta' persunal irrispettivament mill-pożizzjoni tagħhom fl-awtoritajiet rispettivi tal-Istati tal-UE+. Dan id-dokument huwa stabbilit biex jagħti gwida lill-awtoritajiet ta' akkoljenza tal-Istati tal-UE+ sabiex jiġi żgurat li jkun hemm kapaċità li jiġu ttrattati malajr it-tipi kollha ta' emerġenzi li jaffettwaw jew jistgħu jaffettwaw is-sistema ta' akkoljenza tal-pajjiżi rispettivi. Dan huwa essenzjalment qafas għall-ippjanar ta' kontinġenza li jinkludi gwida u l-qsim tal-aħjar prattiki sabiex tissaħħaħ it-tħejjija għal sitwazzjonijiet ta' emerġenza u mekkaniżmi ta' akkwist għal rispons koordinat u effiċjenti.

Din l-għodda hija maħluqa biex tgħin lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet jieħdu deċiżjonijiet infurmati dwar azzjonijiet li jista' jkollhom effetti sostenibbli fuq is-sistema ta' akkoljenza tal-awtoritajiet u jimmaniġġjaw inċertezzi futuri billi jiżviluppaw reazzjonijiet rilevanti u effettivi għal diversi xenarji ta' emerġenza.

## 3. Prinċipji gwida

Din il-gwida dwar l-ippjanar ta' kontinġenza hija msejsa fuq dawn il-prinċipji gwida:

- Kull bniedem huwa vvalutat u rispettat, irrispettivament mis-sitwazzjoni ta' emerġenza. L-applikazzjoni ta' din il-gwida għandha ssir skont id-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem u t-trattati tan-Nazzjonijiet Uniti u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, id-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza u l-gwida tal-EASO b'kunsiderazzjoni għall-kundizzjonijiet ta' akkoljenza.
- Tirrispetta d-dritt ġenerali li tfittex asil u d-drittijiet ta' persuni li jeħtieġu protezzjoni internazzjonali, irrispettivament mis-sitwazzjoni, skont il-Karta Internazzjonali u Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Tiżgura aċċess rapidu għar-reġistrazzjoni u konformità mal-garanziji proċedurali kif ukoll aċċess rapidu għall-kundizzjonijiet ta' akkoljenza.
- Trasparenza u responsabbiltà. L-applikazzjoni ta' din il-gwida għandha tkun ibbażata fuq regoli trasparenti u ġusti u proċeduri ta' teħid ta' deċiżjonijiet. Mingħajr preġudizzju għar-rilevanza tal-involviment ta' atturi addizzjonali fl-implimentazzjoni ta' kompiti speċifiċi fis-sistemi nazzjonali ta' akkoljenza, ir-responsabbiltà globali sabiex jinkisbu l-ogħla livelli ta' trasparenza u responsabbiltà taqa' f'idejn l-awtorità ta' akkoljenza rispettiva
- Parteċipazzjoni. L-ippjanar ta' kontinġenza huwa l-iktar effettiv meta jsir fi proċess parteċipattiv u inklussiv. Il-kooperazzjoni fi ħdan il-mandati rispettivi, l-allinjament tal-għanijiet u l-istrateġiji ma' awtoritajiet oħra, speċjalment l-awtorità determinanti, u l-partijiet interessati kkonċernati se itejbu ħafna r-riżultat tar-rispons.

## 4. L-istruttura u l-format tal-gwida

Id-dokument huwa maqsum fi 13-il taqsima. Billi *l-kapitolu B li ġej — approċċ integrali għall-ippjanar ta' kontinġenza* — jimmira li jistabbilixxi l-approċċ ġenerali għall-ippjanar ta' kontinġenza għal dawk involuti fl-iżvilupp ta' pjan ġenerali. Il-kapitoli sussegwenti jiffukaw fuq aspetti speċifiċi marbuta ma' ppjanar ta' kontinġenza li jiffokaw aktar fuq il-persunal speċjalizzat li jaħdem fuq wieħed mill-aspetti li ġejjin marbutin mal-ippjanar ta' kontinġenza:


Monitoraġġ u valutazzjoni
Analiżi tar-riskju
Ġestjoni u proċess tat-teħid ta’ deċiżjonijiet
Maniġment ta’ informazzjoni
Koordinazzjoni esterna
Maniġment tal-baġit u riżorsi finanzjarji
Kapaċità ta’ akkomodazzjoni
Maniġment tar-riżorsi
Riżorsi umani
Standards minimi relatati mal-provvediment ta’ kundizzjonijiet ta’ akkoljenza
Sigurtà/sikurezza u prevenzjoni

# B. Approċċ integrali għall-ippjanar ta' kontinġenza

Dawn il-linji gwida huma approċċ dwar kif wieħed jaħseb dwar x'hemm bżonn li jiġi ppreparat, u kif wieħed jippjana sabiex pjan ta' rispons possibbli jista' jkun aktar effettiv. Sabiex jinkiseb dan, ittieħed approċċ ċikliku, li jkopri s-sitt aspetti li jistgħu jinstabu fid-dijagramma hawn taħt. L-aspetti huma interkonnessi u flimkien jiffurmaw approċċ sistematiku, koeżiv u olistiku għall-ippjanar ta' kontinġenza sabiex jiffaċilitaw reazzjoni effettiva għal sitwazzjonijiet ta' influss qawwi fis-sistema ta' akkoljenza. It-taqsimiet huma:




Il-gwida tiddeskrivi x'jista' jsir f'sitwazzjoni partikolari u turi azzjonijiet li jeħtieġ li jsiru qabel, matul u wara sitwazzjoni ta' influss qawwi. Meta jkunu qegħdin ifasslu pjan ta' kontinġenza huwa rrakkomandat li l-awtoritajiet ta' akkoljenza rispettivi jiżviluppaw sett ta' għodod komprensiv flimkien ma' mudelli, azzjonijiet ta' tħejjija standardizzati, proċeduri operattivi standard (SOPs), u serje ta' miżuri u rakkomandazzjonijiet oħra biex jindirizzaw ir-riskji antiċipati u jippermettu riżultati effiċjenti u affidabbli. It-taqsimiet li ġejjin se jinkludu referenzi għal aspetti fejn dawn il-mudelli u l-proċeduri operattivi standard se jkunu partikolarment utli. Anke jekk il-kamp ta' applikazzjoni ta' din il-gwida huwa l-akkoljenza, l-asil huwa sistema interkonnessa li tinkludi awtoritajiet ta' determinazzjoni, immigrazzjoni u akkoljenza, u jeħtieġ li l-azzjonijiet kollha jitqiesu f'dak is-sens.

Is-suġġerimenti inklużi f'dan id-dokument jirriflettu l-prattika li diġà teżisti fl-Istati tal-UE+. Skont liema jkunu r-riskji antiċipati, il-prijoritizzazzjoni u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet ippjanati minn qabel huma kruċjali. Hekk ukoll hija s-sorveljanza ta' indikaturi ta' twissija bikrija għal żviluppi li jistgħu jwasslu għal reazzjoni u jittrasformaw l-intenzjonijiet ippjanati minn qabel f'azzjoni.

## 1. Il-fażi tat-tħejjija u l-iżvilupp

L-ewwel fażi fl-ippjanar ta' kontinġenza hija dwar li tkun ippreparat. L-ippjanar jibda b'valutazzjonijiet tas-sitwazzjoni. Il-ġbir tal-analiżi tal-intelliġenza u l-valutazzjoni tar-riskju huma l-bażi tal-ippjanar ta' kontinġenza. Għalhekk huwa importanti li l-pjan jiġi marbut ma' analiżi u monitoraġġ tar-riskju sabiex il-pjan jirrifletti fuq informazzjoni speċifika.

L-għan ewlieni huwa li l-awtoritajiet ta' akkoljenza jitħallew jiżviluppaw livell meħtieġ ta' tħejjija li jiżgura li tkun tista' tingħata risposta suffiċjenti għal sitwazzjoni potenzjali ta' influss qawwi. Hemm ħafna azzjonijiet ta' tħejjija li jistgħu jiġu identifikati u proċessi li jistgħu jiġu stabbiliti qabel iż-żmien, qabel ma sseħħ.

Dan il-kapitolu jara kif partijiet speċifiċi ta' pjan jistgħu jiġu implimentati f'antiċipazzjoni ta' sitwazzjoni potenzjali ta' influss qawwi. Dawn għandhom jitqiesu bħala rakkomandazzjonijiet dwar kif wieħed jinvolvi ruħu fi proċess ta' ppjanar sabiex jiġu żviluppati strateġiji u kontromiżuri fit-trattament tal-impatt probabbli. L-iżviluppaturi ta' pjan ta' kontinġenza huma mħeġġa biex jaħsbu f'kuntest wiesa' ta' relazzjonijiet bejn l-aġenziji meta jħejju l-pjan u biex ma jillimitawx l-ippjanar biss għall-awtorità ta' akkoljenza.

Barra minn hekk, meta jiġi żviluppat il-pjan ta' kontinġenza huwa vitali li jiġu fformulati xenarji realistiċi u li jitfasslu pjanijiet ta' rispons effiċjenti li jibnu l-bażi tal-pjan ta' kontinġenza. Hija tiddeskrivi wkoll l-elementi ewlenin li

huma importanti sabiex jintlaħaq l-għan operattiv. Li tagħmel il-ħaġa t-tajba fiż-żmien it-tajjeb f'sitwazzjoni ta' emerġenza hija ta' importanza kruċjali. Li tipproċedi b'ħeffa kbira filwaqt li tnaqqas l-iżbalji, huwa l-effett mixtieq.

### • Tħejjija attiva

Dan il-kunċett jirreferi għal approċċ proattiv għall-preparazzjoni. Dan jista' jfisser tħejjija ta' inventarji tar-riżorsi pendenti kollha bħal postijiet u provvisti żejda kif ukoll elenkar u aġġornament regolari ta' informazzjoni bħal reġistri, inventarji, livelli ta' ħażniet, u listi ta' persunal u l-kapaċitajiet tagħhom. Fl-aħħarnett, huwa jirreferi għall-identifikazzjoni proattiva tal-atturi rilevanti kollha inkluż is-settur privat u jeżamina l-kapaċità tagħhom.

### • Żvilupp ta' xenarji u suppożizzjonijiet ta' ppjanar

Proċess ta' ppjanar ibbażat fuq ix-xenarju jippermetti l-ippjanar bil-quddiem sabiex jiġi orkestrat pjan ta' rispons koordinat. L-iżvilupp ta' xenarji ta' sitwazzjonijiet antiċipati se jgħin lill-iżviluppaturi tal-pjan ta' kontinġenza biex jaħsbu dwar l-implikazzjonijiet possibbli tiegħu fuq is-sistema ta' akkoljenza. Li tipprova tantiċipa kif se tiżviluppa sitwazzjoni se tagħmel kwalunkwe strateġija ta' rispons aktar effettiva. Permezz tal-formulazzjoni ta' xenarji miftiehma plawżibbli, l-awtoritajiet ta' akkoljenza jistgħu jippjanaw strateġija ta' rispons u jistabbilixxu l-iskala tar-rispons. L-enfasi għandha dejjem tkun fuq kwistjonijiet operattivi. Is-suppożizzjonijiet tal-ippjanar għandhom ikunu definiti b'mod ċar kif ukoll x'jistgħu jkunu x-xenarji antiċipati jew plawżibbli. Kawżi u indikaturi bikrija ta' twissija għandhom jiġu identifikati fil-proċess tal-bini ta' xenarju (eż. rata ta' okkupazzjoni, dħul u ħruġ, ħin ta' proċessar ta' determinazzjoni). Il-bini fil-limiti u l-iskali tal-livelli ta' attenzjoni se jgħinu jiddeterminaw meta s-sitwazzjoni tkun imxiet minn livell għall-ieħor. X'inhu dak li jattiva l-bidla tal-livell huwa distinzjoni importanti. Permezz ta' monitoraġġ tal-iżvilupp kontra l-limiti, is-severità tista' tiġi ddeterminata aħjar.

L-għan tal-livelli ta' attenzjoni huwa wkoll li jikkontrollaw l-attivitajiet internament u fir-rigward ta' atturi oħra u li jipprovdu nomenklatura uniformi. Iż-żieda fil-livell ta' attenzjoni hija miżura proattiva, li tista' tiġi applikata meta jkun hemm riskju miżjud li l-awtorità ta' akkoljenza ma tkunx tista' timmaniġġja l-assenjazzjoni tagħhom u għandha ssir prijoritizzazzjoni tal-użu tar-riżorsi. Kull żieda jew tnaqqis fil-livell ta' attenzjoni għandha konsegwenzi għall-awtorità ta' akkoljenza u l-atturi involuti, għalhekk il-komunikazzjoni effiċjenti ta' kwalunkwe deċiżjoni hija essenzjali.

### • L-iżvilupp ta' pjan ta' kontinġenza

L-analiżi tar-riskju antiċipat tfisser l-isforz sabiex jiġi evitat jew jittaffa l-impatt possibbli. Il-pjan ta' rispons se jiddependi fuq il-livell ta' tħejjija u l-ippjanar tal-awtoritajiet. Għandha ssir ħidma ulterjuri sabiex jiġu identifikati l-kapaċitajiet u r-riżorsi meħtieġa, x'inhuma n-nuqqasijiet possibbli u liema kontromiżuri rilevanti jistgħu jiġu implimentati sabiex inaqqsu kemm jista' jkun l-iskala tal-impatt u jwasslu għal rispons ta' suċċess. Huwa wkoll importanti li jiġu identifikati proċeduri prattiċi u l-limitazzjonijiet operattivi potenzjali, li dawn imbagħad jeħtieġ li jintużaw sabiex jiġi fformulat pjan ta' rispons. It-teħid ta' xenarju għall-konklużjoni huwa pass kruċjali biex jintlaħaq suċċess operattiv.

## 2. Il-fażi tar-rispons u t-tmexxija

Il-pjan ta' kontinġenza għandu jagħti gwida dwar kif il-pjan ta' rispons għandu jiġi attivat u jidentifika min se jirrispondi, meta u fejn. Ħidma f'approċċ orjentat lejn soluzzjoni u inklussiv se ttejjeb iċ-ċansijiet tiegħek ta' suċċess operattiv. L-istabbiliment ta' diviżjonijiet ċari tar-rwoli, ir-responsabbiltajiet u l-mandati huwa kritiku sabiex il-pjan jiġi tradott f'rispons azzjonabbli.

### • L-attivazzjoni tal-pjan

Li tkun taf *meta* tirrispondi huwa kważi importanti daqs li tkun taf kif tirrispondi. Dan jista' jiffranka l-ħin tant meħtieġ. Kawżi u limiti għandhom ikunu definiti sew u l-indikaturi għandhom ikunu karatterizzati b'mod ċar biex jippermettu rispons f'waqtu. Fil-qafas ta' sistema ta' twissija bikrija, ikun tajjeb li toħroġ b'definizzjoni numerika fuq livell nazzjonali tat-terminu influss qawwi. Limiti possibbli jistgħu jkunu: ċerta żieda fil-wasliet fuq perjodu ta' żmien definit, qsim ta' rata ta' okkupazzjoni definita minn qabel għal perjodu ta' żmien (li jiddefinixxi tnaqqis ta' akkoljenza kwalitattiva minħabba l-ammont ta' xogħol), żieda ta' persuni bi bżonnijiet speċjali, eċċ. Barra minn hekk, il-kawżi u l-indikaturi jeħtieġ li jiġu adattati għall-kuntest tar-riskju emerġenti inkwistjoni. Il-mandat għall-attivazzjoni tal-pjan jeħtieġ li jiġi predeterminat.

- ### Ir-rispons għall-influss qawwi u t-tmexxija tal-azzjoni

Reazzjoni effettiva u effiċjenti tirrikjedi azzjoni kollettiva. It-tmexxija u l-koordinazzjoni huma kruċjali sabiex titjieb il-kapaċità li wieħed ikun jiflaħ u jirreżisti sitwazzjoni ta' emerġenza. Jeħtieġ li jittieħdu miżuri u deċiżjonijiet sabiex jiġu assenjati responsabbiltajiet differenti u fuq liema skedi ta' żmien huma applikabbli. Kun żgur li jintlaħaq ftehim reċiproku dwarhom. Huwa importanti li diġà jkun hemm fis-seħħ strutturi ta' kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet u l-atturi rilevanti. L-iżgurar tal-kontinwità operattiva u l-istrutturi ta' koordinazzjoni effiċjenti jiżguraw li l-miżuri deċiżi meħuda huma koerenti u effettivi. L-għan huwa li l-fażi ta' rispons u ta' tmexxija jeħtieġ li tkun qasira kemm jista' jkun.

## 3. Il-fażi ta' reviżjoni u aġġustament

L-implimentazzjoni ta' dawn il-linji gwida jeħtieġ li tkun ivvalorizzata f'intervalli regolari. L-ippjanar ta' kontinġenza huwa proċess kontinwu, u reviżjonijiet u aġġornamenti regolari u skedati jiżguraw li l-pjan jibqa' rilevanti. Jekk hix sitwazzjoni ta' influss tal-massa li teskala malajr jew li tonqos f'daqqa jew jekk hemmx tnaqqis f'daqqa fil-vista, l-awtorità ta' akkoljenza jeħtieġ li jkollha pjan fis-seħħ dwar kif l-organizzazzjoni kollha se taġġusta għas-sitwazzjoni inkwistjoni lil hinn mill-pjan ta' kontinġenza.Dwar il-monitoraġġ kostanti, għandha ssir analiżi fil-forma ta' pjan ta' aġġustament dwar kif l-organizzazzjoni għandha tiġi aġġustata għas-sitwazzjoni l-ġdida sabiex l-awtorità ta' akkoljenza b'mod effiċjenti tkun tista' tadatta u taġġusta għall-ambjent il-ġdid li qed topera fih. Tipikament, ir-rispons għas-sitwazzjoni jiġi segwit minn tnaqqis fid-daqs, u tnaqqis gradwali tal-miżuri ta' kontinġenza jeħtieġ li mbagħad jiġi implimentat.Iżda jista' jkun hemm bżonn ta' żieda akbar ukoll jekk il-monitoraġġ ma jurix li l-miżuri jkunu ttieħdu jkunux biżżejjed bħala risposta.

- ### L-evalwazzjoni tal-pjan u r-rispons

L-evalwazzjoni hija mekkaniżmu ta' responsabbiltà importanti. Wara li jitlesta rispons jeħtieġ li ssir reviżjoni estensiva tal-azzjonijiet li jkunu ttieħdu sabiex jiġi ddeterminat jekk twettqux miżuri rilevanti u sostenibbli u jekk intlaħqitx eżenzjoni kif kien maħsub.

Id-deċiżjonijiet u l-azzjonijiet għandhom ikunu dokumentati b'mod korrett u magħmula f'ordni stabbilit qabel. It-trasparenza u r-responsabilità għandhom importanza kbira fil-proċess ta' reviżjoni u l-possibbiltà li jsir awditu estern għandha tittieħed f'kunsiderazzjoni. Barra minn hekk, il-mumenti kollha ta' nuqqas ta' konformità mal-liġi jew mal-proċeduri jeħtieġ li jiġu dokumentati minnufih analizzati malli jsiru.

- ### Fittex reazzjoni u utilizza t-tagħlimiet meħuda

Ikkomunika r-riżultati u t-tagħlimiet meħuda fl-awtorità u lill-partijiet ikkonċernati u s-sħab l-oħra. Huwa importanti li jsiru sforzi sabiex jinkisbu feedback u suġġerimenti għal titjib u tibdil mill-partijiet kollha involuti, inkluż mill-benefiċjarji. L-ippjanar ta' kontinġenza huwa proċess, għalhekk stenna li l-pjan jinbidel hekk kif esperjenzi u għarfien ġodda jiddaħħlu fil-proċess tal-ippjanar.

Sabiex ixxerred l-għarfien dwar it-tagħlimiet meħuda u l-aħjar prattiki stabbiliti huwa importanti ħafna li tidentifika, tiġbor u tanalizza l-informazzjoni. Dan se jiffaċilita l-adattament meħtieġ biex jitjiebu r-reazzjonijiet futuri u jiġi istituzzjonalizzat l-għarfien kif ukoll titjieb l-integrazzjoni organizzattiva. L-evalwazzjoni għandha rwol importanti fit-tfittxija ta' titjib kontinwu u jeħtieġ li ssir fuq il-livelli kollha f'organizzazzjoni u mingħajr dubju din se tinfluwenza b'mod pożittiv ir-riżultat tal-azzjonijiet li ġejjin.

- ### Aġġustament

L-ippjanar ta' kontinġenza huwa riżultat tal-valutazzjoni tar-riskju. Għalhekk, pjan ta' kontinġenza jrid jiġi adattat meta riskju jinbidel b'mod sinifikanti. Fatturi oħra wkoll, bħal bidliet fil-liġi, jistgħu jeħtieġu aġġornament għall-pjan. Huwa rakkomandat li l-pjan jiġi rivedut u li jiġu mfittxija elementi li jistgħu ma jkunux aktar applikabbli jew li jeħtieġu reviżjoni fuq bażi regolari.

Il-kapaċità tal-bidla jeħtieġ li tiġi kkunsidrata fl-implimentazzjoni tal-aġġustamenti. Il-bidliet għandhom jiġu adottati fil-livelli kollha u implimentati mill-atturi kollha. Huwa speċjalment rilevanti jekk il-pjan tal-awtorità ta' akkoljenza jirrappreżenta l-bażi għall-kooperazzjoni ma' awtoritajiet differenti. Għalhekk, l-aġġornament tal-pjan jeħtieġ li jsir b'mod li ma jnaqqasx it-tħejjija tal-awtorità ta' akkoljenza għall-azzjoni.

# C. Monitoraġġ u valutazzjoni

Matul il-proċess tal-ippjanar, jeħtieġ li jiġu identifikati u rreġistrati azzjonijiet speċifiċi ta' tħejjija jew kwistjonijiet li jeħtieġu segwitu. L-ippjanar ta' kontinġenza huwa parti integrali mill-proċess tal-ippjanar kontinwu u jeħtieġ li ma jitqiesx bħala attività ta' eċċezzjoni. Huwa wkoll proċess ta' monitoraġġ kostanti tal-progressjoni u l-aġġustament tal-objettivi sabiex jiġu kkunsidrati realtajiet ġodda, hekk kif is-sitwazzjoni tiżviluppa kontinwament u jitfaċċaw avvenimenti ġodda.

## X'inhu l-għan ta' twissijiet bikrin?

Twissija bikrija taqdi numru ta' funzjonijiet, prinċipalment li:

- tbassar li xi ħaġa tista' sseħħ qabel ma din tiġri — Tinħoloq sensibilizzazzjoni
- tagħmel valutazzjoni dwar il-konsegwenzi possibbli jekk tassew isseħħ — Tiġi żgurata tħejjija
- tikkomunika l-konklużjonijiet u l-valutazzjonijiet lill-persuni li jistgħu jieħdu deċiżjonijiet rilevanti bbażati fuq fatti u analiżi aktar milli preżunzjonijiet — Jiġi żgurat teħid ta' deċiżjonijiet ibbażat fuq il-fatti

L-għan huwa li tingħata informazzjoni għat-teħid ta' deċiżjonijiet sabiex tiġi evitata sitwazzjoni meta l-avvenimenti jkunu diġà qed jiżviluppaw u jista' jkun tard wisq biex wieħed jaġixxi. Għalhekk, it-twissija bikrija tiffoka fuq l-ippjanar u t-teħid ta' prekawzjonijiet. Twissija bikrija li ma taqax taħt id-deskrizzjoni mhijiex utli ħafna. Twissijiet bikrin iservu wkoll skop fl-ippjanar ta' emerġenza. F'dan il-każ, sforzi kkoordinati ma' atturi nazzjonali u internazzjonali oħra (eż. UE, UNHCR, IOM, IRC) jistgħu jingħataw bidu abbażi tal-informazzjoni u l-analiżi li jinsabu fi twissija bikrija. Huwa rakkomandabbli li jintużaw dokumenti u għodda eżistenti bħal Sistema ta' Twissija Bikrija u Tħejjija (EPS) u l-bażi tad-*data* tal-fatturi ta' spinta u ta' ġibda.

## Meta tinħareġ twissija bikrija?

Twissija għandha tinħareġ meta l-kapaċità tiegħek ma tkunx flessibbli jew kapaċi biżżejjed biex tassorbi l-influss. Jeħtieġ li din tagħti biżżejjed żmien biex l-awtoritajiet ta' akkoljenza jaġixxu. L-awtoritajiet ta' akkoljenza jeħtieġ li jiddefinixxu bil-quddiem kemm żmien ikun meħtieġ għal eż. attivazzjoni ta' kapaċità addizzjonali, ħolqien ta' postijiet speċifiċi għat-tfal u persuni bi kwistjonijiet ta' mobbiltà.

Dawn huma l-karatteristiċi li jeħtieġ li jkunu fis-seħħ sabiex twissija bikrija tinħareġ:

**F'WAQTHA**

identifikazzjoni f'waqtha

Jekk tiġi identifikata tard wisq m'għadhiex twissija bikrija — iżda pjuttost spjegazzjoni ta' dak li diġà qed jiġri

**ĊARA**

identifikazzjoni ċara

X'inhu fil-fatt is-suġġett tad-diskors? Diskors biss dwar influss staġjonali, pereżempju, jista' ma jkunx speċifiku biżżejjed. Ikun aħjar li jiġi speċifikat il-perjodu ta' żmien u n-nazzjonalitajiet affettwati, kif ukoll il-kawża.

**ANALITIKA**

analiżi tal-konsegwenzi

Jekk din ma ssirx, it-tmexxija rilevanti ma tkunx tista' tieħu deċiżjonijiet infurmati b'mod sħiħ.

**RILEVANTI**

rilevanza tal-konsegwenzi

Jekk il-konsegwenzi huma marġinali ma jkunx sew li tinħareġ twissija bikrija.

Aktar ma jkollha informazzjoni rilevanti t-twissija aktar aħjar. Huwa wkoll importanti li t-twissijiet jinħarġu fil-ħin. Ħafna drabi jkun diffiċli li jiġu identifikati l-konsegwenzi meta jkun qed iseħħ avveniment drammatiku.

## Prattika tajba
## Il-mudell analitiku implimentat f'awtorità ta' akkoljenza ta' stat tal-UE+

Mod wieħed kif Stat Membru tal-UE+ adotta l-implimentazzjoni tas-sistema ta' twissija bikrija huwa permezz tal-ħolqien ta' Unità għall-Intelliġenza tal-Migrazzjoni. Din is-sistema hija inkorporata fil-mudell analitiku tal-unità. Bħalissa l-unità tipproduċi materjal ta' intelliġenza u analiżi għal tliet prodotti ewlenin — erba' karti tal-pronjosi annwali, rapport ta' kull xahar u rapport ta' kull ġimgħa. Il-prodotti jiffokaw fuq perjodi ta' żmien differenti u għalhekk jieħdu approċċi differenti minn twissijiet bikrin.

Ir-rapport ta' kull ġimgħa huwa ffokat fuq materjal ta' intelliġenza u huwa deskrittiv aktar milli analitiku. Ir-rapport ta' kull xahar jagħmel valutazzjoni dwar in-numru ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali mistennija fit-tliet xhur li ġejjin, u għandu aktar profondità analitika. Il-karta tal-pronjosi tiffoka fuq in-numru ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali fis-snin attwali u li ġejjin. Fid-dokument tal-pronjosi jiġu identifikati numru ta' fatturi ewlenin — fatturi li jistgħu jinfluwenzaw in-numru ta' applikanti għal protezzjoni internazzjonali skont kif l-avvenimenti jiżviluppaw. Dawn ovvjament huma avvenimenti possibbli iżda magħrufa — xenarji identifikabbli.

Ir-rapport ta' kull xahar għandu l-għan li jagħmel valutazzjoni dwar l-aktar żvilupp probabbli għall-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali f'perjodu ta' żmien aktar qasir (minn xahar sa tliet xhur). Huma jiffukaw ukoll fuq żviluppi alternattivi possibbli. Wara dan jidentifikaw indikaturi li jissuġġerixxu żvilupp b'effett devjanti fuq in-numru ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali fil-pajjiż. L-idea hi li primarjament jiġu identifikati indikaturi li jindikaw żvilupp alternattiv.

Fir-rapport ta' kull ġimgħa, jinġabar materjal ta' intelliġenza bbażat fuq dawn l-indikaturi. Abbażi ta' dak li jirriżulta, il-valutazzjonijiet mill-aħħar rapport ta' kull xahar jiġu vvalutati u indikaturi ġodda jiġu derivati mill-proċess analitiku. Il-kwalità tal-indikaturi hija essenzjali għas-sistema ta' twissija bikrija. L-indikaturi għandu jkollhom rabta speċifika mal-avveniment identifikat u l-informazzjoni aġġornata dwar l-indikatur trid tkun faċilment disponibbli. Dejjem ikun preferibbli jekk l-indikatur ikun numru jew għall-inqas kwantifikabbli. Ir-reazzjoni għan-numri u l-indikaturi tal-monitoraġġ issir fuq livell konsistenti f'rapporti ta' kull ġimgħa. Dawn ir-rapporti jittrattaw ukoll numru ta' suġġetti oħra. Ir-rapport jimmira wkoll li jidentifika mudelli ġodda, pereżempju influss f'daqqa ta' ċerta nazzjonalità — u li jispjega n-numru li jkun dieħel ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali b'mod ġenerali. B'dan il-mod, l-għan huwa li jiġu koperti l-konsegwenzi ta' avvenimenti mhux magħrufa li jinfluwenzaw in-numru ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali. Filwaqt li huwa diffiċli li jiġu identifikati l-avvenimenti li jikkawżaw bidliet fin-numru ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali, l-effett jista' jiġi identifikat pjuttost kmieni fil-proċess.

Fl-aħħar nett iżda daqstant importanti huwa l-kamp ta' applikazzjoni pjuttost wiesa' tal-materjal ta' intelliġenza li jrid jinġabar. L-intelliġenza miġbura mhix immirata esklussivament għal kontribuzzjoni speċifika għal wieħed mill-prodotti jew esklussivament immirata lejn indikatur identifikat, pjuttost għall-kuntrarju. Il-parti ewlenija li l-intelliġenza ġabret qatt ma tasal għal prodott jew tidħol fis-sistema analitika tal-indikaturi. L-idea hi li tkun wiesgħa kemm jista' jkun għaliex wieħed ma jistax ikun jaf x'se jkun importanti l-ġimgħa d-dieħla jew ix-xahar li ġej. Din il-parti tat-tfittxija għal twissijiet bikrija għalhekk hija parzjalment għamja.

# D. Analiżi tar-riskju

Peress li wieħed ma jistax jippjana għal kull eventwalità, analiżi tar-riskju se tgħin fl-identifikazzjoni u l-fehim ta’ problemi potenzjali u l-probabbiltà li din timmaterjalizza. Min-naħa l-oħra, huwa possibbli li dawn il-problemi jiġu mmaniġġjati u l-impatt tagħhom jitnaqqas kemm jista’. L-informazzjoni mill-analiżi tar-riskju flimkien mal-informazzjoni mis-sistema ta’ twissija bikrija se tipprovdi bażi ta’ informazzjoni li minnha wieħed jista’ jagħti prijorità lil liema riskju se jiġi sorveljat aktar mill-qrib. Huwa importanti li jkun hemm mekkaniżmu ta’ valutazzjoni tar-riskju mgħaġġel u effiċjenti sabiex tkun tista’ tissaħħaħ it-tħejjija.

Ir-rwol tal-prevenzjoni huwa diffiċli biex jiġi stmat iżżejjed; dan ifisser li huwa proattiv. Sitwazzjonijiet ta’ influss qawwi jistgħu jwasslu għal theddid kontra l-kapaċità tal-awtoritajiet ta’ akkoljenza li jipprovdu kundizzjonijiet ta’ akkoljenza. Fi kwalunkwe azzjoni oħra kontra theddid possibbli, l-enfasi prinċipali jeħtieġ li tkun fuq il-prevenzjoni. L-awtoritajiet ta’ akkoljenza għandhom jivvalutaw x’inhu l-impatt għal, pereżempju, it-tul taż-żjara tal-applikanti, il-baġit, il-ħtiġijiet tal-HR, il-prevenzjoni ta’ inċidenti, l-analiżi tal-impatt fuq it-tfal, eċċ. It-theddid possibbli jista’ jitqiegħed f’kategorija xierqa skont il-possibbiltà li jiġri u l-kamp ta’ applikazzjoni tal-ħsara kkawżata:

| **Possibbiltà li jiġri** / **Ħsara kkawżata** | Baxxa | Moderata | Għolja | Għolja ħafna |
|---|---|---|---|---|
| Baxxa | | | | |
| Moderata | | | | |
| Għolja | | | | |
| Għolja ħafna | | | | |

Għandhom jiġu applikati prinċipji ġenerali tal-immaniġġjar tar-riskju; pereżempju, it-theddidiet assenjati lill-kategoriji ħomor jeħtieġ li jiġu trattati bi prijorità assoluta.

Huwa importanti li tintgħażel reazzjoni xierqa għal riskju, li tista’ tkun:

**Evitar**
- Din l-istrateġija tagħti livell għoli ta’ sigurtà iżda twassal biex wieħed jastjeni minn azzjonijiet riskjużi u għalhekk tillimita s-saħħa operattiva.

**Kontrollar**
- Din l-istrateġija tippermetti l-operat iżda teħtieġ l-użu ta’ aktar riżorsi għal miżuri straordinarji ta’ sigurtà.

**Mitigazzjoni**
- Hija strateġija xierqa għal theddidiet b’possibbiltà għolja li jiġru u b’livell baxx ta’ ħsara kkawżata. Aħna naċċettaw il-ħsara u nnaqqsu l-effetti tagħha.

**Aċċettazzjoni**
- Strateġija li fiha jitwettqu l-azzjonijiet irrispettivament minn kwalunkwe theddid minħabba l-probabbiltà baxxa tagħhom li jiġru u l-ħsara baxxa kkawżata.

**Trasferiment**
- Din tfisser it-trasferiment tar-riskju għal entità oħra — eż. l-assigurazzjoni.

## Miżuri ta’ mitigazzjoni

Biex tagħżel miżura xierqa, huwa meħtieġ li jiġi ddeterminat il-livell tat-theddida partikolari (eż. bl-użu tat-tabella tal-analiżi tar-riskju hawn fuq) u mbagħad jiġi abbinat mar-reazzjoni xierqa għar-riskju. Huwa importanti li wieħed jiftakar jidħol aktar fil-fond f’kull riskju u jfittex l-aspetti differenti li jinfluwenzaw il-probabbiltà li dan jiġri u l-impatt tiegħu. Kemm is-suppożizzjonijiet *a priori* kif ukoll l-esperjenza fit-tul jistgħu jintużaw biex jiġu indikati l-fatturi ta’ kull periklu u jiġi ddeterminat il-livell tagħhom.

Jistgħu jiġu organizzati simulazzjonijiet u eżerċizzji ta’ desktop matul il-fażi tat-tħejjija u l-iżvilupp sabiex jiġu identifikati aħjar ir-riskji u l-miżuri ta’ mitigazzjoni relatati.

Eżempju: riskju ta’ vjolenza fil-faċilitajiet li jiġi kkawżat, pereżempju bl-akkomodazzjoni flimkien ta’ gruppi etniċi differenti. Ir-reazzjonijiet possibbli għal din it-theddida huma

- Evitar — li jsiru l-isforzi kollha sabiex dawn iż-żewġ gruppi jiġu sseparati, anke jekk dan iwassal għal kapaċità aktar baxxa, nefqa ħafna akbar tar-riżorsi, eċċ.
- Kontrollar — salvagwardja, sorveljanza bil-vidjow, eċċ.
- Mitigazzjoni — medjazzjoni bejn gruppi f’kunflitt f’każ ta’ vjolenza.
- Aċċettazzjoni — suppożizzjoni li minħabba riżorsi limitati ħafna ma hemm l-ebda possibbiltà li tiġi evitata l-vjolenza, li jissejħu azzjonijiet tal-pulizija u dawk legali f’każ ta’ ksur tal-liġi.

# E. Ġestjoni u proċess tat-teħid ta’ deċiżjonijiet

## 1. Introduzzjoni

L-għan ta’ dan il-kapitolu huwa li jistabbilixxi proċessi ta’ teħid ta’ deċiżjonijiet rapidi matul sitwazzjoni ta’ influss qawwi. Sabiex jinkiseb dan, huwa importanti li tiġi żgurata struttura ċara dwar min huwa awtorizzat biex jattiva l-pjan ta’ kontinġenza, u biex tinħoloq sensibilizzazzjoni tas-sitwazzjoni sabiex jiġi żgurat li kulħadd ikun infurmat dwar l-attivazzjoni tiegħu. Dawn il-proċessi jeħtieġ li jkunu ċari fil-livell nazzjonali jew subnazzjonali, skont it-twaqqif tas-sistema ta’ akkoljenza u l-impatt tas-sitwazzjoni ta’ influss qawwi.

Huwa kruċjali li jkun hemm responsabbiltajiet u mandati definiti tajjeb fis-seħħ kif ukoll li jiġu identifikati u stabbiliti proċessi ta’ teħid ta’ deċiżjonijiet rapidi li se jikkontribwixxu bil-quddiem għat-trasparenza fil-proċess tat-teħid ta’ deċiżjonijiet. Barra minn hekk, deskrizzjoni tal-livelli ta’ ġestjoni ta’ kontinġenza għandha tkun fis-seħħ u magħrufa fl-organizzazzjoni kollha.

Fl-isforz biex jinkiseb l-aħjar pjan ta’ kontinġenza possibbli u r-rispons huwa rrakkomandat li l-ħidma ssir skont dawn il-prinċipji:

***Responsabbiltà***

- Il-persuna responsabbli f’ċirkostanzi normali għandha wkoll ir-responsabbiltà li tieħu l-prekawzjonijiet meħtieġa relatati mat-tħejjija ta’ emerġenza u li tittratta inċidenti straordinarji fil-qasam ta’ responsabbiltà tagħha. Għandu jiġi deċiż minn qabel liema kompiti jistgħu jiġu sospiżi, delegati, ...

***L-ugwaljanzà***

- L-istruttura organizzattiva matul sitwazzjoni ta’ influss qawwi għandha tkun simili għall-istruttura li tintuża waqt kundizzjonijiet normali.
- Jekk possibbli, l-operazzjonijiet għandhom ukoll ikunu ġestiti fl-istess sit bħal meta jkun hemm kundizzjonijiet normali.

***Prossimità***

- Kun żgur li d-deċiżjonijiet li jittieħdu jkunu bbażati fuq informazzjoni mill-qasam, u li jkunu adattati għas-sitwazzjoni speċifika
- Is-sitwazzjonijiet għandhom jiġu ttrattati kemm jista’ jkun qrib is-sit li jseħħu, u minn dawk li jiġu affettwati u responsabbli

***Kooperazzjoni***

- L-awtoritajiet, l-intrapriżi u d-dipartimenti kollha għandhom ir-responsabbiltà li jiżguraw l-aħjar kooperazzjoni possibbli ma’ atturi u intrapriżi rilevanti fl-isforz biex jipprevjenu, jippreparaw għal u jimmaniġġjaw emerġenza.

## 2. Il-fażi tat-tħejjija u l-iżvilupp

### • Twaqqif ta’ strateġija

Huwa fundamentali li jiġi spjegat b’mod ċar l-objettiv ġenerali tal-pjan ta’ kontinġenza, sabiex jgħin jiddefinixxi l-għanijiet u l-objettivi tar-rispons. Dan huwa essenzjali sabiex jiġi żgurat li jiddaħħlu fis-seħħ l-azzjonijiet ġusti u li kulħadd ikun qed jaħdem għall-istess għan. L-iżviluppaturi ta’ pjanijiet ta’ kontinġenza għandhom jiżguraw li jkun hemm proċess strutturat għas-segwitu sabiex l-azzjonijiet li jintgħażlu jappoġġjaw l-għan ġenerali.

- ## Rwoli u mandati

Is-sjieda u l-mandati għandhom jiġu definiti fil-livelli kollha tal-organizzazzjoni. Il-maniġment għandu jiżgura li d-deċiżjonijiet jittieħdu fuq livell strateġiku u jkunu responsabbli wkoll għall-ippjanar fit-tul. Għandu jiġi żgurat ukoll li s-soluzzjonijiet u x-xogħol isiru b'mod attiv bil-kooperazzjoni tal-atturi kollha involuti. F'sitwazzjonijiet fejn xi parti minn, jew l-awtorità ta' akkoljenza kollha tkun taħt pressjoni, huwa partikolarment importanti li tintwera preżenza ta' tmexxija fil-post sabiex jiġi żgurat li jkun hemm appoġġ xieraq. Għandu wkoll jiġi ċċarat min għandu l-mandat biex jiddeċiedi dwar it-tibdil tal-livelli ta' attenzjoni.

- ## Validazzjoni

Il-validazzjoni mhix biss proċedura formali. Hija wkoll element ewlieni minħabba li taffettwa l-istituzzjonijiet li għalihom il-pjan huwa vinkolanti. Għalhekk, il-livell ta' validazzjoni għandu jkun konsistenti u għoli biżżejjed fil-ġerarkija, biex jinkludi l-awtoritajiet kollha stipulat fil-pjan biex jitwettqu l-kompiti mogħtija lilhom. Aktar ma l-kamp ta' applikazzjoni jkun wiesa', aktar ikun twil l-ammont ta' ħin meħtieġ biex jiġi validat jew aktar tard jiġi aġġornat il-pjan. Għalhekk, l-inklużjoni tal-akbar numru ta' istituzzjonijiet possibbli mhux dejjem tkun soluzzjoni tajba. Biex tagħmel il-pjan effettiv, għandha issir distinzjoni bejn liema awtoritajiet attwalment huma essenzjali sabiex jintlaħqu l-għanijiet, u liema minnhom ma jinħtiġux konsultazzjoni.

- ## Il-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet

Il-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet jeħtieġ li jiffaċilita deċiżjonijiet rapidi, f'waqthom u trasparenti. Huwa importanti li jkun hemm proċess biex il-parti maħsuba tal-awtorità tkun tista' tirċievi u teżegwixxi d-direttivi u l-assenjazzjonijiet b'mod effettiv. Il-kapaċitajiet tal-awtorità ta' akkoljenza li tieħu deċiżjonijiet malajr u effiċjenti jeħtieġ li jiġu analizzati fil-fażijiet kollha.

**Żomm l-istrutturi organizzattivi eżistenti kemm jista' jkun 'il bogħod,** minflok ma tibni strutturi ġodda jew paralleli. Dan, sa ċertu punt, se jiżgura li l-azzjoni tibqa' ma' dawk li jaħdmu fil-qasam u jafu l-proċeduri, il-limitazzjonijiet u l-isfidi.

Normalment matul sitwazzjoni ta 'influss qawwi ma jkunx hemm biżżejjed **żmien** biex wieħed iħejji u jipprepara. Għalhekk huwa essenzjali li tittieħed deċiżjoni fuq ordni ta' azzjonijiet minn qabel. Huwa utli li l-ewwel jiġi stabbilit liema azzjonijiet huma dipendenti fuq oħrajn u mbagħad tinħoloq sekwenza ta' azzjonijiet. Dan se jgħin biex jiġu identifikati l-kawżi prinċipali tal-isfidi u l-prijoritajiet. F'proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet huwa essenzjali li jingħataw prijorità l-azzjonijiet ibbażati fuq fatturi bħall-ħin, il-probabbiltà u d-disponibbiltà ta' riżorsi, sabiex dawn jintużaw b'mod effiċjenti.

Għalhekk il-prijoritizzazzjoni fuq il-bażi tal-effiċjenza tirrikjedi analiżi msaħħa tal-forniment tal-kundizzjonijiet ta' akkoljenza u hija parti mill-għażla tal-metodoloġija t-tajba sabiex tinkiseb il-provvista ta' kull servizz.

- ## Attivazzjoni ta' mekkaniżmu ta' koordinazzjoni interna

Mod li jiffaċilita proċess effiċjenti ta' teħid ta' deċiżjonijiet mingħajr ma jissostitwixxi strutturi eżistenti, f'sitwazzjoni ta' influss għoli, huwa li jiġi attivat mekkaniżmu ta' koordinazzjoni intern, rappreżentat minn tim iddefinit internament.

Jeħtieġ li **l-mandat tat-tim ta' koordinazzjoni jiġi definit b'mod ċar** qabel is-sitwazzjoni ta' influss qawwi sabiex il-membri tat-tim ikunu jafu kif jaġixxu u x'għandhom jistennew. Il-mandat tat-tim ta' koordinazzjoni għandu dejjem jinkludi dan li ġej:

- qsim ta' informazzjoni bejn id-dipartimenti
- sensibilizzazzjoni tas-sitwazzjoni fl-organizzazzjoni u l-iżgurar li kull servizz/dipartiment jaqleb fil-fażi ta' azzjoni/tmexxija
- definizzjoni/aġġustament tal-istandards ta' kwalità u l-iżgurar tal-konformità
- infiq ta' riżorsi skont il-bżonnijiet
- rapportar lura lis-servizzi/dipartimenti rilevanti dwar id-deċiżjonijiet meħuda

Ir-rappreżentanti involuti fit-tim jistgħu jkunu punti fokali minn kull wieħed mis-servizzi/funzjonijiet rilevanti fi ħdan l-awtorità ta' akkoljenza li huma meħtieġa sabiex jiġi żgurat li kull wieħed mill-aspetti koperti f'dan id-dokument ikun koperti b'mod adegwat. Il-kompożizzjoni ta' dan it-tim għandha tixbah kemm jista' jkun l-istruttura tal-ġestjoni fi ħdan il-fażi tat-tħejjija u l-iżvilupp u għandha tiġi definita qabel il-bidu tas-sitwazzjoni ta' influss qawwi (fażi ta' rispons u ta' tmexxija). Idealment, il-mekkaniżmu jista' jiġi attivat il-ħin kollu minn modalità "pendenti", eż. permezz ta' laqgħat regolari biex jiġi żgurat li kulħadd ikun fuq l-istess paġna fir-rigward tal-pressjoni migratorja fil-pajjiż. L-istess rappreżentanti sussegwentement jeħtieġ li jkunu involuti mill-qrib fl-implimentazzjoni tal-pjan ta' kontinġenza matul il-fażi ta' rispons u ta' tmexxija. Dan jeħtieġ li jsir permezz ta' ritmu msaħħaħ ta' laqgħat (eż. laqgħat ta' kuljum aktar milli darba kull xahar).

**Prattika tajba**

Hija meqjusa prattika tajba li jitwettqu sessjonijiet ta' prattika ma' membri ta' laqgħat ta' koordinazzjoni barra l-kriżi. Kun żgur li l-persunal jibqa' l-istess. Ħarreġ il-persunal dwar kwistjonijiet ta' kontinġenza. Żgura sistema ta' sostituzzjoni biex tevita li l-membri tat-tim ta' koordinazzjoni jgħejjew jekk il-kriżi testendi fuq perjodu twil wisq ta' żmien.

## 3. Il-fażi tar-rispons u t-tmexxija

Fil-fażi tar-rispons u t-tmexxija, il-mekkaniżmu/it-tim ta' koordinazzjoni interna jiġi attivat u l-frekwenza tal-laqgħat tiżdied. L-azzjonijiet li jittieħdu jiġu segwiti u riveduti jekk ikun meħtieġ. Ir-rappreżentant tal-mekkaniżmu ta' koordinazzjoni interna jirrapporta 'l fuq u 'l isfel fl-organizzazzjoni. Jeħtieġ li jiġu stabbiliti xenarji tas-sitwazzjoni strutturati u jeħtieġ li jinbnew linji gwida ta' prijorità bbażati fuq ix-xenarji differenti antiċipati u kif is-sitwazzjoni qed tevolvi. Għandu jitħejja wkoll pjan ta' aġġustament sabiex ikun jista' jiġi applikat meta jkun il-waqt.

## 4. Il-fażi ta' reviżjoni u aġġustament

Ir-ritorn għal tħejjija aktar baxxa jew tħaddim normali għandu jsir kemm jista' jkun malajr. Azzjonijiet lil hinn mill-pjan ta' kontinġenza jistgħu jkunu rilevanti u jiġu ppjanati f'konsultazzjoni ma' partijiet ikkonċernati oħra. Jekk għad hemm pressjoni qawwija fuq l-awtorità ta' akkoljenza, għandu jkun hemm pjan biex l-organizzazzjoni tiġi aġġustata għall-kundizzjonijiet il-ġodda inkwistjoni. Wara l-implimentazzjoni tal-pjan ta' kontinġenza, l-avveniment u l-miżuri li jittieħdu jeħtieġ li jiġu segwiti u riveduti. Dan jista' jservi bħala bażi għax-xogħol ta' titjib kontinwu li jeħtieġ li jsir fil-livelli organizzattivi kollha. Din hija wkoll opportunità sabiex jiġi simplifikat il-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet, sabiex jinsiltu tagħlimiet mill-affarijiet li ma ħadmux tajjeb u l-modifiki jiġu implimentati fil-proċessi u fl-istrutturi regolari tat-teħid ta' deċiżjonijiet.

# F. Maniġment u komunikazzjoni ta' informazzjoni

## 1. Introduzzjoni

Il-komunikazzjoni hija definita bħala l-flussi kollha ta' informazzjoni bejn organizzazzjonijiet differenti u matul livelli ġerarkiċi ugwali u differenti. Irrispettivament minn jekk ikunx hemm sitwazzjoni ta' influss qawwi jew le, huwa importanti li jiġu stabbiliti saffi differenti ta' komunikazzjoni u jkun hemm komunikazzjoni strateġika koerenti adattata għal kull mezz ta' komunikazzjoni. Għandha ssir differenza bejn dikjarazzjonijiet politiċi u l-komunikazzjoni tal-awtorità ta' akkoljenza, iżda t-tnejn għandhom ikunu konformi ma xulxin. Mingħajr preġudizzju għall-importanza ta' komunikazzjoni effettiva ma' atturi esterni, il-komunikazzjoni interna mal-persunal hija ugwalment rilevanti biex jiġu żgurati kwalità u effiċjenza għolja qabel, matul u wara r-rispons waqt sitwazzjoni ta' influss qawwi.

## 2. Prinċipji sottostanti ta' ġestjoni ta' informazzjoni effiċjenti

### • Il-fażi tat-tħejjija u l-iżvilupp

Il-kondiviżjoni ta' informazzjoni hija prerekwiżit għal koordinazzjoni effettiva bejn atturi differenti u l-ispeċifikazzjoni tad-dispożizzjonijiet għal dan jeħtieġ li tiġi enfasizzata ħafna fil-proċess ta' ppjanar. Il-partijiet interessati u l-atturi differenti jeħtieġ li jiġu identifikati. Dan jinkludi ħarsa ġenerali tal-mandati tagħhom, livelli ta' organizzazzjoni, punti ta' kuntatt rilevanti u mezzi eżistenti għall-komunikazzjoni.

Il-qsim ta' informazzjoni jista' jinkiseb permezz ta' diversi tipi ta' mezzi ta' komunikazzjoni: wiċċ imb wiċċ, posta elettronika, telefon, xandiriet, informazzjoni medjata permezz ta' kollegamenti. Il-mezzi differenti jiġu adattati għal tipi differenti ta' kontenut u sitwazzjonijiet ta' informazzjoni. Il-pjanijiet ta' kontinġenza jeħtieġ li jispeċifikaw it-tipi ta' mezzi li huma preferuti għall-għanijiet differenti. Dan jinkludi fora jew laqgħat predefiniti għall-qsim ta' informazzjoni u parteċipazzjoni. Huwa rakkomandat li jiġu stabbiliti t-termini ta' referenza ta' kull forum (objettivi, frekwenza, moderatur, atturi involuti, mandat, eċċ.) sabiex bil-quddiem ikun ċar x'jista' jew ma jistax jiġi deċiż.

L-informazzjoni li għandha tiġi kondiviża f'sitwazzjonijiet ta' influss għoli ħafna drabi terġa' tokkorri fil-forma, bħal listi ta' persuni jew riżorsi, statistiċi, mandati, deskrizzjonijiet ta' kompiti. Jistgħu jiġu identifikati tipi ta' informazzjoni li jerġgħu jokkorru u jeħtieġ li mudelli għal din l-informazzjoni jiġu ppreparati minn qabel. Dan għandu jinkludi wkoll gwida dwar liema informazzjoni tista' tinqasam legalment u kif din l-informazzjoni tista' tiġi disseminata b'mod li jkun konsistenti mal-liġijiet u r-regolamenti nazzjonali, sabiex tiġi żgurata l-kunfidenzjalità u prinċipji bażiċi tal-ħtieġa tal-għarfien.

### • Il-fażi tar-rispons u t-tmexxija

Komunikazzjoni effiċjenti f'sitwazzjoni ta' influss qawwi tinvolvi t-tixrid ta' informazzjoni rilevanti malajr u b'mod proattiv lill-partijiet ikkonċernati rilevanti (eż. awtoritajiet nazzjonali, sħab ta' akkoljenza, kuntratturi). Segwi l-fehim tal-informazzjoni biex issolvi informazzjoni mhux korretta jew nuqqas ta' ftehim. Għalhekk huwa rrakkomandat li jkun hemm enfasi fuq il-verifika li l-informazzjoni hija kemm riċevuta u mifhuma f'komunikazzjonijiet ma' partijiet ikkonċernati u atturi differenti, b'attenzjoni speċjali għall-preċiżjoni u l-koerenza tal-messaġġ.

Tipi differenti ta' informazzjoni jiġu kkomunikati permezz ta' livelli differenti ta' organizzazzjoni. Min ikun it-trażmettitur tal-informazzjoni jipprovdi kuntest b'saħħtu dwar kif l-informazzjoni tiġi interpretata. Għalhekk huwa rrakkomandat li l-pjanijiet ta' kontinġenza jkunu speċifiċi fir-rigward tat-tip ta' informazzjoni li tista' titwassal minn livelli u funzjonijiet differenti fi ħdan l-organizzazzjoni, u li tingħata attenzjoni biex jiġu osservati rutini u linji gwida stabbiliti meta tkun għaddejja komunikazzjoni dwar l-attivitajiet. Madankollu, fl-istess ħin, dan m'għandux ifixkel l-iskambju meħtieġ ta' informazzjoni fuq il-livelli baxxi u operattivi (eż. aġġornamenti ta' kuljum jew emails).

### • Il-fażi ta' reviżjoni u aġġustament

Huwa rrakkomandat li l-awtoritajiet ta' akkoljenza jwettqu evalwazzjonijiet ta' rutina tal-attivitajiet ta' komunikazzjoni mal-partijiet ikkonċernati u l-atturi rilevanti. Għandha tingħata attenzjoni biex jiġi vvalutat jekk jintużawx il-mezzi l-aktar effiċjenti, li l-kontenut ta' informazzjoni differenti jiġi trażmess u rċevut bejn il-livelli xierqa, u li jkun hemm l-arranġamenti ta' feedback meħtieġa biex jiġi identifikat u solvut nuqqas ta' ftehim.

## 3. Komunikazzjoni interna

### • Il-fażi tat-tħejjija u l-iżvilupp

Il-komunikazzjoni interna dwar influss għoli possibbli jeħtieġ li tibda f’livell bikri ħafna. Il-livelli kollha tal-organizzazzjoni jeħtieġ li dejjem jinżammu infurmati tajjeb dwar il-kuntest migratorju li fih qed joperaw. F’dan il-kuntest, l-enfasi għandha dejjem tkun fuq punti li jistgħu jitfaċċaw f’sitwazzjonijiet ta’ influss qawwi, flimkien mal-linji gwida ġenerali tiegħek.

### • Il-fażi tar-rispons u t-tmexxija

Il-prijorità ewlenija matul din il-fażi hija li l-persunal jiġi infurmat f’kull ħin u li jimminimizza x-xnigħat interni u rapporti foloz fuq il-midja soċjali jew x’imkien ieħor. F’dan is-sens, rapporti ta’ kuljum biex il-persunal jiġi aġġornat dwar is-sitwazzjoni attwali kif ukoll il-progress tal-ġestjoni jew l-implimentazzjoni tal-pjan ta’ kontinġenza jistgħu jkunu utli. Dan għandu jkun akkumpanjat minn sforzi kontinwi biex jintwera rikonoxximent u apprezzament għall-isforzi u l-kwalità tax-xogħol tal-persunal.

### • Il-fażi ta’ reviżjoni u aġġustament

L-apprezzament u r-rikonoxximent tal-isforzi u l-prestazzjoni tal-persunal isiru ta’ importanza fundamentali saħansitra aktar milli matul il-fażi preċedenti. Barra minn hekk, din il-fażi hija essenzjali biex jingħata u jiġi mfittex rispons lil u mill-persunal biex jinġabru l-aspetti pożittivi u negattivi relatati mal-ġestjoni tas-sitwazzjoni ta’ influss qawwi u jitwettqu l-aġġustamenti meħtieġa.

## 4. Komunikazzjoni ma’ applikanti għal protezzjoni internazzjonali

### • Il-fażi tat-tħejjija u l-iżvilupp

L-awtoritajiet ta’ akkoljenza jeħtieġ li jikkunsidraw kif jadattaw metodoloġiji u mezzi effiċjenti għall-għoti ta’ informazzjoni għal numru akbar ta’ applikanti, f’konformità mal-Artikolu 5 tal-RCD. Barra minn hekk, għandha tiżdied strateġija dwar kif tiġi ripetuta l-informazzjoni b’mod sempliċi billi jiġi kkunsidrat li l-applikanti jistgħu jiġu ttrasferiti f’perjodu qasir.

**Prattika tajba**

Il-komunikazzjoni permezz tal-midja soċjali u l-iżvilupp ta’ pjattaformi biex tikkomunika ma’ applikanti għall-protezzjoni internazzjonali huma mod tajjeb kif tista’ twassal informazzjoni u l-messaġġ li mixtieq. Billi tiżviluppa applikazzjoni għall-mowbajls, l-awtorità ta’ akkoljenza tista’ faċilment tilħaq għadd kbir ta’ persuni li trid tinforma.

### • Il-fażi tar-rispons u t-tmexxija

Provvediment regolari ta’ informazzjoni u djalogu mal-benefiċjarji kollha ta’ akkoljenza għandhom jiġu adattati fi żminijiet ta’ sitwazzjonijiet ta’ influss qawwi. Dan jirreferi b’mod partikolari għal informazzjoni dwar miżuri ta’ kontinġenza li jaffettwaw il-ħajja ta’ kuljum tagħhom, bħal aċċess dirett għal faċilità ta’ akkoljenza għal żmien twil, żieda fl-okkupazzjoni ta’ akkoljenza, trasferimenti għal faċilitajiet differenti, jew perjodi twal ta’ stennija għal deċiżjoni dwar it-talba tagħhom għall-protezzjoni internazzjonali. L-għan huwa li jiġu evitati frustrazzjonijiet u interpretazzjonijiet ħżiena; li wieħed ikun proattiv huwa aktar effiċjenti. Il-provvediment ta’ informazzjoni bħal din għandu jkun ikkoordinat mill-qrib mal-awtorità determinanti.

**Prattika tajba**

Żviluppa u aġġorna regolarment mistoqsijiet frekwenti u tweġibiet li jistgħu jintużaw qabel iżda speċjalment anki f’sitwazzjonijiet ta’ influss qawwi.

Organizza laqgħat regolari bejn il-benefiċjarji tal-akkoljenza u l-persunal.

### • Il-fażi ta' reviżjoni u aġġustament

Huwa rrakkomandat li jsir bini fuq ir-relazzjoni mal-benefiċjarji tal-akkoljenza u li jitnieda stħarriġ fost l-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali biex jitgħallmu liema elementi ġew ipperċepiti bħala pożittivi u liema bħala inqas pożittivi matul is-sitwazzjoni ta' influss qawwi. Dan l-eżerċizzju jista' sussegwentement jikkomplementa eżerċizzju ġenerali tat-tagħlimiet meħuda.

## 5. Komunikazzjoni esterna mas-soċjetà u l-midja

### • Il-fażi tat-tħejjija u l-iżvilupp

F'perjodu ta' influss qawwi, għandu jiġi ppreparat u implimentat **pjan speċifiku ta' komunikazzjoni** adattat, li jkun ibbażat fuq l-istrateġija ta' komunikazzjoni regolari u li jiffoka fuq l-aspetti li ġejjin:

| Aspetti li għandhom jiġu inklużi fi pjan ta' komunikazzjoni adattat għal sitwazzjonijiet ta' influss qawwi |
|---|
| ☐ Speċifika l-objettiv tal-komunikazzjoni |
| ☐ Enfasizza l-messaġġi ewlenin li għandhom jiġu kkomunikati lill-partijiet ikkonċernati esterni |
| ☐ Ikkjarifika l-proċeduri dwar kif jiġu ttrattati t-talbiet tal-midja, inkluża l-identifikazzjoni tal-kelliema |
| ☐ Indirizza u pprovdi gwida dwar aspetti sensittivi li jistgħu jwasslu għal kritiki jew tensjonijiet |
| ☐ Ipprovdi gwida dwar kif tiġi ttrattata l-informazzjoni dwar ix-xogħol tal-aġenzija ta' akkoljenza fuq il-midja soċjali |

Dan il-pjan ta' komunikazzjoni għandu jispeċifika b'mod ċar l-għan ewlieni għall-komunikazzjoni matul is-sitwazzjoni speċifika ta' influss qawwi. Żomm viżjoni pożittiva għalkemm bilanċjata tal-organizzazzjoni kif ukoll ir-rwol u l-mandat tagħha. Dan jinvolvi t-tħejjija ta' ċerti aspetti li huma speċifikament marbutin mal-kuntest ta' influss qawwi u li jantiċipaw il-kritiki jew it-tensjonijiet li jistgħu jinqalgħu fil-midja kif ukoll sistema ta' rispons għal dawn. Kull pjan ta' komunikazzjoni jeħtieġ li jikkunsidra l-informazzjoni ppubblikata mill-awtorità ta' akkoljenza u atturi oħra fuq il-midja soċjali.

Bħala parti mill-pjan ta' komunikazzjoni, jeħtieġ li jiġu ddefiniti **l-messaġġi ewlenin** li għandhom jiġu kkomunikati esternament lill-midja. Dawn għandhom ikunu ċari u qosra sabiex jaslu għand id-destinatarji li jistgħu ma jkunux familjari mal-politika u l-interessi uffiċjali b'mod li jinftiehmu bis-sħiħ. Fl-aħħarnett, l-iżvilupp ta' pjan ta' komunikazzjoni jeħtieġ li jinvolvi politika dwar x'għandu jsir u jinkludi l-involviment ta' kelliema rilevanti biex jittrattaw ma kwalunkwe talba mill-midja. Din il-persuna jeħtieġ li tkun imħarrġa fil-komunikazzjoni tal-midja *(ara l-kapitolu K — riżorsi umani)*. **Kelliema awtorizzati** biss jeħtieġ li jitkellmu għal u jikkomunikaw dwar is-sitwazzjoni ta' influss qawwi. Il-linji gwida u l-mezzi ta' komunikazzjoni matul il-fażi ta' rispons u ta' tmexxija tal-pjan jinftiehmu minn qabel.

**Prattika tajba**

Daħħal klawżola dwar il-komunikazzjoni mal-midja u s-soċjetà fi ħdan l-offerti pubbliċi u ġiegħel lill-voluntiera jiffirmaw ftehim dwar il-komunikazzjoni

### • Il-fażi tar-rispons u t-tmexxija

Il-punti prinċipali li jeħtieġ li jiġu kkunsidrati fil-fażi tar-rispons u t-tmexxija:

- Oħroġ **dikjarazzjonijiet inizjali** immedjatament wara influss qawwi, li għandhom jintużaw għal varjetà wiesgħa ta' xenarji li għalihom l-organizzazzjoni tiġi meqjusa bħala vulnerabbli, abbażi tal-valutazzjoni li saret qabel u r-realtà nnifisha. Il-kummenti inizjali bil-miktub u verbali jeħtieġ li jiġu miftiehma minn qabel għal reazzjonijiet immedjati, mingħajr dewmien u biex tinżamm komunikazzjoni bbilanċjata dwar is-sitwazzjoni.
- Żomm **komunikazzjoni kontinwa** mas-soċjetà u l-midja: permezz ta' mezzi ta' komunikazzjoni differenti, inklużi:

| informazzjoni aġġornata fuq is-sit web tal-Aġenzija u l-mezzi tal-midja soċjali | stqarrijiet għall-istampa | stedina lir-rappreżentanti tal-komunità lokali biex jiltaqgħu u jitkellmu dwar is-sitwazzjoni u l-miżuri li jkunu ttieħdu |
|---|---|---|

- **Kun konsistenti** mal-komunikazzjoni ta’ awtoritajiet oħra u partijiet ikkonċernati involuti bħall-korp ta’ determinazzjoni jew is-servizzi mediċi permezz tal-użu ta’ mekkaniżmi ta’ koordinazzjoni jekk ikun hemm bżonn *(ara Kapitolu G — koordinazzjoni esterna)*.
- Kun ċar dwar il-limitazzjonijiet tar-rwol u l-mandat tiegħek.
- Żgura li s-servizz ta’ **komunikazzjoni interna** jkun infurmat dwar is-sitwazzjoni attwali u l-miżuri fis-seħħ *(ara Komunikazzjoni interna)*.

**Prattika tajba**

Hija meqjusa bħala prattika tajba li jkun hemm djalogu mal-komunità lokali qabel ma tinfetaħ faċilità ġdida ta’ akkoljenza (eż. laqgħat pubbliċi, bullettini) u, wara l-ftuħ, investiment f’inizjattivi li jinkludu l-ġirien. Laqgħat ta’ informazzjoni fejn in-nies tal-viċinat jistgħu jiġu biex jisimgħu u jitgħallmu aktar dwar iċ-ċentru ta’ akkoljenza u l-proċess tal-asil.

Żjara mill-midja qabel il-ftuħ taċ-ċentru hija mod effiċjenti kif tinforma lill-pubbliku.

## • Il-fażi ta’ reviżjoni u aġġustament

Il-mistoqsijiet li ġejjin għandhom jitqajmu f’din il-fażi:

- Kien hemm xi ħaġa nieqsa fil-pjan ta’ komunikazzjoni?
- Kien hemm xi sorpriżi mhux mistennija relatati mal-komunikazzjoni permezz tal-midja?

Fl-istess ħin, l-awtorità ta’ akkoljenza jeħtieġ li tikkomunika b’mod proattiv u tenfasizza l-aspetti pożittivi u l-kisbiet li jirriżultaw mill-perjodu ta’ influss fil-midja. Fl-istess ħin, huwa rakkomandabbli li jsir bini fuq ir-relazzjonijiet pożittivi possibbli li nħolqu matul is-sitwazzjoni ta’ influss qawwi u li tissaħħaħ il-kooperazzjoni u l-komunikazzjoni ma’ ċerti rappreżentanti tal-midja sabiex jiġi żgurat li l-messaġġi jiġu trażmessi b’mod aktar effiċjenti u effettiv fil-futur.

# G. Koordinazzjoni Esterna

## 1. Introduzzjoni

It-terminu koordinazzjoni esterna tirreferi għall-koordinazzjoni tal-awtoritajiet ta' akkoljenza ma' atturi esterni oħra permezz tal-eżekuzzjoni ta' ppjanar, azzjonijiet konġunti, organizzazzjoni, influwenzar u kontrollar. It-terminu atturi esterni f'dan il-kuntest jirreferi għall-atturi l-oħra kollha relatati mal-akkoljenza.

Sabiex jiġu ġestiti sitwazzjonijiet ta' eċċezzjoni fis-sistema nazzjonali ta' akkoljenza, l-awtoritajiet ta' akkoljenza jiddependu fuq atturi esterni differenti bħall-awtoritajiet tad-determinazzjoni u tal-migrazzjoni, l-awtoritajiet tas-sigurtà, l-awtoritajiet reġjonali u lokali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-voluntiera.

Biex is-sitwazzjonijiet ta' eċċezzjoni jkunu jistgħu jiġu ġestiti, huwa importanti li jkun hemm koordinazzjoni mal-atturi esterni kollha. L-iskop tal-koordinazzjoni huwa li jitqassmu u jiġu utilizzati r-riżorsi totali disponibbli bl-iktar mod effiċjenti possibbli sabiex jiġu ttrattati s-sitwazzjoni attwali. Il-prinċipju ta' kooperazzjoni jimplika li l-awtoritajiet u l-organizzazzjonijiet kollha għandhom responsabbiltà indipendenti biex jiżguraw l-aħjar koordinazzjoni possibbli ma' atturi rilevanti oħrajn fil-prevenzjoni jew l-immaniġġjar ta' sitwazzjoni ta' emerġenza possibbli. L-involviment tal-partijiet interessati kollha għandu jiġi adottat, sa fejn hu possibbli, fit-tfassil ta' pjan ta' kontinġenza.

Qafas ġenerali ta' kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet jista' jiġi stipulat mill-awtorità politika jew amministrattiva kkonċernata. Għal arranġamenti aktar dettaljati, kif ukoll kooperazzjoni bejn partijiet ikkonċernati oħra, il-ħidma flimkien hija meħtieġa filwaqt li jiġi żviluppat il-pjan ta' kontinġenza. Jekk ma hemm ebda pjan fuq livell aktar għoli, allura l-arranġamenti kollha għandhom jiġu stabbiliti mill-awtoritajiet ikkonċernati nfushom.

FIlwaqt li jiġi żviluppat il-pjan, huwa rrakkomandat li ssir riċerka wiesgħa dwar liema istituzzjonijiet jistgħu jkunu ta' għajnuna sabiex jinkisbu l-għanijiet stipulati bl-iktar mod effiċjenti. Anki jekk ma hemm ebda pjan fuq livell aktar għoli, ministerjali jew nazzjonali, il-każ ta' inkoerenza bejn awtoritajiet ekwivalenti jeħtieġ li jiġi solvut mill-awtorità politika jew amministrattiva kkonċernata.

Din it-taqsima se tiffoka fuq il-koordinazzjoni mal-atturi li ġejjin:

| Awtoritajiet ta' determinazzjoni u migrazzjoni | Sħab ta' akkoljenza operattivi | Soċjetà Ċivili, awtoritajiet oħra u Voluntiera |
|---|---|---|
| L-awtoritajiet kollha li jittrattaw id-determinazzjoni tal-protezzjoni internazzjonali, inkluża r-reġistrazzjoni, ir-Regolament ta' Dublin, id-Direttiva dwar il-Proċeduri tal-Asil u d-Direttiva dwar il-Kwalifika | L-atturi kollha possibbli li huma direttament involuti f'attivitajiet ta' akkoljenza. Dawn jistgħu jkunu awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali, kumpaniji privatijew awtoritajiet pubbliċi u organizzazzjonijiet umanitarji li jmexxu faċilitajiet ta' akkoljenza. | L-atturi l-oħrajn kollha li qed jinfluwenzaw jew jikkontribwixxu għall-akkoljenza u huma involuti bħala tali. |

L-għan huwa li jitqassru l-ktajjen ta' komunikazzjoni u ta' deċiżjoni filwaqt li jiġi żgurat li l-azzjonijiet kollha jkunu appoġġjati u mifhuma b'mod wiesa'.

Il-pjanijiet ta' kontinġenza għall-immaniġġjar ta' sitwazzjonijiet ta' influss għoli għandhom kemm jista' jkun jagħmlu użu minn, u jkunu konsistenti ma', kanali diġà stabbiliti u arranġamenti għal koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet u l-organizzazzjonijiet, pereżempju rutini u arranġamenti eżistenti relatati ma' pjanijiet ta' emerġenza u evakwazzjoni fuq il-livelli nazzjonali u reġjonali.

## 2. Il-fażi tat-tħejjija u l-iżvilupp

Huwa tal-akbar importanza li l-atturi rilevanti kollha jiffamiljarizzaw ruħhom mal-proċessi, il-fluss tax-xogħol u l-mandat ta' akkoljenza minn qabel. Dawn għandhom ikunu konxji bis-sħiħ dwar liema sfidi se jistennew lis-sistema ta' akkoljenza fi żminijiet ta' influss qawwi. Dawn l-atturi l-oħra jistgħu jsiru għajnuna kbira jew ostaklu kbir

sabiex jiġu affrontati dawn l-isfidi. Għalhekk, il-protokolli ta’ koordinazzjoni u kooperazzjoni meħtieġa u l-memorandum ta’ qbil għandhom jiġu miftiehma minn qabel.

- **Awtoritajiet ta’ determinazzjoni u migrazzjoni**

Ir-rabta bejn l-awtoritajiet ta’ akkoljenza u tad-determinazzjoni hija evidenti. F’sitwazzjoni ta’ influss qawwi, il-ħin tal-proċess tal-proċedura tal-asil x’aktarx se jkun ittardjat. Il-ħeffa li biha l-awtoritajiet determinanti jiddeċiedu dwar it-talbiet għall-asil, tiddetermina l-ħeffa tal-flussi ta’ ħruġ min-network ta’ akkoljenza. Dan jinfluwenza l-ammont totali ta’ postijiet ta’ akkoljenza u l-investimenti finanzjarji meħtieġa. L-ispiża biex tiżdied il-kapaċità ta’ deċiżjoni tal-awtoritajiet determinanti hija iktar baxxa mill-ispiża biex jinħolqu postijiet ġodda ta’ akkoljenza, għalhekk huwa preferibbli li jsir investiment fil-mezzi biex tiżdied il-kapaċità ta’ deċiżjoni, billi jiġi impjegat persunal u billi jsir investiment fit-taħriġ, mingħajr ma tintilef il-kwalità fil-kapaċità tad-deċiżjoni. L-indipendenza tal-awtoritajiet determinanti, speċjalment l-awtoritajiet tal-appell, tagħmel din il-koordinazzjoni sfida.

Diversi miżuri huma possibbli biex jintrabtu l-ippjanar ta’ kontinġenza ta’ asil u akkoljenza, waqt li jiġi kkunsidrat li l-kwalità tal-proċedura tal-asil jeħtieġ li tkun iggarantita irrispettivament mis-sitwazzjoni. Sabiex tiġi stmata l-kapaċità tal-akkoljenza meħtieġa, skambju kontinwu, strutturat u reċiproku ta’ *data* dwar l-influss u l-ħruġ mistenni u effettiv għandu jiġi kondiviż kif ukoll *data* dwar it-tul ta’ żmien medju tat-teħid tad-deċiżjonijiet dwar l-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali. Bażi tad-*data* komuni bejn l-awtoritajiet ta’ determinazzjoni, migrazzjoni u akkoljenza tista’ tiffaċilita konsiderevolment il-proċess ta’ monitoraġġ. Għandha tinħoloq struttura konsultattiva bejn l-akkoljenza u d-determinazzjoni u l-awtoritajiet tal-migrazzjoni, eventwalment ikkumplimentati ma’ atturi rilevanti oħra, bħal atturi fl-edukazzjoni, fl-akkomodazzjoni u fl-integrazzjoni, li jistgħu jiġu attivati malajr meta jkun meħtieġ. Jekk possibbli, l-awtoritajiet differenti jistgħu jitmexxew għall-istess post.

L-enfasi m’għandhiex tkun biss fuq l-estensjoni tal-kapaċità ta’ akkoljenza u ż-żieda fil-kapaċità ta’ deċiżjoni, iżda huwa wkoll importanti li tibqa’ ssir ħidma fuq il-passi oħra fil-proċess tal-asil bħal-faċilitazzjoni tal-integrazzjoni għal applikanti għall-protezzjoni internazzjonali b’deċiżjoni pożittiva u r-ritorn volontarju u sfurzat għal applikanti għall-protezzjoni internazzjonali b’deċiżjoni negattiva.

Huwa importanti li tiġi indirizzata l-kwistjoni tal-fluss ta’ ħruġ mal-awtoritajiet ta’ determinazzjoni u tal-migrazzjoni u servizzi jew amministrazzjonijiet oħra relatati, bil-għan li jiġi aċċellerat l-fluss ta’ ħruġ permezz ta’ proċeduri rapidi, (eż. każijiet ta’ Dublin, valutazzjoni tal-età ta’ minorenni mhux akkumpanjati) filwaqt li jitqiesu s-salvagwardji meħtieġa. Soġġorn estiż f’ċentru ta’ akkoljenza jista’ jkollu piż psikoloġiku fuq ir-residenti u jista’ jfixkel il-maniġġabbiltà taċ-ċentru, minħabba t-tensjonijiet jew l-istituzzjonalizzazzjoni tal-applikanti.

Kemm l-awtoritajiet ta’ akkoljenza kif ukoll l-awtoritajiet determinanti għandhom joqogħdu attenti għas-sitwazzjoni speċifika ta’ persuni bi bżonnijiet speċjali, pereżempju profili mediċi, minorenni mhux akkumpanjati, LGBT, eċċ. Il-proċess ta’ akkoljenza u ta’ deċiżjoni għal persuni bi bżonnijiet speċjali huwa differenti mill-applikant ġeneriku għall-protezzjoni internazzjonali. Għalhekk, jeħtieġ li jitħejjew miżuri speċifiċi f’każ ta’ żieda fl-influss ta’ persuni bi bżonnijiet speċjali. Jekk l-influss jogħla b’mod ġenerali, jista’ jkun mistenni influss ogħla. Iżda l-influss ta’ persuni bi bżonnijiet speċjali jista’ jiżdied ukoll meta l-influss globali jkun stabbli (eż. aktar profili mediċi minħabba r-risistemazzjoni). Iż-żewġ xenarji għandhom jiġu kkunsidrati u integrati fil-pjanijiet ta’ kontinġenza.

- **Sħab ta’ akkoljenza operattivi**

Il-pjanijiet ta’ kontinġenza għall-immaniġġjar ta’ sitwazzjonijiet ta’ influss għoli jeħtieġ li jinkludu deskrizzjoni tal-mandati tal-partijiet ikkonċernati rilevanti, punti ta’ kuntatt eżistenti jew ippjanati minn qabel, kif ukoll liema riżorsi l-partijiet ikkonċernati jistgħu jikkontribwixxu f’sitwazzjoni ta’ kontinġenza. Huma għandhom jagħmlu dispożizzjonijiet għall-mobilizzazzjoni, l-istabbiliment u l-ġestjoni tal-koordinazzjoni ma’ dawn il-partijiet ikkonċernati. Dan jinkludi l-ispeċifikazzjoni tar-responsabbiltajiet interni fir-rigward tal-ġestjoni ta’ tali komunikazzjoni u koordinazzjoni ma’ awtoritajiet u organizzazzjonijiet esterni.

Jeħtieġ li jiġu identifikati u ppjanati l-mezzi xierqa għall-koordinazzjoni mal-partijiet ikkonċernati u l-atturi differenti. Il-mekkaniżmi ewlenin għal koordinazzjoni strutturata bejn l-awtoritajiet huma: komunikazzjoni bil-miktub jew verbali, laqgħat regolari bejn sett ta’ persuni magħżula, l-użu ta’ listi tal-indirizzi rranġati minn qabel għal tferrix ta’ tipi speċifiċi ta’ informazzjoni u l-iskambju ta’ uffiċjali ta’ kollegament bejn l-awtoritajiet.

Il-prinċipju ta’ prossimità, li jimplika li kriżi jeħtieġ li tiġi mmaniġġjata b’mod organizzattiv fl-iktar livell baxx possibbli, jeħtieġ li jiġi adottat bħala prinċipju bażiku f’kull pjan ta’ kontinġenza. Madankollu, il-pjanijiet ta’ kontinġenza għal sitwazzjonijiet ta’ influss għoli jeħtieġ li jistabbilixxu qafas għall-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni

bejn l-awtoritajiet kemm fuq livell strateġiku kif ukoll operattiv, u jispeċifikaw b’mod ċar liema kwistjonijiet jeħtieġ li jiġu ttrattati f’kull livell.

Xi awtoritajiet u organizzazzjonijiet huma essenzjali li jiġu inklużi fl-ippjanar u l-koordinazzjoni fuq livell strateġiku. Organizzazzjonijiet oħra huma aktar rilevanti fuq livell operattiv. Huwa rrakkomandat li l-awtoritajiet li huma kruċjali sabiex tiġi stabbilita strateġija ta’ sitwazzjoni komprensiva jiġu identifikati u li mekkaniżmi ċari għall-involviment jiġu stabbiliti fil-forma ta’ ftehimiet ta’ kooperazzjoni stabbiliti minn qabel u MtQ iffirmati. Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet dan jeħtieġ li jinkludi l-awtoritajiet tas-sigurtà nazzjonali u s-servizzi nazzjonali tas-saħħa u l-edukazzjoni. L-awtoritajiet tad-difiża ċivili huma wkoll rilevanti ħafna f’dan il-livell u ħafna drabi jistgħu jipprovdu kemm kompetenza ġenerali dwar il-ġestjoni ta’ sitwazzjonijiet ta’ emerġenza kif ukoll servizzi operattivi importanti. L-atturi nazzjonali li għandhom rwol fil-koordinazzjoni bejn livelli differenti ta’ gvern (gvernaturi tal-kontea, eċċ.) huma wkoll rilevanti ħafna f’dan il-livell.




It-tħejjija fir-rigward tal-koordinazzjoni tista’ tinkludi kif imsemmi qabel, ftehimiet ta’ kooperazzjoni stabbiliti minn qabel li jispeċifikaw liema riżorsi jistgħu jkunu disponibbli, meta dawn ir-riżorsi jsiru aċċessibbli, u kif l-assistenza għandha tkun ikkoordinata (kuntatti, eċċ.). Ikkunsidra sħubija ma’ operaturi privatiu kamp ta’ applikazzjoni ta’ sottokuntrattar. Biex jiġi evitat it-telf ta’ ħin waqt il-fażi ta’ rispons u ta’ tmexxija, ikun rrakkomandat li mill-inqas issir riċerka tas-suq u titfassal lista tal-kumpaniji potenzjali li jistgħu jipprovdu servizzi matul is-sitwazzjoni ta’ influss qawwi. Għall-aktar ftehimiet kruċjali jeħtieġ li jiġu kkunsidrati l-ftehimiet qafas irranġati minn qabel. Il-ftehimiet jew il-kuntratti jistgħu jirrigwardaw kapaċità addizzjonali li hija lesta għall-użu taħt ċirkostanzi stipulati preċiżament (jiġifieri meta tibda s-sitwazzjoni ta’ emerġenza). Din is-soluzzjoni tiddependi fuq is-sitwazzjoni u s-sistemi ta’ akkoljenza nazzjonali — obbligu li jiġu applikati proċeduri ta’ sejħiet għall-offerti, possibilitajiet finanzjarji eċċ.

Huwa rrakkomandat ukoll li l-involviment fi pjanijiet għal faċilitajiet ġodda ta’ akkoljenza jinkiseb fl-iktar stadju kmieni possibbli. Dan jeħtieġ li jinkludi wkoll infurzar tal-liġi lokali, is-servizzi tas-saħħa u l-organizzazzjonijiet fil-komunità lokali.

**Prattika tajba**

L-użu ta' miżuri stabbiliti mill-awtoritajiet ta' akkoljenza għat-trattament ta' sitwazzjonijiet ta' influss għoli sabiex jitjieb l-istat ta' tħejjija ġenerali tas-soċjetà bil-provvediment ta' mezzi għat-trattament ta' emerġenzi li jeħtieġu soluzzjonijiet għall-akkomodazzjoni ta' numru kbir ta' nies (evakwazzjonijiet, eċċ.) jitqies bħala prattika tajba. Fi Stat tal-UE+, il-korp tad-difiża ċivili huwa responsabbli għall-ħażna u l-manutenzjoni tat-tinda u s-sodod tal-awtoritajiet ta' akkoljenza għall-akkomodazzjoni tal-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali, u għandu wkoll ir-responsabbiltà li jistabbilixxi it-tined u, jekk meħtieġ, jopera kamp ta' tined sakemm ikun hemm operatur regolari fis-seħħ. Inkambju, it-tined jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-korp tad-difiża ċivili biex jintużaw f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza nazzjonali, u b'hekk itejbu l-livell ta' tħejjija nazzjonali ġenerali. Tali użu doppju bil-qligħ assoċjat jista' jgħin ukoll biex jiġu leġittimizzati l-ispejjeż tal-miżuri ta' tħejjija li kieku ma kinux jitqiesu bħala bażi finanzjarja għalihom.

### • Soċjetà Ċivili, awtoritajiet oħra u Voluntiera

L-OSĊ li għandhom mandat fir-rigward tal-appoġġ umanitarju u d-drittijiet ċivili jeħtieġ li jitqiesu għal involviment bikri. Meta jsiru ftehimiet mal-OSĊ biex jingħata aċċess għall-faċilitajiet ta' akkoljenza, id-deskrizzjoni tar-rwoli u tal-funzjonijiet tagħhom hija ta' importanza kbira kif ukoll kif ser titmexxa l-koordinazzjoni tal-attivitajiet mill-awtorità ta' akkoljenza. Tali ftehimiet għandhom jinkludu wkoll skrinjar tal-persunal u l-firma ta' kodiċi ta' kondotta għan-nies kollha li jkunu f'kuntatt dirett ma' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali, speċjalment fir-rigward ta' tfal u persuni oħra bi bżonnijiet speċjali.

Waqt l-iżvilupp ta' pjan ta' kontinġenza, jista' jkun utli ħafna li jkun hemm appoġġ mis-soċjetà ċivili (NGOs, voluntiera individwali, dijaspora migranti, eċċ.). Komunikazzjoni pubblika xierqa dwar l-involviment tas-soċjetà ċivili fil-ġbir ta' oġġetti jew fl-għoti ta' servizzi tista' toħloq riżultati bħal bażi ta' *data* ta' servizzi (traduzzjonijiet, medjazzjoni kulturali, mentoraġġ, eċċ.) u mezzi ta' appoġġ potenzjali (eż. ħwejjeġ, ġugarelli, donazzjonijiet oħra); kif ukoll kapaċità ta' akkomodazzjoni (per eżempju, sidien li huma lesti li jikru djar, jew li jindikaw bini potenzjali għall-akkomodazzjoni). Huwa importanti li jkun hemm komunikazzjoni bbilanċjata sabiex jiġu evitati donazzjonijiet kbar jew sabiex tingħata l-impressjoni li s-sitwazzjoni mhijiex taħt kontroll.

F'dan l-istadju tista' tinħoloq lista tal-partijiet ikkonċernati, bl-organizzazzjonijiet potenzjali kollha (NGOs, awtoritajiet lokali u nazzjonali, kumpaniji, voluntiera ...) li jistgħu jikkontribwixxu għall-ħtiġijiet ta' akkoljenza.

## 3. Il-fażi tar-rispons u t-tmexxija

### • Awtoritajiet ta' determinazzjoni u migrazzjoni

Din il-fażi tara l-attivazzjoni tal-miżuri ppreparati abbażi tas-sistema ta' twissija bikrija. L-istatistika maħruġa mill-awtoritajiet nazzjonali determinanti u ta' migrazzjoni hija sors importanti sabiex jiġu stmati r-rekwiżiti tal-kapaċità ta' akkoljenza. Barra minn hekk, tista' tintuża informazzjoni minn istituzzjonijiet Ewropej u Stati tal-UE+ oħrajn. Idealment titwaqqaf sistema sabiex jiġu mmonitorjati l-valuri ta' limitu li jservu bħala sistema ta' twissija bikrija *(ara l-kapitolu C)* li tista' tindika jekk jeħtieġx li jittieħdu miżuri speċjali.

Ladarba jiġi attivat il-pjan ta' kontinġenza, huma meħtieġa laqgħat regolari mal-amministrazzjonijiet tal-asil u tal-migrazzjoni biex jinfurmawhom dwar is-sitwazzjoni ta' akkoljenza u l-evoluzzjoni mistennija. Jekk dan isir, tinħoloq sensibilizzazzjoni tas-sitwazzjoni, għalhekk l-awtoritajiet ta' akkoljenza, determinazzjoni u migrazzjoni għandhom ikunu aktar probabbli li jaġixxu b'mod koerenti.

### • Sħab ta' akkoljenza operattivi

Il-koordinazzjoni esterna għandha tinbeda fil-**livell** xieraq. Huwa rrakkomandat li l-laqgħat inizjali jinkludu livelli ogħla fl-organizzazzjonijiet rilevanti u li attivitajiet sussegwenti ta' koordinazzjoni f'livelli aktar baxxi jingħataw mandat u kamp ta' applikazzjoni ċar għall-attivitajiet tagħhom.

Wieħed għandu joqgħod attent li l-punti tal-laqgħat u mezzi oħra ta' koordinazzjoni jiġu implimentati kif miftiehem u li l-bidliet meħtieġa fir-rutini jiġu ċċarati fil-livelli xierqa f'kull organizzazzjoni.

Huwa rakkomandat li jsiru **laqgħat regolari** bejn l-atturi prinċipali involuti fit-trattament tal-proċessi marbutin mal-persuni li japplikaw għall-protezzjoni f’sitwazzjoni ta’ influss qawwi. L-implimentazzjoni ta’ laqgħat regolari jeħtieġ li tkun ibbażata fuq parteċipazzjoni ppjanata minn qabel, punti fissi tal-aġenda, kif ukoll rappurtar ippreparat u standardizzat dwar id-*data* ewlenija, eż. in-numru ta’ migranti ġodda, id-distribuzzjoni ta’ dawn f’nazzjonalitajiet differenti, in-numru ta’ residenti f’ċentri ta’ akkoljenza, u d-*data* dwar ħinijiet ta’ pproċessar u d-daqs ta’ xogħol b’lura għal operazzjonijiet ewlenin fil-proċess tal-asil. Ħarsa ġenerali ta’ informazzjoni ewlenija bħal din tista’ tinkiseb billi tinġabar l-informazzjoni meħtieġa minn bażi ta’ *data* kondiviża, jekk tkun disponibbli, qabel il-laqgħa jew permezz ta’ arranġament fejn kull awtorità tipprovdi informazzjoni ewlenija dwar l-oqsma ta’ responsabbiltà tagħha fil-laqgħa.

> **Prattika tajba**
>
> L-iskambji ta’ informazzjoni bejn awtoritajiet li jikkooperaw fuq livelli multipli permezz ta’ uffiċjali ta’ kollegament ħafna drabi huma rakkomandati billi dan l-arranġament jiżgura li l-informazzjoni rilevanti tiġi ffiltrata u li l-informazzjoni tinftiehem mir-riċevitur fil-kuntest korrett. Il-kuntatti jiżguraw ukoll li l-informazzjoni tiġi trażmessa lil — u riċevuta minn — persuni rilevanti fuq il-livell it-tajjeb.

Il-koordinazzjoni fuq il-livelli lokali u operattivi għandha tinbeda b’mandat ċar mill-livell ċentrali fl-awtoritajiet kollha involuti, u linji gwida rilevanti għal din il-koordinazzjoni jeħtieġ li jingħataw mal-mandat. Huwa rrakkomandat li dawn il-linji gwida jagħtu l-ispazju meħtieġ għall-immanuvrar u l-adattament fil-livell lokali.

L-involviment bikri fil-livell xieraq ta’ awtoritajiet statali oħra li huma rilevanti **fil-livell strateġiku** jeħtieġ li jingħata prijorità għolja. L-enfasi inizjalment jeħtieġ li jkun fuq it-twaqqif ta’ sensibilizzazzjoni kondiviża tas-sitwazzjoni, u l-identifikazzjoni ta’ liema kontribuzzjonijiet jistgħu jagħtu l-awtoritajiet rispettivi fit-trattament tas-sitwazzjoni. L-istrateġiji tas-sitwazzjoni li evolvew permezz ta’ koordinazzjoni bħal din jeħtieġ li imbagħad isiru operattivi permezz tal-mezzi ta’ koordinazzjoni miftiehma minn qabel.

F’dan il-kuntest, huwa rrakkomandat li l-proċeduri għall-koordinazzjoni mal-**infurzar tal-liġi lokali** b’konnessjoni mal-faċilitajiet ta’ akkoljenza jiġu implimentati kemm jista’ jkun malajr, speċjalment fir-rigward ta’ faċilitajiet ippjanati jew li għadhom kif ġew stabbiliti. Għandu jkun hemm ukoll enfasi qawwija fuq il-kooperazzjoni fil-valutazzjoni ta’ theddidiet esterni lejn faċilitajiet ta’ akkoljenza u proċessar kemm fil-livelli lokali kif ukoll dak nazzjonali. Huwa rrakkomandat li tingħata prijorità lill-arranġamenti ta’ implimentazzjoni biex l-**awtoritajiet tas-sigurtà nazzjonali** rilevanti jinżammu kontinwament aġġornati fuq applikanti li jkunu għadhom kif jaslu għall-protezzjoni internazzjonali, sabiex jiżguraw il-ħila ta’ dawn l-awtoritajiet li janalizzaw il-kompożizzjoni tal-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali li waslu, u li jsegwu fuq persuni ta’ interess.

### • Soċjetà ċivili, awtoritajiet oħra u voluntiera

Huwa rakkomandat li l-awtoritajiet ta’ akkoljenza jippjanaw għal laqgħa konġunta mal-OSĊ l-iktar rilevanti malajr kemm jista’ jkun f’sitwazzjoni ta’ influss qawwi. L-ewwel laqgħa għandhom jattendu għaliha rappreżentanti ta’ livell għoli mill-organizzazzjonijiet kollha u li l-aġenda tiffoka fuq l-identifikazzjoni ta’ oqsma fejn l-organizzazzjonijiet umanitarji jistgħu jikkontribwixxu bl-iktar mod effettiv, u fuq it-twaqqif ta’ qafas ġenerali għal aktar kooperazzjoni.

Kwalunkwe attività li l-organizzazzjonijiet umanitarji jipprovdu lill-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali jeħtieġ li tkun ikkoordinata kemm jista’ jkun mill-qrib. Problemi fir-rigward tar-rwol u l-funzjonijiet tagħhom jeħtieġ li jiġu identifikati kmieni kemm jista’ jkun u solvuti permezz ta’ mezzi miftieħam minn qabel għall-koordinazzjoni (laqgħat regolari, eċċ.). Huwa rrakkomandat li tingħata attenzjoni speċjali lill-monitoraġġ tal-ħaddiema umanitarji li jiġu f’kuntatt mat-tfal u persuni oħra f’sitwazzjoni vulnerabbli.

Huwa rrakkomandat li l-aċċess tal-voluntiera għal applikanti għall-protezzjoni internazzjonali f’faċilitajiet ta’ akkoljenza u proċessar jiġi ġestit u rregolat b’mod attiv minn awtoritajiet ta’ akkoljenza, sħab operattivi u/jew organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, b’attenzjoni għall-kumplimentarjetà u sabiex tiġi evitata d-duplikazzjoni. Dan huwa speċjalment importanti fir-rigward tal-aċċess tagħhom għat-tfal u gruppi vulnerabbli oħra.

Ir-regolament tal-aċċess tal-voluntiera jista’ jinkiseb jew mill-awtoritajiet ta’ akkoljenza jew minn kooperazzjoni strutturata mal-organizzazzjonijiet umanitarji. Il-ġestjoni permezz ta’ kooperazzjoni strutturata ma’ organizzazzjonijiet umanitarji responsabbli hija rakkomandata jekk din tkun possibbli fil-kuntest nazzjonali, preferibbilment

permezz ta' arranġament fejn il-voluntiera jintbagħtu lil dawn l-organizzazzjonijiet. It-taħriġ u l-għoti ta' informazzjoni tar-rwoli f'tali arranġament jistgħu jingħataw mill-organizzazzjoni umanitarja.

Jekk l-awtorità ta' akkoljenza tagħmel użu dirett mill-voluntiera, huwa rrakkomandat li l-persunal iddedikat jingħata r-responsabbiltà li jipprovdi kodiċi ta' kondotta, taħriġ u kjarifika tar-rwoli, jikkoordina l-kontribuzzjonijiet tal-voluntiera u jamministra l-aċċess tagħhom għal applikanti għall-protezzjoni internazzjonali fl-akkoljenza.

Huwa rakkomandat li l-livell ċentrali jimmoniterja b'mod attiv it-taħriġ u l-użu tal-voluntiera u li linji gwida ċari għal dan l-użu jiġu pprovduti għal-livell lokali.

## 4. Il-fażi ta' reviżjoni u aġġustament

### • Awtoritajiet ta' determinazzjoni u migrazzjoni

Il-pjan ta' kontinġenza jeħtieġ li jinkludi r-rabtiet kollha tal-proċess tal-asil u jmur lil hinn mill-ostakoli bejn l-awtoritajiet. Huwa rrakkomandat li jkun hemm punt ta' reviżjoni matul din il-fażi kemm mal-awtoritajiet tal-asil kif ukoll dawk ta' akkoljenza. Dan għandu l-għan li jiċċara liema miżuri ħadmu biżżejjed u liema miżuri jeħtieġ li jiġu aġġustati sabiex ikunu ppreparati għal sitwazzjoni ta' eċċezzjoni ġdida.

F'sitwazzjoni ta' tnaqqis fil-kapaċità ta' akkoljenza, tibqa' rabta ċara bejn il-proċess ta' deċiżjoni u l-kapaċità ta' akkoljenza. Jistgħu jsiru arranġamenti biex jiġi ffaċilitat l-għeluq tal-faċilitajiet ta' akkoljenza. L-awtoritajiet determinanti jistgħu jipprijoritizzaw il-każijiet għal kull sit, sabiex jinħoloq fluss ta' ħruġ u l-faċilitajiet ikunu jistgħu jingħalqu malajr. Dan biex jiġi evitat ċaqliq bla bżonn ta' nies fin-network ta' akkoljenza.

Fil-kuntest tal-bdil tal-kapaċitajiet wara perjodi ta' influss qawwi, l-użu tal-kapaċità eżistenti minn Stat ieħor tal-UE+, li għadu jeħtieġ kapaċità addizzjonali ta' akkoljenza, jeħtieġ li jiġi eżaminat minflok ma tingħalaq il-faċilità ta' akkoljenza bħala l-unika għażla possibbli. Tista' tinħoloq il-kapaċità kondiviża fi stati differenti tal-UE+,sabiex l-awtoritajiet nazzjonali jkunu jistgħu jiddiskutu dwar l-użu transkonfinali possibbli tal-akkomodazzjoni.

**Prattika tajba**

Stat tal-UE+ kien qiegħed juża faċilità ta' akkoljenza f'pajjiż ġar, biex jospita l-applikanti matul il-proċess tad-determinazzjoni tal-asil, filwaqt li jżomm ir-responsabbiltà sħiħa tal-proċedura tal-asil u jiffinanzja l-akkomodazzjoni matul dak iż-żmien.

### • Sħab ta' akkoljenza operattivi

Fil-fażi ta' reviżjoni u aġġustament, l-awtoritajiet ta' akkoljenza jeħtieġ li jieħdu l-inizjattiva sabiex jivvalutaw l-isforzi ta' koordinazzjoni mal-atturi esterni rilevanti, jidentifikaw punti ta' titjib u jikkooperaw fl-iżvilupp ta' miżuri għall-korrezzjoni ta' dgħufijiet. Tali valutazzjoni konġunta tista' ssir bilateralment jew kollettivament bejn l-atturi governattivi ewlenin kollha. Il-konklużjonijiet ta' dawn l-evalwazzjonijiet jistgħu jipprovdu bażi għal reviżjoni sussegwenti tal-pjanijiet ta' kontinġenza fl-awtoritajiet affettwati.

Bl-istess mod bħall-atturi fil-livell nazzjonali, l-atturi kollha involuti għall-inqas sa ċertu punt fir-rispons għas-sitwazzjoni ta' influss qawwi għandhom ikunu involuti f'eżerċizzju ta' tagħlim miksub li għandu l-għan li jiġbor kontribut dwar l-aspetti pożittivi relatati mal-implimentazzjoni tal-pjan ta' kontinġenza, kif ukoll dawk il-punti li jeħtieġu li jissaħħu fl-ippjanar futur ta' kontinġenza.

**Prattika tajba**

L-użu ta' softwer tal-istħarriġ jista' jnaqqas b'mod drammatiku l-ispejjeż assoċjati mal-irkupru tal-feedback minn atturi u partijiet ikkonċernati multipli. Sistemi ta' stħarriġ bħal dawn jistgħu wkoll inaqqsu b'mod sinifikanti l-ħin li jitqatta' fuq l-ipproċessar, il-ġbir u l-preżentazzjoni tar-riżultati tal-istħarriġ. L-istess softwer tal-istħarriġ jista', bħala pass li jmiss, jintuża biex jinkiseb feedback dwar il-miżuri proposti żviluppati għall-korrezzjoni tan-nuqqasijiet u d-difetti.

Sussegwentement, ir-reviżjoni u l-aġġustament tal-pjan ta’ kontinġenza jeħtieġ li jsiru f’konsultazzjoni ma’ dawn l-atturi kollha kkonċernati u dawn għandhom ikunu infurmati b’mod adegwat dwar x’se jkun mistenni minnhom f’sitwazzjonijiet futuri fejn il-pjan ta’ kontinġenza jeħtieġ li jiġi attivat.

- ### Soċjetà ċivili, awtoritajiet oħra u voluntiera

Wara l-ġestjoni ta’ sitwazzjoni ta’ influss qawwi, l-awtoritajiet ta’ akkoljenza jeħtieġ li jivvalutaw il-valur tal-isforzi tal-voluntiera. Il-valutazzjoni jeħtieġ li tidentifika n-nuqqasijiet fl-użu tal-voluntiera u l-miżuri rilevanti sabiex jiġu żgurat li dawn ikunu jistgħu jikkontribwixxu b’mod xieraq f’sitwazzjonijiet futuri u jil-pjġi aġġustat il-pjan ta’ kontinġenza kif meħtieġ. L-awtoritajiet ta’ akkoljenza jistgħu jikkunsidraw ukoll l-użu ta’ stħarriġ biex jiksbu feedback direttament mill-voluntiera, jew jikkunsidraw li jirċievu feedback mill-voluntiera permezz tal-organizzazzjonijiet umanitarji rilevanti li kienu assoċjati magħhom.

# H. Maniġment tal-baġit u riżorsi finanzjarji

## 1. Introduzzjoni

L-awtoritajiet kollha ta' akkoljenza tal-Istati tal-UE+ jaħdmu b'baġit, li jitħejja fuq il-bażi ta' tbassir għall-perjodu li ġej. Il-grad ta' preċiżjoni tat-tbassir għal dħul, ħruġ, rata ta' okkupanza u kapaċità ta' akkoljenza meħtieġa jid-determina l-grad ta' preċiżjoni tal-baġit meħtieġ.

Madankollu fl-ippjanar ta' kontinġenza l-awtoritajiet ta' akkoljenza qed jippreparaw għal sitwazzjonijiet li normalment ma kinux ġew previsti. F'każ li din is-sitwazzjoni jkollha impatt fuq is-sistema kollha ta' akkoljenza jew fuq il-parti l-kbira tal-perjodu tal-baġit, x'aktarx li l-baġit previst ma jkunx jaqbel mal-ħtiġijiet finanzjarji għall-organizzazzjoni tal-kapaċità ta' akkoljenza meħtieġa.

Il-baġit, jew pjuttost in-nuqqas tiegħu, jista' jkun ostakolu ewlieni biex l-awtoritajiet ta' akkoljenza jeżegwixxu pjan ta' kontinġenza. L-atturi kemm fis-swieq privati kif ukoll f'dawk pubbliċi mhux se joffru l-prodotti jew is-servizzi tagħhom jekk il-ħlas ma jistax jiġi garantit fi żmien raġonevoli.

Hemm miżuri differenti li jistgħu jittieħdu li jippermettu t-tneħħija ta' ostakli potenzjali qabel ma sseħħ is-sitwazzjoni mhux prevista.

## 2. Il-fażi tat-tħejjija u l-iżvilupp

### • Ibbaġitjar abbażi tax-xenarju

Il-biċċa l-kbira tal-awtoritajiet pubbliċi jew tal-kumpaniji privatijsibu l-ibbaġitjar sfida formidabbli anki taħt kundizzjonijiet stabbli. Taħt **kundizzjonijiet volatili**, meta l-previżjonijiet jinbidlu minn ġimgħa għal ġimgħa, l-iżvilupp ta' baġit affidabbli għal perjodu itwal fil-futur (eż. is-sena fiskali li jmiss) huwa diffiċli ħafna. Dawk il-kundizzjonijiet volatili japplikaw għall-awtoritajiet ta' akkoljenza minħabba d-diffikultà li wieħed ibassar l-influss futur. Il-monitoraġġ u l-analiżi avvanzati tal-influss tad-*data* rilevanti jistgħu jżidu l-affidabilità tal-previżjonijiet u t-tbassir tal-baġit, iżda qatt ma tista' tintlaħaq ċertezza ta' 100%.

Għażla waħda biex tiġi ttrattata l-inċertezza hija li jsir baġit ibbażat fuq **l-agħar xenarju possibbli**. Dan ifisser li jiġi kkunsidrat ċertu **marġinu ta' żball** biex jiġu koperti l-ispejjeż għal avveniment mhux mistenni. Min-naħa l-oħra, ibbaġitjar ibbażat fuq **l-aħjar xenarju possibli** huwa aktar riskjuż.

Fl-aħħar mill-aħħar, kollox jorbot fuq il-kisba ta' **assigurazzjoni adegwata għal avvenimenti mhux mistennija.** Eżatt bħalma persuni individwali jassiguraw ruħhom fil-ħajja ta' kuljum tagħhom kontra r-riskji ta' avvenimenti mhux mistennija, awtorità ta' akkoljenza tista' tassigura ruħha kontra r-riskju ta' influss qawwi. Il-mistoqsija ewlenija hija kemm awtorità ta' akkoljenza hija lesta li tħallas biex tipproteġi lilha nfisha mir-riskju ta' influss qawwi. Dan jiddependi ħafna fuq il-probabbiltà ta' dan ir-riskju, li tvarja ħafna minn stat għall-ieħor. Jiddependi wkoll fuq il-kopertura mixtieqa, sħiħa jew parzjali, li l-awtorità tixtieq tikseb, li min-naħa tagħha tiddependi ħafna fuq il-baġit disponibbli fl-istat ikkonċernat. Minħabba li l-baġits huma limitati, l-awtorità ta' akkoljenza jeħtieġ li ma tkunx assigurata żżejjed, l-hekk imsejħa assigurazzjoni żejda, meta jitqies il-prinċipju li l-gvern jeħtieġ li juża l-flus tal-kontribwenti b'mod prudenti.

**Prattiki tajbin**

Iż-żamma ta' rata okkupazzjonali għolja mingħajr mekkaniżmu fis-seħħ biex tiżdied malajr il-kapaċità ġenerali hija riskjuża ħafna.

Meta jiġi kkunsidrat dan, **postijiet żejda li mhumiex operattivi iżda jistgħu jiġu attivati malajr** joffru kopertura relattivament tajba u effiċjenti kontra r-riskji ta' influss qawwi minn lat ta' assigurazzjoni. (*ara l-Kapitolu I dwar il-Kapaċità ta' akkomodazzjoni)*. Huma jiswew inqas meta mqabbla ma' postijiet li jibqgħu operattivi, iżda joffru kważi l-istess garanziji (sakemm ikun hemm mekkaniżmi biżżejjed flessibbli biex jadattaw il-baġit malajr ladarba dawn il-postijiet addizzjonali jiġu attivati u jkunu operattivi).

**Li wieħed iżomm aktar persunal jew li jkollu riżerva ta' reklutaġġ għall-immaniġġjar ta' każijiet** f'każ ta' żieda f'daqqa fl-influss sikwit tkun aktar effiċjenti milli tinżamm il-kapaċità ta' akkoljenza minħabba li l-ispiża għall-kapaċità ta' akkoljenza hija ġeneralment aktar għolja mill-ispiża għall-immaniġġjar tal-każijiet (speċjalment fil-fażi tar-rispons u t-tmexxija). Benefiċċju addizzjonali ta' dan it-tip ta' assigurazzjoni huwa li l-kapaċità ta' akkoljenza tista' tinżamm f'livell aktar stabbli sabiex ikunu possibbli investimenti aktar sostenibbli fl-infrastruttura (eż. xogħlijiet ta' rinnovazzjoni biex titjieb il-kwalità tal-bini) u fil-persunal (eż. taħriġ). Ċaqliq kbir fil-kapaċità ta' akkoljenza jimplika t-telf ta' ħafna minn dawk l-assi materjali u immaterjali.

### • Il-prevedibbiltà tal-flessibbiltà tal-baġit

Minħabba d-diffikultà tal-previżjoni tal-baġit fil-qasam tal-akkoljenza, is-segwitu tal-proċess tal-baġit tradizzjonali jista' jkun saħansitra mhux produttiv. Għalhekk, huwa rrakkomandat li jiġu previsti mekkaniżmi suffiċjenti ta' flessibbiltà biex il-baġit ikun jista' jadatta għaċ-ċirkostanzi l-ġodda. Dawn il-mekkaniżmi jistgħu jkunu:

- adattament awtomatiku tal-baġit skont l-influss tal-akkoljenza tal-benefiċjarji
- ibbaġitjar għal perjodi iqsar (eż. ibbaġitjar trimestrali minflok ibbaġitjar annwali) jew reviżjoni tal-baġit aktar spiss (eż. erba' darbiet fis-sena minflok darba)
- proċeduri ta' emerġenza rapidi u speċifiċi għad-domanda ta' riżorsi addizzjonali
- l-istabbiliment ta' riżervi finanzjarji li jistgħu jintużaw wara żieda formali tal-baġit ta' akkoljenza

In-nuqqas ta' dawn il-mekkaniżmi ta' flessibilità huwa riskju. Dan jagħmel lil-awtoritajiet ta' akkoljenza inabbli milli jikkuntrattaw impenji legali ma' sħab li jipprovdu faċilitajiet ta' akkoljenza. Sakemm dawn is-sħab ma jkunux jistgħu jiffinanzjaw minn qabel fuq ir-riskju tagħhom stess, hawn jista' jintilef ħin prezzjuż.

### • Tħejjija ta' strateġiji effiċjenti

Fil-fażi tat-tħejjija u l-iżvilupp, l-awtoritajiet ta' akkoljenza għandhom jirriflettu dwar strateġiji biex jiffrankaw il-flus fil-fażi ta' rispons u tmexxija. Minn perspettiva ta' tħejjija, huwa aħjar li jiġi aġġustat id-daqs tal-faċilitajiet ta' akkoljenza milli tinbena faċilità ġdida jew li tiġi abolita waħda, peress li l-ispejjeż huma ogħla fil-każ tal-aħħar.

Il-liġi tal-provvista u d-domanda tapplika wkoll għall-akkoljenza. Jekk id-domanda hija ħafna ogħla mill-provvista, il-prezzijiet se jiżdiedu malajr u/jew il-ħinijiet tal-kunsinna se jestendu. Matul il-perjodu tal-2015 ta' influss qawwi fl-UE, Stati differenti tal-UE+ affaċċjaw nuqqas kbir ta' kontenituri, sodod, saqqijiet, eċċ. Minħabba dan, żdiedu l-prezzijiet u l-ħinijiet tal-kunsinna.

Strateġija possibbli tista' tkun li jinkisbu ħażniet strateġiċi tal-prodotti meħtieġa. Naturalment, l-ispiża tal-ġestjoni tal-inventarju (stokk, sigurtà, kontroll, eċċ.) jeħtieġ li titqabbel mal-benefiċċji possibbli.

Strateġija effiċjenti oħra hija t-tfittxija ta' effetti "fuq skala" bil-kondiviżjoni ta' ħażniet ma' korpi pubbliċi jew privati oħra li jeħtieġu l-istess assi (eż. il-kondiviżjoni ta' ħażniet ta' provvisti essenzjali bħal sodod u kutri ma' organizzazzjonijiet umanitarji li jipprovdu għajnuna f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza).

### • L-immappjar ta' fondi ta' emerġenza tal-UE jew nazzjonali disponibbli

L-investigazzjoni u l-elenkar minn qabel tal-fondi differenti fuq il-livelli nazzjonali u Ewropej li jipprovdu assistenza finanzjarja f'każ ta' emerġenza u t-tħejjija ta' proċeduri sabiex tinkiseb din l-assistenza finanzjarja sabiex jiġi ffrankat il-ħin fil-fażi ta'rispons u tmexxija jistgħu jkunu utli.

L-istrumenti ta’ finanzjament u appoġġ Ewropej l-aktar importanti f’dan il-qasam huma:

- il-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (AMIF)
- il-Fond ta’ Sigurtà Interna-Strument għall-Fruntieri u l-Viża (ISF-Fruntieri u Viża)
- l-Istrument għall-Appoġġ ta’ Emerġenza
- il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili

Tista’ ssib aktar informazzjoni fuq https://ec.europa.eu/home-affairs/financing/fundings/migration-asylum-borders/asylum-migration-integration-fund_en).

## 3. Il-fażi tar-rispons u t-tmexxija

It-tbassir tal-baġit għall-akkoljenza diġà huwa diffiċli fi żminijiet normali, u jsir aktar ikkumplikat fi żminijiet ta’ influss qawwi. Għalhekk, jista’ jkun utli li tiżdied il-frekwenza tal-previżjoni tal-baġit.

Għandu jiġi implimentat **mekkaniżmu ta’ monitoraġġ effettiv** sabiex jiġu mmonitorjati l-ispejjeż u l-ħtiġijiet finanzjarji f’ħin reali u sabiex jitkejjel l-impatt baġitarju tal-implimentazzjoni tal-pjan ta’ kontinġenza.

Dawn l-analiżijiet finanzjarji jistgħu jintużaw biex jiġu motivati u ġġustifikati talbiet addizzjonali tal-baġit għall-awtorità ta’ akkoljenza u l-użu tal-mekkaniżmi ta’ flessibbiltà baġitarja li jeżistu fl-istat tal-UE+ ikkonċernat.

L-ispejjeż eċċezzjonali għall-akkoljenza jista’ jkollhom effett sinifikanti fuq il-baġit nazzjonali u l-impatt fuq l-istati tal-UE+ li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-**Patt Ewropew ta’ Stabbiltà u Tkabbir** (PST). Il-PST għandu l-għan li jipprevjeni u jikkoreġi żbilanċi baġitarji eċċessivi jew piżijiet eċċessivi ta’ dejn pubbliku. Matul il-perjodu reċenti ta’ influss qawwi, il-Kummissjoni Ewropea (KE) impenjat ruħha li tagħti l-ispazju xieraq li l-Patt ippermetta sabiex jiġu indirizzati “*avvenimenti mhux tas-soltu lil hinn mill-kontroll tal-Istati tal-UE+*” b’impatt kbir fuq il-finanzi pubbliċi tagħhom. B’mod speċifiku, l-Istati tal-UE+ jistgħu jissottomettu **talba speċifika lill-Kummissjoni** biex jiġu kkunwidrati r-riżorsi addizzjonali eċċezzjonali allokati għall-għajnuna lill-applikanti.

Il-veloċità hija essenzjali fil-fażi tar-rispons u t-tmexxija. Il-kuntratti għandhom isiru ħafna aktar malajr milli fi żminijiet normali sabiex jinkisbu l-provvisti meħtieġa fil-ħin it-tajjeb. Żbalji u impreċiżjonijiet fil-proċedura huma aktar probabbli li jseħħu f’dawn iċ-ċirkostanzi. Għal raġunijiet ta’ kontroll finanzjarju u awditjar, huwa importanti ħafna li jiġu **segwiti irregolaritajiet proċedurali u finanzjarji** fil-ksib ta’ servizzi u provvisti (ara wkoll *taqsima H dwar l-akkwist*) u li jiġi previst żmien wara l-kriżi sabiex jiġu rregolati dawn l-iżbalji amministrattivi.

## 4. Il-fażi ta’ reviżjoni u aġġustament

Din il-fażi jeħtieġ li tintuża biex jiġi vvalutat u xi kultant jiġi adattat it-tbassir tal-baġit, il-mekkaniżmi ta’ flessibilità eżistenti u jekk hemm bżonn sabiex tittieħed deċiżjoni dwar limiti ġodda fil-valutazzjoni tar-riskju.

Jeħtieġ li tintuża wkoll sabiex jiġu mmaniġġjati irregolaritajiet proċedurali u finanzjarji li ġew segwiti matul il-fażi tal-implimentazzjoni u li ma setgħux jitranġaw immedjatament.

Huwa rrakkomandat li l-baġit ta’ akkoljenza jingħaqad ma’ ħin tal-ipproċessar evalwat tat-talbiet għall-asil, u mal-profili u l-ħtiġijiet tal-benefiċjarji ta’ akkoljenza.

# I. Kapaċità ta' akkomodazzjoni

## 1. Introduzzjoni

L-akkomodazzjoni tal-applikanti hija waħda mill-ikbar sfidi fl-ippjanar ta' kontinġenza. Fil-każ ta' ħtieġa addizzjonali f'daqqa għall-kapaċità huwa diffiċli u ġeneralment jiswa aktar flus biex tinstab biżżejjed akkomodazzjoni ta' kwalità aċċettabbli. Għalhekk, huwa importanti li wieħed ikun ippreparat.

**Definizzjonijiet:**

F'din it-taqsima l-kelma **kapaċità ta' akkomodazzjoni** tfisser aktar minn sempliċement il-proprjetà immobbli, kif muri fil-figura hawn taħt (għal-loġistika involuta, ara l-*Kapitolu J. — Ġestjoni tar-riżorsi*).




**Kapaċità addizzjonali** tirreferi għal kapaċità vojta, jew il-kapaċità tagħhom stess jew permezz ta' attivazzjoni ta' fornitur estern tas-servizzi, li l-awtoritajiet ta' akkoljenza żgur li jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom fi żmien qasir.

## 2. Il-fażi tat- tħejjija u l-iżvilupp

Matul din il-fażi, l-awtorità ta' akkoljenza tista' tipprepara ruħha għall-azzjonijiet meħtieġa biex **tiżdied** il-kapaċità malajr permezz ta' **reġistrazzjoni** komprensiva tal-kapaċità kollha disponibbli kif ukoll **determinazzjoni** ċara tar-rispons tas-sistema ta' akkoljenza.



## • Kun żgur li r-reġistrazzjoni attwali tal-kapaċità disponibbli hija aġġornata

Ir-reġistrazzjoni tal-kapaċità u l-okkupanza disponibbli hija essenzjali għall-użu effiċjenti tal-kapaċità eżistenti, għall-ippjanar għal kapaċità addizzjonali u biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet ta' persuni bi bżonnijiet ta' akkoljenza speċjali. Fi żminijiet ta' influss qawwi huwa importanti li kulħadd fis-sistema ta' akkoljenza jkun irreġistrat, preferibbilment f'sistema aċċessibbli ċentralizzata u/jew deċentralizzata. Dan huwa utli wkoll biex jiġu ffaċilitati l-intervisti tal-asil (ara l-ewwel inċiż, Awtoritajiet ta' determinazzjoni u migrazzjoni, fil-*kapitolu G.2 dwar il-koordinazzjoni mal-awtorità determinanti*). Jistgħu jkunu meħtieġa riżorsi umani żejda sabiex titkompla r-reġistrazzjoni waqt influss qawwi (*ara wkoll il-kapitolu K dwar ir-Riżorsi Umani*). Attenzjoni addizzjonali għall-proċess ta' identifikazzjoni u reġistrazzjoni fil-bidu tal-influss, tagħti riżultati f'mument aktar tard.

## • Iddetermina l-ħtiġijiet għal u r-rekwiżiti ta' kapaċità addizzjonali

**Id-determinazzjoni tal-ħtieġa** għal kapaċità ta' akkomodazzjoni addizzjonali hija r-riżultat ta' valutazzjoni taddinamika bejn id-dħul u l-ħruġ:

- Meta d-dħul jogħla u l-ħruġ ikun stabbli, aktar kapaċità tkun meħtieġa u viċiversa.
- Meta jittieħed aktar żmien sabiex tittieħed deċiżjoni dwar proċedura ta' asil, iż-żjara tal-applikanti fil-faċilità ta' akkoljenza se tkun itwal u se jkun hemm bżonn akbar ta' kapaċità (ara l-ewwel punt, fil-*Kapitolu G.2 dwar koordinazzjoni esterna/awtoritajiet ta' determinazzjoni u ta' migrazzjoni*).
- Ivvaluta ż-żmien li huwa meħtieġ biex jinstabu soluzzjonijiet oħra għal żieda fil-kapaċità.

Abbażi tal-kapaċità disponibbli u r-rispons determinat, l-għan f'din il-fażi huwa li jiġu żviluppati **possibbiltajiet** differenti sabiex tiżdied il-kapaċità ta' akkomodazzjoni.




In-**numru** ta' kapaċitajiet addizzjonali li jistgħu jinħolqu jiddependi fuq:

- l-ammont tal-baġit li huwa disponibbli;
- l-ispejjeż ta' kapaċità żejda.

> ✓ Aħseb dwar l-immedjatezza u ċ-ċertezza tal-kapaċità addizzjonali tiegħek u ibni portafoll ibbażat fuq dan.

Xi miżuri jippermettu żieda fil-kapaċità ta' akkomodazzjoni b'mod **żgur** u **immedjat**, bħal żieda fil-kapaċità fil-faċilità ta' akkoljenza eżistenti, filwaqt li huwa possibbli biss li jiġu implimentati oħrajn fit-tul jew jista' jkun inqas ċert. Hija rakkomandabbli kombinazzjoni ta' miżuri ċerti u anqas ċerti, kif ukoll immedjati u inqas immedjati disponibbli.

Fil-kapaċità addizzjonali jeħtieġ li tingħata attenzjoni għall-ħtieġa ta' kapaċità addizzjonali jew speċjali għall-applikanti bi **bżonnijiet speċjali**. Huwa probabbli li meta eż. l-influss b'mod ġenerali jogħla, l-influss ta' nies bi bżonnijiet speċjali jiżdied ukoll.

Id-**distribuzzjoni ġeografika** tal-kapaċità addizzjonali jeħtieġ li titqies, skont is-sitwazzjoni fl-Istat tal-UE+. Għal xi Stati tal-UE+ jista' jkun rakkomandabbli li tiġi organizzata kapaċità addizzjonali fil-viċinanza tal-fruntieri; għal Stati oħra tal-UE+ jista' jkun rakkomandabbli li tiġi organizzata l-kapaċità żejda fil-viċinat tal-postijiet fejn qed tiġi ttrattata l-proċedura tal-asil u għal xi Stati tal-UE+, distribuzzjoni ġeografika bilanċjata hija importanti. Kif issemma' hawn fuq, il-possibbiltà li jiġu skambjati l-kapaċitajiet ta' akkomodazzjoni bejn l-istati tal-UE+ hija proposta ta' min jeżaminaha.

## • Oħloq kapaċità addizzjonali

Il-kapaċità addizzjonali, kif definita fl-introduzzjoni, tista' tiġi f'**forom** differenti:

- żieda fil-kapaċità f'impjant ta' akkoljenza attiv (eż. kmamar vojta jew bini fil-post, l-użu ta' żoni komuni bħala kmamar tas-sodda) — sabiex ikun hemm benefiċċju mill-persunal eżistenti u n-network madwar iċ-ċentru ta' akkoljenza (eż. skejjel u servizzi mediċi)
- żamma ta' ċentru ta' akkoljenza vojt
- żona, ġewwa jew barra l-bini ta' ċentru ta' akkoljenza attiv, bl-infrastruttura biss fuq l-art (eż. elettriku, provvisti ta' ilma u drenaġġ) u kuntratt li kumpanija tista' tibni kapaċità ta' akkomodazzjoni addizzjonali
- kuntratt miftiehma minn qabel ma' fornituri esterni tas-servizzi (eż. atturi privati, fornituri nazzjonali tal-propjetà immobbli) bi prezz minimu jew mingħajr ħlas għal postijiet vojta
- alternattivi oħra, bħal klawżoli ta' kontinġenza f'kuntratti ta' qafas (eż. kunsinna b'mod urġenti)

### Prattiki tajbin

Irranġa għall-permessi meħtieġa għall-ftuħ ta' kapaċità ta' akkomodazzjoni ġdida biex tiffranka l-ħin jew irranġa għal eċċezzjoni ġenerali f'każ ta' sitwazzjoni ta' influss qawwi, biex twaqqaf faċilitajiet ta' akkoljenza

Kun żgur li l-fornituri tas-servizz (pubbliċi u privati) (eż. skejjel, catering, servizzi mediċi, pulizija, eċċ.) fil-viċinat ikunu infurmati dwar u mħejjija għall-possibbiltà ta' kapaċità addizzjonali

## • Ġestjoni u ppjanar tal-kapaċità addizzjonali

Huwa rrakkomandat li tiġi stabbilita **sistema dinamika għall-ġestjoni u l-monitoraġġ** tal-kapaċità addizzjonali disponibbli (eż. reġistrazzjoni tal-postijiet kollha skont ċerti elementi: prezz ta' disponibbiltà, kapaċità, kwalità, adattabilità għal ħtiġijiet ta' akkoljenza speċjali).

✓ Qis iż-żieda jew tnaqqis potenzjali mill-ewwel fil-fażi tal-ftuħ.

Jeħtieġ li tiġi indirizzata l-**prijoritizzazzjoni** tal-possibbiltà ta' żieda jew tnaqqis. Hija parti minn pjan ta' kontinġenza li fih l-atturi jkunu jafu bil-quddiem x'għandhom jagħmlu u meta jagħmluh. Skont il-ħtieġa għan-numru ta' postijiet u l-ħeffa li biha huma meħtieġa, il-miżuri jistgħu jiġu implimentati waħda wara l-oħra jew simultanjament.

## • Ipprepara għall-akkwist ta' kapaċità ġdida

### Proċedura

| Għodod ta' tħejjija għall-akkwist rapidu ta' kapaċità ta' akkomodazzjoni ġdida |
|---|
| ☐ listi ta' kontroll għall-akkwist ta' ċentri ġodda (standards ta' kwalità, kriterji ta' sikurezza rilevanti, infrastruttura u disponibbiltà ta' servizzi) |
| ☐ proċedura ċara għall-validazzjoni ta' postijiet ġodda |
| ☐ kuntratti standard |

Fil-każ li l-kapaċità addizzjonali mħejjija ma tkunx biżżejjed, il-kapaċità ta' akkomodazzjoni jista' jkollha tiġi estiża permezz tal-akkwist ta' postijiet ġodda. Sabiex wieħed**jipproċedi malajr** meta jkun hemm bżonn, huwa rakkomandat li jiġu ppreparati minn qabel: listi ta' kontroll għall-akkwist ta' faċilitajiet ġodda (eż. standards ta' kwalità, kriterji ta' sikurezza, infrastruttura, disponibbiltà ta' servizzi, eċċ.) u kuntratti standard disponibbli u li jkollhom proċedura ċara għall-validazzjoni ta' post ġdid.

### It-twaqqif ta' netwerk ta' fornituri u atturi oħrajn

Li jkun hemm network tajjeb ta' fornituri ta' kapaċità ta' akkomodazzjoni jista' jgħin biex jitħaffef l-akkwist ta' kapaċità ġdida. Dan ifisser li, anki fi żminijiet ta' varjazzjonijiet ta' flutwazzjonijiet relattivament bla xkiel tal-okkupazzjoni, dan in-network jeħtieġ li jkun infurmat dwar is-sitwazzjoni u l-aspettattivi sabiex huma jkunu jistgħu jaġixxu malajr jekk meħtieġ. Dawn l-aspettattivi jistgħu diġà jiġu organizzati f'kuntratti ta' akkwist (offerti). *(ara l-Kapitolu J.2.1.)*

## 3. Il-fażi tar-rispons u t-tmexxija

F'din il-fażi hemm bżonn għal għarrieda għal kapaċità addizzjonali. Din it-taqsima se tidħol fil-**possibbiltajiet biex tiżdied** il-kapaċità u l-possibbiltà li **titnaqqas il-ħtieġa għall-kapaċità**. Dawn li ġejjin huma xi wħud mill-miżuri possibbli.

***Għolli r-rata ta' okkupazzjoni fis-sistema ta' akkoljenza***

- Informa lill-operaturi dwar is-sitwazzjoni ta' influss qawwi u l-ħtieġa urġenti tal-kapaċità
- Agħmel l-arranġamenti meħtieġa mal-operaturi biex tagħmel iż-żieda tar-rata ta' okkupazzjoni possibbli (eż. tissospendi xogħlijiet ta' rinnovament, tnaqqas "sodod mitlufin" minħabba nuqqas ta' qbil)

***Uża l-kapaċità addizzjonali ppreparata***

- Il-kapaċità addizzjonali li titħejja tista' tintuża. Skont il-forma ta' kapaċità addizzjonali hemm kull xorta ta' azzjonijiet meħtieġa għall-partijiet ikkonċernati fil-viċinat tal-kapaċità addizzjonali.

***Espandi l-kapaċità fuq il-postijiet li diġà qegħdin jintużaw***

- Jekk tespandi l-kapaċità fuq il-postijiet li diġà qed jintużaw din se jkollha l-benefiċċju li n-network tal-partijiet ikkonċernati u s-sħab meħtieġa jkun diġà attiv u jeħtieġ "biss" li jiżdied. Dan jista' jsir permezz tal-kuntratti li ġew ippreparati fil-fażi tat-tħejjija, l-akkwist pubbliku jista' jkun parti mit-tħejjija. Jistgħu jiġu kkunsidrati l-possibbiltajiet li jintużaw strutturi mobbli.

***Espandi l-kapaċità billi takkwista postijiet ġodda***

- Fil-kuntest nazzjonali tal-Istat tal-UE+, l-akkwist ta' postijiet ġodda se jsir b'mod differenti, li jiddipendi wkoll fuq ir-responsabbiltajiet tal-awtorità ta' akkoljenza. Il-postijiet il-ġodda setgħu kienu bini li ntuża minn ministeri (oħrajn), bħal kwartieri tal-armata, sptarijiet antiki, bini tal-uffiċini, eċċ. Possibbiltà oħra hija li l-kapaċità tiġi organizzata minn atturi (pubbliċi) oħra bħal NGOs jew muniċipalitajiet jew permezz ta' akkwist fis-suq privat.

***Iffaċilita miżuri għall-applikanti biex jibqgħu barra l-faċilitajiet ta' akkoljenza***

- Id-direttiva dwar il-kundizzjonijiet ta' akkoljenza tagħti l-possibbiltà lill-Istati tal-UE+ biex jipprovdu lill-applikanti l-kundizzjonijiet materjali ta' akkoljenza, inkluż akkomodazzjoni, permezz ta' benefiċċju finanzjarju minflok in natura (u skont il-possibbiltà li jsibu akkomodazzjoni xierqa). B'dan il-mod l-applikant għall-protezzjoni internazzjonali jibqa' fi ħdan is-sistema ta' akkoljenza iżda m'għandux bżonn kapaċità ta' akkoljenza, dawk l-applikanti għad għandhom l-istess drittijiet imsemmija fl-RCD.

***Ippromwovi miżuri ta' ħruġ***

- Ippromwovi miżuri ta' ħruġ biex tevita li s-sistema ta' akkoljenza ma ssirx iffullata. Ir-rata ta' okkupazzjoni hija r-riżultat ta' influss mingħajr ħruġ. Il-miżuri possibbli dwar il-ħruġ huma:
  1. Ħaffef il-ħruġ tad-detenturi tal-permessi għall-muniċipalitajiet;
  2. Ħaffef il-ħruġ ta' applikanti b'talba ta' Dublin;
  3. Ħaffef il-ħruġ ta' persuni li mhumiex intitolati għall-akkoljenza.

**Prattika tajba**

Fi żminijiet ta' żieda f'daqqa fl-okkupazzjoni u fil-kapaċità ta' akkomodazzjoni, hemm ħtieġa addizzjonali għall-koordinazzjoni. Kordinazzjoni ta' liema faċilità ta' akkoljenza tiftaħ, u għal liema faċilità jmorru l-persuni (eż. bi bżonnijiet ta' akkoljenza speċjali). Din il-koordinazzjoni (mandat, ġerarkija, linji ta' komunikazzjoni, mandat finanzjarju, laqgħat, eċċ) jeħtieġ li tiġi miftiehma minn qabel u n-nies u l-funzjonijiet jeħtieġ li jiġu assenjati minn qabel, kif ukoll kif se jitwettqu l-kompiti tagħhom ta' kuljum.

## 4. Il-fażi ta' reviżjoni u aġġustament

Matul il-fażi tar-reviżjoni u l-aġġustament, in-negozji jaġġustaw għas-sitwazzjoni l-ġdida. Dan jista' jwassal għal żewġ xenarji:

i. L-organizzazzjoni **adattat għas-sitwazzjoni l-ġdida** u għar-realtà l-ġdida. F'dan ix-xenarju jista' jkun possibbli li jittieħed iż-żmien u terġa' tinbena l-kapaċità żejda u tinxteħet l-attenzjoni fuq il-kwalità u l-ispejjeż tal-kapaċità.

ii. Il-ħtieġa addizzjonali għal għarrieda għall-kapaċità m'għadhiex preżenti. F'dan ix-xenarju wasal iż-żmien li jintgħażlu l-lokalitajiet jew il-faċilitajiet li huma importanti għall-ġestjoni operattiva f'termini ta' finanzi, ġeografika, valur għall-proċess tal-katina, fondazzjoni lokali u politika, kwalità, eċċ. Dan l-għarfien jgħin fit-**tnaqqis** u fl-għarfien ta' liema postijiet l-organizzazzjoni ta' akkoljenza trid iżżomm u liema postijiet jistgħu jingħalqu. It-tnaqqis huwa l-mument ideali biex tinħoloq xi tip ta' kapaċità addizzjonali u biex jintgħażlu l-faċilitajiet ta' kwalità aħjar, sabiex ikun hemm tħejjija aħjar għal sitwazzjoni ta' influss qawwi li jmiss.

Jeħtieġ li tiġi riveduta l-fażi ta' influss qawwi, sabiex it-tagħlimiet meħuda jkunu jistgħu jiġu implimentati fi ħdan l-organizzazzjoni sabiex ikun hemm tħejjija aħjar għal influss possibbli ġdid.

| Mistoqsijiet/suġġetti li għandhom jiġu koperti matul il-fażi ta' reviżjoni u ta' aġġustament |
|---|
| ☐ Kapaċità u ħin: il-portafoll jaqbel mal-kapaċità meħtieġa u rnexxa ż-żmien? |
| ☐ Sħab: Min kienu s-sħab l-aktar effettivi (abbażi tal-kwalità, il-kosteffiċjenza, il-flessibilità)? |
| ☐ Liema kuntratti ma ġewx rispettati u x'kienet ir-raġuni? Hemm possibbiltà li jittieħdu passi legali? |
| ☐ Ġew issodisfati l-obbligi kuntrattwali? |
| ☐ Proċess: liema (parti minn) proċess biex tiżdied il-kapaċità jeħtieġ(teħtieġ) aġġustament? |
| ☐ Valutazzjoni tal-portafoll ta' postijiet ta' akkoljenza (abbażi tal-kwalità, il-kosteffiċjenza, eċċ): liema kapaċità tista' tinżamm bħala kapaċità addizzjonali (futura)? |

# J. Ġestjoni tar-riżorsi

## 1. Introduzzjoni

Il-ksib ta’ riżorsi ġodda, il-ġestjoni ta’ sett wiesa’ ta’ riżorsi u s-sejba ta’ alternattivi għar-riżorsi jistgħu jkunu ta’ sfida fiż-żmien ta’ influss qawwi. Tipi differenti ta’ riżorsi għandhom ikunu aċċessibbli fil-ħin u l-post it-tajjeb. Din it-taqsima tiffoka fuq (1) ksib, (2) loġistika u trasport, u (3) ġestjoni ta’ ħażniet u provvisti (inklużi għodod tal-IT).




## 2. Il-fażi tat-tħejjija u l-iżvilupp

L-għan huwa li **jitħejjew il-proċessi kollha** sabiex jiġi żgurat li kollox jaħdem b’mod effiċjenti kull meta l-affarijiet ikollhom jiċċaqalqu aktar malajr f’sitwazzjoni ta’ influss qawwi. Għal kull sottotaqsima, kun żgur li **l-listi ta’ kontroll** huma pprovduti sabiex l-awtoritajiet ta’ akkoljenza jkunu jistgħu jippreparaw aħjar f’każ ta’ sitwazzjoni ta’ influss għoli.

### • Akkwist pubbliku

L-isfida hija li jinstabu modi biex jinkisbu r-riżorsi meħtieġa permezz ta’ proċeduri li jkunu kemm effiċjenti fir-rigward tal-ispejjeż u tal-ħin u kif ukoll legali. Meta tkun qiegħda tfassal l-ispeċifikazzjonijiet għall-kuntratt, l-awtorità ta’ akkoljenza jeħtieġ li tikkunsidra li d-dħul u l-ħruġ tal-applikanti mhumiex ċifri stabbli u diffiċli ħafna biex jiġu mbassra. F’dan il-kuntest, il-ħtieġa għal ċerti provvisti, prodotti jew servizzi se tinbidel kif xieraq. Jista’ jkun rilevanti li ssir referenza għall-komunikazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill (COM(2015) 454 final) dwar “*Ir-regoli tal-Akkwist Pubbliku b’rabta mal-kriżi attwali tal-asil*”, li tiddeskrivi linji gwida aktar preċiżi u utli għat-tħejjija ta’ kuntratti (ftehimiet oqfsa, proċeduri ta’ emerġenza, eċċ.) li jikkonformaw mal-liġi. Il-kollaborazzjoni bejn l-Istati Membri tal-UE dwar l-akkwist konġunt jeħtieġ li tiġi promossa minħabba li dawn kollha qed jiffaċċjaw l-istess ħtiġijiet.

**Prattika tajba**

Mod tajjeb kif jinżamm network tajjeb ta’ fornituri tal-kapaċità ta’ akkomodazzjoni jsir permezz tal-akkwist pubbliku. Din mhix proċedura li faċilment issir meta l-influss qawwi jkun fatt. Għandha ssir bil-quddiem.

| Passi preparatorji minn perspettiva ta’ akkwist |
|---|
| ☐ Agħmel valutazzjoni tal-ħtiġijiet għall-akkwist u s-sejħiet għal offerti pubbliċi għas-servizzi u l-provvisti f’każ ta’ influss qawwi. |
| ☐ Agħmel immappjar ta’ fornituri possibbli għal riżorsi ewlenin u agħtihom prijorità. |
| ☐ Fassal speċifikazzjonijiet u mudelli tal-kuntratt għall-offerti għas-servizzi u l-provvisti meħtieġa. |
| ☐ Stabbilixxi proċeduri ċari u mekkaniżmi ta’ attivazzjoni li jistgħu jiġu stabbiliti f’sitwazzjoni ta’ influss qawwi. |
| ☐ Ara li jkollok l-akkwist li diġà sar minn qabel, pereżempju bl-użu ta’ ftehimiet oqfsa. |

It-terminu tal-**kunsinna** jista’ jkun differenti f’sitwazzjoni normali u f’sitwazzjoni ta’ influss qawwi. Ir-regoli tal-UE dwar l-offerti jipprovdu l-possibbiltà għal *Proċedura Dinamika għal Offerti* li tintuża b’mod komuni għal prodotti, xogħlijiet jew servizzi li ma jkunux disponibbli fuq l-ixkaffa li ġeneralment ikunu disponibbli fis-suq. Din għandha tkun lesta li tagħti għajnuna fil-fażi ta’ influss qawwi.

Li ikun hemm kuntatt ma’ fornituri differenti għal prodott, l-iStat tal-UE se jkun aktar flessibbli, u inqas dipendenti fuq fornitur wieħed.

B’mod ġenerali, jekk iż-**żmien** meħtieġ għal kunsinna jkun qasir, is-sieħeb tal-kuntratt jista’ jkollu jżomm provvisti maħżuna, li jistgħu jgħollu l-prezz tal-prodott.

L-awtorità ta’ akkoljenza tista’ tikkunsidra kuntratti f’waqthom, li ll-prodotti jaslu fil-mument eżatt meta jkunu meħtieġa sabiex l-awtorità ta’ akkoljenza ma jkollhiex għalfejn taħżinhom.

- ## Loġistika u trasport

| Passi preparatorji minn perspettiva ta’ loġistika u trasport |
|---|
| ☐ Wettaq evalwazzjoni tas-sistema tal-loġistika u tat-trasport biex tivverifika jekk humiex meħtieġa mezzi żejda f’sitwazzjoni ta’ influss qawwi. |
| ☐ Oħloq lista ta’ kuntatti (ara l-*Kapitolu G — Koordinazzjoni esterna*). Din il-lista jeħtieġ li tkun aġġornata. |
| ☐ Ippjana l-loġistika u t-trasport ta’ oġġetti u persuni f’postijiet ġodda u aktar remoti. |
| ☐ Ipprepara l-arranġamenti ta’ trasport għall-applikanti bi bżonnijiet speċjali (eż. taxis, ambulanzi). |
| ☐ Qis il-ħin tal-loġistika u t-trasport. |
| ☐ Ikkonkludi kuntratti ma’ kumpaniji ta’ trasport u/jew korpi governattivi oħra involuti fit-trasport u l-loġistika. |

## • Ġestjoni ta’ ħażniet u provvisti

| Passi preparatorji mill-perspettiva ta’ ġestjoni ta’ ħażniet u provvisti |
|---|
| ☐ Wettaq stima dwar it-tip u l-kwantità tal-provvisti meħtieġa. |
| ☐ Ħejji network ta’ fornituri, dejjem żgura aktar minn fornitur wieħed għal kull oġġett. |
| ☐ Evalwa l-għażliet tal-ħżin kontra l-kuntrattar fil-waqt għall-oġġetti meħtieġa, skont il-kapaċità tal-kumpaniji li jikkunsinnaw malajr u fir-rigward tal-kwantità ta’ provvisti addizzjonali meħtieġa. In-numru fil-ħażna jiddependi fuq il-ħin li l-kumpaniji jistgħu jikkunsinnawhom. Aġġorna l-inventarju tal-provvista sabiex il-provvista tkun tista’ tiġi ordnata b’mod effiċjenti (evita ħażna żejda jew nieqsa). |

Skont it-tip ta’ kapaċità addizzjonali, l-ikel u t-tħejjija tal-**ikel** jeħtieġ li jiġu kkunsidrat. Hemm 3 għażliet:

- kuntrattar ta’ kumpanija tal-catering, li tipprepara l-ikliet barra l-faċilità ta’ akkoljenza;
- l-ikliet jistgħu jitħejjew fil-bini (eż. kwartieri tal-armata);
- l-applikanti jistgħu jħejju l-ikliet tagħhom waħedhom.

L-**ICT** (mezzi ta’ komunikazzjoni, tagħmir u għodod tal-IT) huwa importanti wkoll għall-persunal u l-applikanti:

- Għall-persunal: hemm żewġ tipi ta’ komunikazzjoni:

  1) Skont id-daqs tal-faċilità ta’ akkoljenza jista’ jkun meħtieġ li jkun hemm mezzi adegwati ta’ komunikazzjoni fuq il-post, eż. walkie-talkie, għas-sigurtà tal-persunal u għal raġunijiet ta’ effiċjenza.

  2) Il-komunikazzjoni mal-uffiċċju prinċipali u l-unità tal-ippjanar huma importanti fil-ġestjoni tal-flussi, għalhekk il-persunal jeħtieġ mezzi ta’ komunikazzjoni. Skont is-sitwazzjoni fl-Istat tal-UE+, l-għodod jistgħu jkunu kompjuters, laptop, eċċ. Biex tingħata bidu l-faċilità l-ġdida, tagħmir wieħed jista’ jkun bżżejjed, iżda dan għandu jiżdied għan-numru meħtieġ. It-taħriġ tal-persunal għandu jitwettaq bl-użu ta’ għodod ta’ komunikazzjoni ġodda.
- Għall-applikanti: Fl-ewwel fażi, huwa importanti li jkunu jistgħu jikkomunikaw mal-qraba tagħhom, madankollu, jekk idumu aktar fil-faċilità, huwa importanti wkoll li jkunu jistgħu jikkomunikaw ma’ nies oħra bħal avukati, eċċ. Il-komunikazzjoni mal-qraba llum issir permezz ta’ mowbajls, u permezz tal-internet. Sabiex tiffaċilita l-komunikazzjoni u l-aċċess għal informazzjoni, aċċess għall-Internet (WI-FI) huwa rakkomandabbli, b’mod speċjali peress li ħafna applikanti għandhom smartphone.

L-infrastruttura tal-IT f’faċilitajiet eżistenti jeħtieġ li tkun tista’ timmaniġġja żidiet għal għarrieda fid-domanda, u jeħtieġ li titwaqqaf malajr f’faċilitajiet ġodda. L-għodda għall-immaniġġjar u l-monitoraġġ tas-sistema ta’ akkoljenza jeħtieġ li jkollha l-possibbiltà li tiżdied u jeħtieġ li jkollha l-possibbiltà li tkun aċċessibbli minn postijiet differenti, f’konformità mal-politika dwar il-protezzjoni tad-*data*.

### Prattika tajba

L-użu konġunt tal-ħażniet u l-provvisti jista’ jkun kosteffiċjenti. Il-kooperazzjoni mal-armata, l-NGOs eċċ. tista’ tkun utli biex jixtru, jinħażnu, jiġu ttrasportati u installati sodod, tined, eċċ. Hija wkoll għażla li l-armata ssir responsabbli għall-akkwist ta’ dawn il-ħażniet u provvisti konġunti.

## 3. Il-fażi tar-rispons u t-tmexxija

### • Akkwist pubbliku

L-akkwist jista' jkun diġà sar qabel l-influss għal għarrieda. Madankollu, il-ħtieġa għal ċerti prodotti, provvisti jew servizzi tista' tkun ogħla fir-realtà milli kien mistenni. F'sitwazzjoni bħal din għad hemm bosta għażliet fi ħdan ir-regoli **Ewropej għall-Offerti**. Hemm il-possibbiltajiet għal:

- Proċedura ta' emerġenza: Din il-proċedura hija bħall-proċedura normali ta' sejħa pubblika għall-offerti iżda l-ħinijiet tal-proċess huma ħafna iqsar.
- Proċedura ta' emerġenza sfurzata: Din il-proċedura tagħmilha possibbli li jingħata bidu għan-negozjati għal kuntratt ma' fornitur minnufih. Dan jista' jsir biss fil-każ ta' diżgrazzja li ma setgħetx tkun prevista. Interpretat b'mod strett, ladarba tintuża l-proċedura, huwa diffiċli li wieħed jiddikjara influss qawwi fil-ġejjieni bħala "imprevist". L-organizzazzjoni kellha titgħallem mill-esperjenza (wara kollox, sitwazzjonijiet ta' influss qawwi huma parti mill-akkoljenza ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali) u kellha tipp-repara lilha nnifisha.

#### Prattika tajba

F'ċerti mumenti ta' sitwazzjonijiet ta' influss qawwi, id-deċiżjonijiet għandhom jittieħdu aktar malajr, u bħala konsegwenza, ir-regoli tal-offerti pubbliċi mhux dejjem jiġu rispettati b'mod strett. F'dak il-każ aċċerta ruħek li ssegwi l-valutazzjonijiet tiegħek u d-deċiżjonijiet li jsejsu l-għażla tal-proċedura, sabiex tkun tista' tispjega l-għażla tal-proċedura aktar tard għal kumitat ta' awditjar.

### • Loġistika u trasport

Loġistika u trasport mgħaġġlin tal-prodotti u tal-persuni hija element ewlieni f'perjodi ta' influss qawwi.

Meta l-influss qawwi jkun hemm u n-nies iridu jiġu mċaqalqa, pereżempju, mill-punt tad-dħul għall-post fejn jistgħu jibqgħu għal xi żmien, jeħtieġ li jintużaw **mezzi addizzjonali** ta' loġistika u trasport sabiex ikunu jistgħu jiċċaqilqu nies u oġġetti. F'każijiet ta' influss qawwi in-nies bi **bżonnijiet speċjali ta' akkoljenza** jeħtieġu attenzjoni żejda, xi nies jista' jkollhom jiġu mċaqalqa għal sptar jew għal faċilitajiet speċjali (ta' akkoljenza).

#### Prattika tajba

Meta l-persuni jiġu ttrasportati minn eż. il-punt tad-dħul fil-post fejn in-nies jistgħu jorqdu, huwa rakkomandabbli li jiġi organizzat it-trasferiment ta' lista ta' ismijiet ta' nies mill-punt tat-tluq sal-punt tal-wasla. Sabiex in-nies riċeventi tat-trasport jkunu jafu eżattament kemm persuni jeħtieġ li jkunu fix-xarabank, u min. F'xi każijiet jista' jkun rakkomandabbli li jkun hemm persunal fil-vettura wkoll.

### • Ġestjoni ta' ħażniet u provvisti

Flimkien mal-ftuħ ta' faċilitajiet ta' akkoljenza ġodda, sodod addizzjonali u provvisti oħrajn jeħtieġ li jinħarġu mill-ħażna u jintużaw. Bħalissa l-provvisti qed jintużaw, jeħtieġ li jinħarġu ordnijiet ġodda biex **jimtlew il-ħażniet,** biex ikun hemm tħejjija għal aktar influss.

Matul perjodi ta' influss qawwi, **l-għodod u t-tagħmir tal-IT** għandhom jiġu implimentati malajr. Għall-persunal, il-mezzi ta' komunikazzjoni huma kundizzjoni importanti biex ikunu jistgħu jaħdmu, imexxu l-fluss u jkollhom ċertu ammont ta' sigurtà organizzata. Għall-applikanti, biex ikunu jistgħu jkollhom kuntatt mal-qraba huwa rrakkomandat li n-nies ikollhom aċċess għall-internet u l-elettriku. Fil-faċilitajiet il-ġodda huwa importanti li jkun hemm mezzi ta' komunikazzjoni mad-dinja ta' barra (eż. għal komunikazzjoni mal-qraba jew servizzi ta' emerġenza) flimkien ma' apparat mobbli, fil-ftuħ.

Biex jingħata u jinżamm l-appoġġ, jista' jiġi kkunsidrat kiri ta' **helpdesks** addizzjonali minn konsulent estern (ara wkoll *il-Kapitolu K dwar ir-Riżorsi Umani*).

**Prattika tajba**

Għal perjodi qosra ta’ żmien, li wieħed iqis l-esternalizzazzjoni tas-servizzi tal-IT jista’ jkun irrakkomandat.

## 4. Il-fażi ta’ reviżjoni u aġġustament

### • Akkwist pubbliku

L-awtorità ta’ akkoljenza jeħtieġ li tevalwa l-kuntratti, il-prestazzjoni tal-fornituri (reazzjoni, kwalità, effiċjenza, eċċ.) U tivverifika jekk il-kuntratti kinux biżżejjed biex tiġi ttrattata s-sitwazzjoni ta’ influss qawwi. Ir-riżultat ta’ din l-evalwazzjoni jagħti kontribut għall-kuntratti li jmiss.

### • Loġistika u trasport

Il-mezzi addizzjonali ta’ loġistika u trasport jistgħu jiġu mwaqqfa, u t-trasport imur lura għal mezzi ta’ trasport normali. Huwa meħtieġ f’din il-fażi jiġu vvalutati l-proċessi, id-disponibbiltà tal-mezzi tat-trasport u jiġi vverifikat jekk iż-żmien ħadimx. Din l-informazzjoni tista’ tintuża biex titjieb fil-fażi tat-tħejjija u l-iżvilupp li jmiss.

### • Ġestjoni ta’ ħażniet u provvisti

Fl-għeluq tal-faċilitajiet ta’ akkoljenza, il-provvisti addizzjonali jistgħu jintbagħtu lura għall-ħażna jew lura lis-sid jekk jinkrew. F’xi każijiet il-ħażniet jeħtieġ li jerġgħu jimtlew. Jeħtieġ li ssir verifika tal-kwalità tal-apparat użat f’faċilitajiet oħra, biex ikun żgurat jekk apparat qadim għandux jiġi mibdul b’apparat tal-faċilità li ser tagħlaq . Huwa rakkomandabbli li wieħed jara jekk il-bqija tal-postijiet tal-akkoljenza jistgħux jiġu aġġornati bil-ħażniet u l-provvisti rritornati. Huwa rakkomandabbli li jiġi vvalutat jekk il-ħażniet u l-kuntratti “f’waqthom” kinux biżżejjed jew jekkk jeħtiġux li jiġu aġġustati biex ikunu ppreparati għal influss qawwi ġdid.

# K. Riżorsi umani

## 1. Introduzzjoni

Il-persunal mhux biss huwa l-iktar ass prezzjuż meħtieġ biex tiġi mmaniġġata żieda fl-influss. Huwa wkoll l-iktar diffiċlibiex wieħed jippjanah u jakkwistah minn qabel. Pjan ta' kontinġenza jeħtieġ li ma jiffokax biss fuq il-persunal fi ħdan il-faċilitajiet ta' akkoljenza, iżda wkoll fuq is-servizzi ta' appoġġ (eż. fil-kwartieri ġenerali).

## 2. Il-fażi tat-tħejjija u l-iżvilupp

### • Ġestjoni effettiva tar-riżorsi umani eżistenti

Minħabba li l-impjegar ta' persunal ġdid jieħu l-ħin, l-akbar piż li jikkonċerna r-riżorsi umani fil-każ ta' influss qawwi fil-bidu jinsab fil-persunal eżistenti. Dan il-persunal għalhekk jeħtieġ li jitħejja kemm jista' jkun għar-rwol speċifiku tiegħu f'każ ta' influss qawwi. Huwa rakkomandat li l-profili kollha jiġu inklużi b'mod sistematiku fil-forza tax-xogħol kurrenti. Deskrizzjoni tal-kompiti u r-rwoli tagħhom fi żminijiet ta' żieda għal għarrieda ta' influss għandha tiġi deskritta b'mod ċar bil-quddiem. Sabiex tiġi promossa l-mobilità tal-persunal jeħtieġ li jinżamm aġġornat immappjar tal-persunal disponibbli. Dan l-immappjar jiżgura li min jista' jiġi skjerat, fejn u x'kompiti jagħmel ikun magħruf f'kull ħin.

| Passi preparatorji għall-ġestjoni tar-riżorsi umani |
|---|
| ☐ Inkludi għall-profili kollha fil-forza tax-xogħol kurrenti deskrizzjoni tal-ħidmiet/tar-rwoli li għandhom jittieħdu fi żminijiet ta' influss qawwi f'daqqa. |
| ☐ Żgura bilanċ bejn il-persunal antik/esperjenzat u dak ġdid. |
| ☐ Ħarreġ il-persunal li se jkollu bżonn jassumi rwoli ġodda f'sitwazzjoni ta' influss qawwi (stabbiliment ta' "timijiet ta' intervent" ("flying teams"). |
| ☐ Prijoritizzazzjoni stabbilita minn qabel tal-kompiti għall-persunal. |
| ☐ Ippromwovi azzjonijiet għall-mobilità tal-persunal. |

Il-membri tal-persunal li jassumu rwol ġdid fil-każ ta' influss għal għarrieda jeħtieġ li jirċievu taħriġ għal dawn ir-rwoli bil-quddiem (eż. deputat direttur li jassumi r-rwol ta' direttur, impjegat loġistiku li jgħin fil-kontabilità, eċċ.). Dan jista' jieħu l-forma ta' skwadri ta' intervent rapidu ("*flying squads*") li jinħolqu fil-fażi tat-tħejjija u l-iżvilupp u jistgħu jintużaw faċilment biex jibdew ċentru ġdid matul il-fażi ta' implimentazzjoni. Il-bqija tal-persunal se jkollu jaqsam il-kompiti bejnietu b'mod aktar effiċjenti sabiex il-faċilitajiet eżistenti jibqgħu għaddejjin ukoll. Dan jimplika wkoll **id-determinazzjoni minn qabel ta' liema kompiti jistgħu jitkomplew jew jitwettqu f'livell inqas** sabiex tiġi ġestita l-faċilità waqt li jkunu qed jiġu mistennija r-rinforzi.

Idealment, jeħtieġ li dejjem ikun hemm bilanċ bejn persunal ġdid u dak b'esperjenza sabiex jiġi evitat li servizz jew faċilità ta' appoġġ ikollhom jimxu fuq persunal ġdid biss.

**Prattika tajba**

Il-persunal b'esperjenza jista' jmexxi l-bidu ta' ċentri ġodda u jiggwida l-persunal il-ġdid, dawn spiss jissejħu maniġers tal-bidu. Barra minn hekk, maniġers tal-bidu bħal dawn huma f'qagħda tajba biex jiżguraw il-komunikazzjoni mas-servizzi ta' appoġġ tal-kwartieri ġenerali. Sistema ta' mentoraġġ li fiha l-faċilitajiet eżistenti jiggwidaw u jappoġġaw faċilitajiet ġodda wriet li kienet effettiva ħafna, sakemm id-direttur tal-faċilità l-ġdida ngħata mandat ċar mid-direttur tal-faċilità eżistenti biex jagħmel użu mill-persunal tiegħu/tagħha, mill-materjal eċċ. Huwa rakkomandat li jitħarreġ lill-istaff li se jkollu rwol ta' gwida u li se jħarreġ lill-kollegi l-ġodda.

### • Reklutaġġ ta' riżorsi umani addizzjonali

Biex jitnaqqas iż-żmien għall-akkwist ta' persunal ġdid, **deskrizzjonijiet tal-impjiegi** b'deskrizzjonijiet dettaljati tal-ħiliet u l-kompiti meħtieġa jeħtieġ li jiġu pprovduti fi kwalunkwe ħin u jinżammu aġġornati.

Il-piż amministrattiv matul ir-reklutaġġ urġenti għandu jiġi analizzat. Kull pass għandu jiġi vverifikat fuq il-ħtieġa u l-opportunitajiet sabiex jitqassar il-proċess. Proċeduri urġenti jistgħu jiġu negozjati ma' nies jew organizzazzjonijiet li jridu jagħtu approvazzjonijiet uffiċjali (eż. diretturi, spettur finanzjarju, eċċ.).

| Passi preparatorji għar-reklutaġġ |
|---|
| ☐ Ipprepara deskrizzjonijiet standardizzati tax-xogħol għall-profili kollha. |
| ☐ Ipprepara tabelli organizzattivi standardizzati għall-faċilitajiet kollha ta' akkoljenza. |
| ☐ Imminimizza l-proċeduri amministrattivi għar-reklutaġġ. |
| ☐ Stabbilixxi kooperazzjoni ma' awtoritajiet nazzjonali/lokali ta' impjieg. |
| ☐ Ikkunsidra l-esternalizzazzjoni tar-reklutaġġ f'uffiċċji temporanji. |
| ☐ Waqqaf u żomm riżervi ta' reklutaġġ. |
| ☐ Żviluppa strateġija ta' HR dwar kif jingħataw kuntratti lil persunal addizzjonali. |
| ☐ Ipprepara materjal awdjo/viżiv promozzjonali/ ta' sensibilizzazzjoni biex tinforma dwar ix-xogħol ta' RA. |

Deskrizzjonijiet tal-impjieg standardizzati, postijiet battala, test ta' selezzjoni, eċċ. jeħtieġ li jiġu żviluppati minn qabel. Il-ħiliet bażiċi meħtieġa ta' persunal ġdid jeħtieġ li jiġu determinati u l-membri tal-ġurija għall-proċeduri tal-għażla jistgħu jiġu assenjati minn qabel. Tabella organizzattiva għal faċilità ta' daqs standard, li tiddeskrivi l-profili kollha tal-persunal meħtieġa biex jakkomodaw gruppi fil-mira differenti (eż. UAMs, profili mediċi, eċċ.) tista tiġi żviluppata u miftiehma minn qabel mas-servizzi rilevanti. Huwa rrakkomandat li dan il-qafas jiġi rispettat kemm jista' jkun.

Jistgħu jiġu stabbiliti metodi u proċeduri ta' reklutaġġ kif ukoll protokolli ta' kollaborazzjoni. L-iktar metodu effettiv fir-rigward tar-reklutaġġ fil-fażi tat-tħejjija u l-iżvilupp huwa **l-istabbiliment u ż-żamma ta' gruppi ta' reklutaġġ.** Dawn huma kruċjali għal funzjonijiet vitali fil-bidu ta' ċentri ġodda. Barra minn hekk, l-**awtoritajiet tax-xogħol nazzjonali jew lokali** jistgħu jiġu kkuntattjati minn qabel biex jaqblu dwar **protokolli ta' kollaborazzjoni** li jiddeskrivu kif jistgħu jgħinu malajr biex jiġi reklutat persunal. Tista' wkoll tiġi kkunsidrata l-esternalizzazzjoni tar-reklutaġġ jew parti minnu (eż. għażla minn qabel) għal **uffiċċji temporanji** jew aġenziji oħra tax-xogħol. Jistgħu jsiru **ftehimiet ta' sekondar** ma' awtoritajiet governattivi, NGOs, eċċ. b'attivitajiet simili (ċentri ta' detenzjoni, xelters għal nies bla dar, inizjattivi lokali ta' kenn, eċċ.) biex ikampaw ma' nuqqas temporanju fil-persunal. Idealment, dawn in-nies jeħtieġ li jirċievu wkoll taħriġ bil-quddiem.

**Strateġija effiċjenti ta' HR dwar kif jingħataw kuntratti lil persunal addizzjonali** jeħtieġ li tiġi analizzata u titħejja minn qabel. Jista' jsir film biex jintwerew ir-rwoli differenti fiċ-ċentri u fis-servizzi ta' appoġġ tal-HQ. Dan imbagħad jista' jintuża waqt **sessjonijiet fi grupp** f'muniċipalitajiet fejn se jinfetħu faċilitajiet ġodda, f'universitajiet fi tmiem is-sena akkademika, eċċ. Dawn is-sessjonijiet fi grupp se jagħtu lill-persuni interessati dehra aħjar tal-kontenut tax-xogħol u jaġixxu bħala forma ta' selezzjoni minn qabel awtomatika *(ara l-Kapitolu G.2 kooperazzjoni mal-voluntiera).*

## Prattika tajba

Awtorità ta' akkoljenza jeħtieġ li taħseb dwar it-tip ta' kuntratti li jiġu offruti lill-persunal li jkun għadu kif ġie impjegat, filwaqt li żżomm f'moħħha l-kuntest volatili u l-inċertezza dwar it-tul ta' żmien tas-sitwazzjoni ta' influss qawwi. Toffri kuntratti ta' xogħol għal żmien indefinit li jkun fihom klawżola li tistipula li l-kuntratt se jintemm meta ċ-ċentru jingħalaq jista' jkun kompromess tajjeb bejn il-flessibilità u tagħti perspettiva aktar fit-tul lill-persunal il-ġdid minn kuntratt temporanju.

### • Taħriġ u kkowċjar ta' riżorsi umani ġodda

Matul influss qawwi hemm ir-riskju li l-fokus ikun aktar fuq ir-reklutaġġ u inqas fuq it-taħriġ. Sabiex tiġi garantita l-kwalità tal-akkoljenza u l-persunal jinżamm motivat, it-taħriġ jeħtieġ li jingħata ammont sostanzjali ta' ħin. Jeħtieġ li jitħejjew minn qabel u jinżammu aġġornati **pakketti ta' taħriġ** bażiċi (kodiċi ta' kondotta, attitudni bażika professjonali, l-ewwel għajnuna, prevenzjoni tan-nirien, soluzzjoni ta' kunflitti, liġi tal-asil, proċeduri interni, eċċ.). Huwa wkoll importanti li ssir distinzjoni ċara bejn taħriġ li huwa "bżonn li jkollok" u "tajjeb li jkollok".

| Passi preparatorji għat-taħriġ tal-persunal |
|---|
| ☐ Ipprepara pakketti ta' taħriġ bażiċi u li wieħed għandu jkollu. |
| ☐ Agħmel użu mill-moduli ta' taħriġ tal-EASO dwar l-akkoljenza u suġġetti relatati. |
| ☐ Żviluppa metodoloġiji għat-taħriġ ta' persunal ġdid (peer coaching). |

F'dan ir-rigward, huwa rrakkomandat li wieħed jagħmel użu mill-**moduli ta' taħriġ** żviluppati mill-EASO dwar l-akkoljenza u li wieħed jipprovdi sessjonijiet ta' ħarreġ lil min iħarreġ.

Għalkemm hemm ħtieġa ovvja għal persunal b'ħiliet differenti, jeħtieġ li jkun hemm ukoll **bilanċ bejn persunal b'ħiliet differenti u speċjalizzati** u **bejn persunal ġdid u b'esperjenza**. Dan il-bilanċ jista' jinkiseb billi jiġu stabbiliti **mentorships** u helpdesks.

### • Taħriġ tal-persunal dwar ippjanar ta' kontinġenza

Il-persunal jeħtieġ li jkun imħarreġ sew u mħejji sew b'taħriġ speċifiku u b'għarfien dwar l-eżerċizzji tar-rispons ta' kontinġenza. L-involviment f'**taħriġ ibbażat fuq xenarji** f'ambjent operattiv awtentiku jipprovdi opportunitajiet ta' teħid ta' deċiżjonijiet aktar realistiċi. Dan jiffaċilita esperjenza ta' taħriġ effiċjenti f'kuntest realistiku u huwa essenzjali sabiex jiġi żgurat li l-persunal jifhem ir-rwoli u r-responsabbiltajiet tiegħu f'sitwazzjonijiet kritiċi u jkun mgħammar tajjeb biex jirrispondi.

## 3. Il-fażi tar-rispons u t-tmexxija

### • Ir-reklutaġġ u t-taħriġ tal-persunal il-ġdid

**Huwa rrakkomandat li jitqiesu l-aspetti li ġejjin meta jiġi impjegat persunal ġdid:**

**Uża kanali differenti tal-midja** biex tinforma lill-popolazzjoni li qed timpjega (Facebook, LinkedIn, Sit web, eċċ.). Staqsi lill-persunal attwali tiegħek biex iferrex il-kelma wkoll (filwaqti li tispeċifika liema ħiliet u kompetenzi huma meħtieġa).

Organizza **avvenimenti ta' xogħol lokali** biex tippreżenta l-organizzazzjoni tiegħek. Ħalli l-persunal b'esperjenza jispjega x-xogħol b'mod dirett. F'dawk il-muniċipalitajiet fejn se jinfetħu faċilitajiet ġodda, jistgħu jiġu organizzati sessjonijiet ta' informazzjoni dedikati, li jispjegaw kif ikun ix-xogħol f'faċilità ta' akkoljenza.

**Adatta l-proċedura tal-għażla tiegħek għal proċess aktar rapidu** (eż. organizza l-għażliet qrib il-post attwali tal-faċilità, iddeċentralizza l-proċessi).

Stabbilixxi **mezzi ta' komunikazzjoni tajbin bejn is-servizzi**, sabiex id-dipartiment tal-HR ikun jista' jikkomunika dwar il-progress ta' proċedura ta' għażla partikolari u mbagħad jirċievi informazzjoni dwar liema faċilitajiet jinfetħu, meta u għal liema grupp immirat (UAM, profil mediku, regolari, eċċ).

Ikkunsidra li jista' **jinbidel** ħafna fl-aħħar mument (eż. id-dati tal-bidu jiġu posposti jew miżmuma indefinittivament, gruppi fil-mira jinbidlu). Din l-informazzjoni u n-natura tagħha li tinbidel jeħtieġ li titwassal b'mod ċar lill-persunal il-ġdid kif ukoll lill-persunal eżistenti: iffoka fuq in-natura temporanja u l-ħtieġa għall-flessibilità. Barra minn hekk qis li:

- **Persunal b'esperjenza jista' jkun motivat** biex jgħin fil-bidu ta' faċilitajiet ġodda billi jkopri l-ispejjeż tat-trasport, inkluż il-ħin tal-ivvjaġġar bħala sigħat tax-xogħol, il-kiri ta' kmamar ta' lukanda jekk il-faċilità tkun 'il bogħod.
- **Saħħaħ is-servizzi tal-HR infushom** sabiex ikunu jistgħu jlaħħqu mal-ammont ta' xogħol u jiżguraw reklutaġġ bla xkiel ta' persunal ġdid.
- **Iddeċentralizza l-burokrazija:** Matul il-fażi tal-bidu ta' faċilità, xi ħadd mis-servizzi tal-HR għandu jkun fuq il-post biex jamministra l-burokrazija b'mod aktar effiċjenti (iffirmar ta' kuntratti ta' impjieg u kuntratti oħra).
- **Antiċipa nuqqas ta' tagħmir inizjali possibbli** billi tiżviluppa b'mod proattiv soluzzjonijiet kreattivi (eż. reġistrazzjoni ta' sahra fin-nuqqas ta' arloġġ tal-kontroll, organizzazzjoni tax-shifts, eċċ)
- **Kun żgur li persunal suffiċjenti** li jkollu l-għarfien espert biex jittratta proċeduri importanti iżda li jieħdu ħafna ħin, bħad-determinazzjoni ta' superjorità, leave minħabba mard, inċidenti fuq ix-xogħol, pagi, eċċ.,ikunu disponibbli

Taħriġ bażiku biss mhuwiex biżżejjed biex iħejji bis-sħiħ persunal ġdid għall-impjieg tagħhom. Hemm bżonn ta' **taħriġ addizzjonali** wkoll. Mill-inqas kollega b'esperjenza waħda jeħtieġ li tiġi assenjata f'kull dipartiment, grupp ta' tim jew kategorija ta' xogħol, li tista' tgħin lill-persunal reklutat ġdid b'diversi mistoqsijiet **(mentoraġġ).** Din il-persuna jeħtieġ li tingħata l-ħin u l-ispazju meħtieġ biex twettaq dan il-kompitu.

### Prattika tajba

Tista' tinħoloq sistema ta' helpdesk, fejn membri tal-persunal b'esperjenza jirrispondu l-mistoqsijiet ta' persunal ġdid mill-bogħod. Dan jista' jgħin biex jinfirex il-piż tal-assistenza għal persunal ġdid.

## • Ġestjoni tal-pressjoni fuq il-persunal

Perjodu ta' influss qawwi jqiegħed pressjoni kostanti u għolja fuq il-membri tal-persunal fl-attivitajiet kollha ta' akkoljenza. Livell għoli ta' pressjoni jista' jkun motivanti. Madankollu, jekk il-pressjonijiet isiru mhux maniġġabbli jew eċċessivi, dan jista' jwassal għal stress li jidher bħala marda fiżjoloġika jew psikoloġika. In-nies ivarjaw kif jirreaġixxu għall-pressjoni. Dak li hu stimulanti għal wieħed jista' jkun stressanti għal ieħor. Stress eċċessiv jista' jkollu impatt fuq il-prestazzjoni, is-saħħa u r-relazzjonijiet. **Il-maniġers u l-mexxejja tat-tim** jeħtieġ li jikkunsidraw dan b'mod kostanti billi **jimmonitorjaw u jimmaniġġjaw din il-pressjoni** fuq il-membri tal-persunal tagħhom billi jużaw indikaturi stabbiliti minn qabel (eż. leave minħabba mard, tluq). Jeħtieġ li jiddaħħlu fis-seħħ politiki effettivi tal-HR biex jiġi evitat il-mard minħabba pressjoni għolja tax-xogħol. Riżerva ta' esperti tista' tiġi mħarrġa bħala "timijiet tal-istress" biex tipprovdi konsulenza u appoġġ.

Fl-aħħar nett, huwa l-iktar importanti li tinħoloq **kooperazzjoni effettiva bejn il-persunal u l-voluntiera**, safejn huma involuti, (ara l-*Kapitolu G.2 dwar il-koordinazzjoni esterna mal-voluntiera*). Il-voluntiera jistgħu itaffu l-piż tal-persunal, iżda jekk ma jiġux organizzati kif suppost, jistgħu jkunu kontroproduttivi.

**Il-maniġment għandu jżomm il-persunal immotivat** billi juri apprezzament għax-xogħol u l-involviment tagħhom fuq bażi regolari u b'modi differenti (kitba ta' ittra personalizzata ta' grazzi, preżentazzjoni ta' messaġġ f'forma ta' vidjo online, organizzazzjoni ta' avveniment għall-persunal, premjijiet monetarji, eċċ.)

Huwa importanti wkoll li l-maniġment iżomm **komunikazzjoni ċara u realistika dwar l-għeluq possibbli tal-faċilità.**

## 4. Il-fażi ta' reviżjoni u aġġustament

Din il-fażi jeħtieġ li tintuża sabiex **jiġi finalizzat it-taħriġ ta' persunal ġdid**.

Jekk il-kapaċità ta' akkoljenza jkollha titnaqqas, l-awtorità ta' akkoljenza jeħtieġ li jkollha **strateġija tal-HR maħsuba tajjeb** bi kriterji ċari għat-tkeċċija. Jeħtieġ li jiġu kkunsidrati sostituzzjonijiet interni u esterni, ma' awtoritajiet oħrajn li huma marbutin mal-awtorità ta' akkoljenza bħall-awtoritajiet ta' determinazzjoni u ta' migrazzjoni.

Dejjem kellu jitqies li numru suffiċjenti ta' persunal jeħtieġ li jibqa' fuq il-post sakemm faċilità verament tingħalaq. Sabiex jimmotivaw lin-nies biex jibqgħu sa l-aħħar, jista' jiġi kkunsidrat xi tip ta' inċentiv, bħal premjijiet monetarji.

Jeħtieġ li tiġi definita **strateġija ta' komunikazzjoni** ddedikata lill-uffiċjali ta' akkoljenza għall-għeluq tal-faċilitajiet (ħin, mezzi ta' għeluq, involviment ta' sindakati, eċċ.).

Jekk impjegati temporanji jaraw li huma ttrattati b'mod ġust, anke wara t-tmiem tal-kuntratt tagħhom, jistgħu jirrakkomandaw lill-awtorità bħala impjegatur u jikkunsidraw li jerġgħu jaħdmu għall-awtorità fil-futur.

Kun żgur li hemm biżżejjed persunal biex b'mod amministrattiv tiġi pproċessata t-terminazzjoni tal-kuntratti. Dan joħloq ammont kbir ta' xogħol u jeħtieġ li jiġi riżolt kemm jista' jkun malajr.

# L. Il-ġestjoni tal-provvista ta' kundizzjonijiet ta' akkoljenza f'sitwazzjoni ta' influss qawwi

## 1. Introduzzjoni

Id-Dispożizzjoni tal-kundizzjonijiet ta' akkoljenza għall-applikanti hija rregolata mid-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza (RCD) u l-pjan ta' kontinġenza għandu jkun konformi mal-RCD. Billi d-Direttiva tħalli grad konsiderevoli ta' diskrezzjoni biex tiddefinixxi x'jikkostitwixxi standard ta' għajxien dinjituż u kif dan jeħtieġ li jinkiseb, l-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-Qasam tal-Asil żviluppa l-Gwida tal-EASO dwar kundizzjonijiet ta' akkoljenza li tipprovdi standards u indikaturi aktar dettaljati lill-Istati tal-UE+ dwar il-kundizzjonijiet ta' akkoljenza sabiex jiġi żgurat standard ta' għajxien dinjituż għall-applikanti. Madankollu, il-Gwida tal-EASO hija ddedikata għal sitwazzjoni normali u ma tinkludix aġġustament għal influss qawwi. Għalhekk, l-għan ta' dan il-kapitolu huwa li jagħti parir lill-Istati tal-UE+ dwar kif jipprovdu kundizzjonijiet ta' akkoljenza waqt sitwazzjonijiet ta' influss qawwi, filwaqt li jikkunsidra l-Art.18-9 (b) tal-RCD.

Fir-rigward tal-ħtiġijiet tal-applikanti huwa essenzjali li wieħed jiftakar li d-dispożizzjonijiet ġenerali mill-Gwida tal-EASO dwar il-kundizzjonijiet ta' akkoljenza jeħtieġ li dejjem jintlaħqu: 1) trasparenza u responsabilità, 2) nondiskriminazzjoni, 3) kunsiderazzjoni għal ħtiġijiet speċjali. Kif spjegat hawn fuq, l-istandards skont l-RCD għal sitwazzjonijiet li mhumiex ta' eċċezzjoni jeħtieġ li jibqgħu r-referenza anki f'sitwazzjonijiet ta' influss qawwi.

L-għoti ta' kundizzjonijiet ta' akkoljenza matul is-sitwazzjoni ta' influss għoli huwa ovvjament aktar diffiċli milli f'sitwazzjoni normali. F'dan il-każ ħafna affarijiet jiddependu fuq il-liġi nazzjonali — eż. proċeduri ta' offerti, liġi tax-xogħol, komunikazzjoni mal-muniċipalitajiet, eċċ. u fuq il-fatt li r-riżorsi tal-istat mhumiex ta' natura ineżawribbli. Hemm limitazzjonijiet fis-sistemi ta' akkoljenza u f'ħafna każijiet riżorsi skarsi, anki f'termini ta' HR, ħin u enerġija. Għalhekk, huwa diffiċli li tiġi stipulata kwalunkwe dispożizzjoni ġenerali, iżda jeħtieġ li jitqiesu ċerti elementi.

## 2. Il-fażi tat-tħejjija u l-iżvilupp

Kif spjegat hawn fuq, l-istandards minimi jeħtieġ li jservu ta' referenza anke f'sitwazzjonijiet ta' kriżi, għalkemm il-perjodu ta' żmien biex jdawn inkisbu jista' jkun differenti meta mqabbel ma' perjodi meta jkunu qed jinħolqu faċilitajiet ġodda mingħajr pressjoni ta' ħin. B'dan il-mod, il-ksib tal-istandards jista' jitqies bħala xogħol li għadu għaddej iżda xorta jkun l-għan aħħari.

Il-pjan ta' kontinġenza jeħtieġ li jfittex mod li jipprovdi kundizzjonijiet ta' akkoljenza skont id-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza **malajr kemm jista' jkun**. Dan prinċipalment jirrikjedi preparazzjoni biex jiġu identifikati mezzi alternattivi biex jinxtraw oġġetti u servizzi minflok ma jintużaw proċeduri ta' offerti. Jekk ma jkunx possibbli, allura jista' jkun hemm soluzzjoni biex xi provvisti li jistgħu jintużaw matul is-sitwazzjoni ta' influss qawwi jinxtraw qabel u jinħażnu. Soluzzjoni oħra hija l-flessibilità ta' kuntratti li jistgħu jippermettu x-xiri ta' oġġetti u servizzi addizzjonali minn kumpaniji magħżula qabel fi proċedura ta' sejħa għall-offerti jew biex tiżdied il-kunsinna fil-ħin bl-eżatt f'sejħiet pubbliċi, sabiex tiġi evitata l-ħażna tal-oġġetti iżda tkun tista' ssir ordni fl-aħħar minuta *(Ara Kapitoli E. Ġestjoni u proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet u J. Ġestjoni tar-Riżorsi).*

Barra minn hekk, jista' jkun utli li **tinbena kapaċità fuq is-soċjetà ċivili u voluntiera**. Ipprova oħloq network effiċjenti ta' NGOs u individwi li jistgħu jipprovdu elementi differenti ta' għajnuna matul is-sitwazzjoni ta' influss qawwi.

Sabiex tkun tista' tiġi mmaniġġata l-parti ta' akkoljenza, jeħtieġ li tinżamm stampa ċara dwar in-numru ta' applikanti, id-*data* personali tagħhom u l-bżonnijiet speċjali tagħhom.

| Għodod ta’ tħejjija għal kundizzjonijiet ta’ akkoljenza xierqa |
|---|
| ☐ Iddisinja proċess fluwenti ta’ min qiegħed jagħmel xiex u meta, biex tirreġistra kull applikant qabel ma tingħata l-akkomodazzjoni. |
| ☐ Żomm lista ta’ kontroll għall-identifikazzjoni ta’ vulnerabilità (ovvja), sabiex in-nies bi bżonnijiet speċifiċi jkunu jistgħu jiksbu l-aktar faċilitajiet ta’ akkoljenza xierqa. |
| ☐ Żomm rekord tan-nies, sabiex ikunu jistgħu jiġu rintraċċati. |

**Iddisinja proċess fluwidu**

It-tħejjija ta’ proċess fluwidu mill-mument tal-wasla sal-mument tal-akkomodazzjoni, li jiddefinixxi min jagħmel xiex u meta, se jiffaċilita l-implimentazzjoni.

Minbarra li tiffoka fuq l-istandards tal-akkomodazzjoni, huwa ta’ importanza kbira li kull applikant jiġi **rreġistrat** qabel ma jiġi assenjat għal faċilitajiet ta’ akkoljenza. Ir-reġistrazzjoni ta’ kull benefiċjarju ta’ akkoljenza waħdieni u ż-**żamma ta’ rekord** tal-post hija kruċjali sabiex dawn ikunu jistgħu jiġi **rintraċċati** fi stadju aktar avvanzat u speċjalment sabiex jinstabu membri tal-familja li ġew separati matul l-ivvjaġġar jew l-iżbark.

Jeħtieġ li jiġu pprovduti riżorsi suffiċjenti biex jiġu identifikati l-**bżonnijiet speċjali** fl-aktar stadju kmieni possibbli. Fid-dawl tar-riżorsi u l-ħin ġeneralment limitati li jikkaratterizzaw sitwazzjoni ta’ influss qawwi, dan l-aspett isir saħansitra iktar importanti meta mqabbel mat-tħaddim normali tas-sistema ta’ akkoljenza. B’dan il-mod, in-nies li jeħtieġu kura speċjali jistgħu jiksbu l-aktar akkomodazzjoni u gwida xierqa. Jekk le, il-ħtiġijiet se jsiru aktar importanti u l-isforzi għal rimedju se jikkunsmaw aktar ħin u riżorsi.

**Prattika tajba**

**L-Għodda tal-EASO għall-Identifikazzjoni ta’ Persuni bi Bżonnijiet Speċjali (IPSN)**

Sabiex jappoġġja lill-Istati tal-UE+ fl-identifikazzjoni u l-valutazzjoni ta’ bżonnijiet speċjali f’termini ta’ garanziji proċedurali u ta’ akkoljenza, l-EASO żviluppa għodda interattiva bbażata fuq il-web, aċċessibbli mill-pubbliku f’għadd ta’ lingwi tal-UE.

L-Għodda tal-IPSN hija strument prattiku intuwittiv maħsub biex jappoġġja l-identifikazzjoni f’waqtha u kontinwa ta’ bżonnijiet speċjali individwali mingħajr ir-rekwiżit ta’ għarfien speċjalizzat. Hija tibbaża fuq deskrizzjoni ta’ indikaturi, relatati ma’ kategoriji differenti ta’ persuni bi bżonnijiet speċjali potenzjali. Il-lista tinkludi l-kategoriji kollha msemmija mill-RCD, kif ukoll persuni LGBTI u persuni bi bżonnijiet speċjali relatati mas-sess. L-għażla ta’ kategorija tagħti aktar informazzjoni sabiex jiġi vvalutat jekk l-applikant għandux il-bżonnijiet speċjali rispettivi u tiġġenera lista ta’ kontroll u gwida fil-qosor dwar miżuri ta’ appoġġ rilevanti. L-appoġġ għall-akkoljenza huwa wieħed mill-aspetti żviluppati fl-Għodda tal-IPSN.

Ladarba l-utent ikun iġġenera l-informazzjoni rilevanti, huwa jista’ jagħżel li jistampa jew jissejvja rapport, inkluża selezzjoni ta’ elementi differenti. Ir-rapport jista’ jkun personalizzat aktar għall-każ partikolari inkwistjoni qabel jiġi ssejvjat jew stampat.

L-integrazzjoni tal-Għodda tal-IPSN f’mekkaniżmu nazzjonali, li huwa konformi mal-istandards f’din it-taqsima, hija rrakkomandata bħal prattika tajba.

L-għodda hija disponibbli fuq https://ipsn.easo.europa.eu

## 3. Il-fażi tar-rispons u t-tmexxija

Jekk l-attivazzjoni tal-pjan ta’ kontinġenza jkollha impatt fuq il-kundizzjonijietjonijiet ta’ akkoljenza, huwa importanti li l-**applikanti jiġu informati** bil-konsegwenzi. Jekk l-istandards mistennija ma jkunux għadhom fis-seħħ, il-perjodi ta’ żmien ma jintlaħqux, jew il-proċess jew il-kundizzjonijiet standard ma jkunux issodisfati, jeħtieġ li jiġu stabbiliti informazzjoni aġġornata u l-passi li jmiss għandhom sabiex l-applikanti jiġu infurmati b’mod trasparenti (ara l-*Kapitoli E-Ġestjoni/struttura ta’ teħid ta’ deċiżjonijiet*, *F — ġestjoni u komunikazzjoni ta’ informazzjoni*, u *G — Koordinazzjoni Esterna*).

**Prattika tajba**

Matul il-proċess ta' reġistrazzjoni timtela lista ta' kontroll b'kriterji ta' vulnerabbiltà biex jiġu identifikati l-bżonnijiet speċjali. Jekk jinqalgħu bżonnijiet speċjali, il-faċilitajiet ta' akkoljenza adattati jingħataw skont il-prijorità ta' dawk li l-aktar għandhom bżonnhom.

Il-lista ta' kontroll tinżamm fir-reġistru tal-applikant, li huwa infurmat dwar is-sitwazzjoni ta' eċċezzjoni u l-passi li jmiss li għandhom jittieħdu.

Għandu jinżamm rekord tal-akkomodazzjoni fejn jintbagħat l-applikant.

## 4. Il-fażi ta' reviżjoni u aġġustament

Matul din il-fażi, l-attivitajiet kollha għandhom jippruvaw jimplimentaw bis-sħiħ l-RCD kif ukoll *il-Gwida tal-EASO dwar il-kundizzjonijiet ta' akkoljenza: standards operattivi u indikaturi*. Il-monitoraġġ tal-attivitajiet u r-riżultati u r-rappurtar għall-ġerarkija huma meħtieġa biex ikunu jistgħu jiġu aġġustati fejn meħtieġ. Pjanijiet ta' azzjoni biex jiġu aġġustati l-"kif inhu" għal "li jkun" u biex jinżamm kont tal-bidliet u tal-evoluzzjonijiet, se jagħmlu r-riżultati viżibbli. Il-kundizzjonijiet ta' riċeviment li għadhom ma jilħqux l-istandards se jirċievu qafas u kalendarju sabiex jilħqu l-għanijiet filwaqt li jqisu l-iżviluppi tas-sitwazzjoni attwali.

# M. Sigurtà/prevenzjoni u sikurezza

## 1. Introduzzjoni

Waqt l-iżvilupp ta' pjan ta' kontinġenza huwa raġonevoli li wieħed jassumi **apprensjoni wiesgħa tas-sigurtà.** Mhux biss għandhom jiġu kkunsidrati l-aspetti fiżiċi, iżda wkoll dimensjonijiet oħra bħas-saħħa (inkluża s-saħħa mentali), id-*data* personali u s-sigurtà tal-familja (rispett għar-relazzjonijiet familjari).

Is-sigurtà tikkostitwixxi **prinċipju ewlieni li ma jistax jitnaqqas** u prekundizzjoni sabiex jingħataw servizzi oħra. Madankollu, xi sitwazzjonijiet jeħtieġu li tingħata prijorità lil aspett wieħed tas-sigurtà. Għalhekk, jeħtieġ li jkun hemm attenzjoni **kostanti** fuq is-sigurtà, li tinkludi ż-żewġ aspetti ta' sigurtà għall-applikanti u l-persunal.

F'sitwazzjoni ta' influss qawwi xi elementi jkunu ġodda, **bħall-persunal jew l-infrastruttura,** u r-riskju jista' jkun ogħla minn dak fil-faċilitajiet eżistenti. Għalhekk, jeħtieġ li tingħata attenzjoni speċjali lill-familjarizzazzjoni ta' persunal ġdid bil-miżuri ta' sigurtà u ta' prevenzjoni u sabiex jiġu kkontrollati faċilitajiet ġodda fuq l-aspetti kollha relatati mas-sigurtà. Fattur ta' riskju ieħor huwa li l-azzjonijiet għandhom jittieħdu **malajr** u dan iżid il-possibbiltà ta' żbalji. Jekk possibbli, il-provvediment ta' mogħdija ċara li permezz tagħha jiġu kkoreġuti l-iżbalji li jkunu saru jkun utli.

## 2. Il-fażi tat-tħejjija u l-iżvilupp

| Passi preparatorji rigward is-sigurtà u l-prevenzjoni |
| --- |
| ☐ Identifika theddidiet speċifiċi |
| ☐ Ipprepara miżuri ta' sigurtà rilevanti bil-quddiem, inklużi regoli tal-akkomodazzjoni |
| ☐ Immappja l-atturi rilevanti kollha |

L-ewwel element li jeħtieġ li jiġi indirizzat huwa l-**identifikazzjoni ta' punti dgħajfa u r-rabta tagħhom ma' theddidiet potenzjali**. Din il-valutazzjoni ssir skont l-esperjenza sa issa jew bl-użu ta' għarfien espert estern sabiex is-sistema tiġi analizzata b'mod oġġettiv. Il-pass li jmiss huwa li jinstabu l-aktar miżuri effiċjenti għall-prevenzjoni ta' theddidiet potenzjali.




It-**theddidiet l-aktar komuni** huma l-eżempji li ġejjin:

- problemi ta' mard (speċjalment mard li jittieħed);
- kwistjonijiet psikosoċjali relatati;
- irvellijiet (eż. minħabba tensjonijiet etniċi, kundizzjonijiet inadegwati ta' akkoljenza jew iffullar);
- diffikultajiet biex jiġi mmonitorjat l-persunal minħabba l-emerġenza li tista' toħloq sitwazzjonijiet fejn il-persunal ma jġibx ruħu b'mod xieraq, persunal mhux imħarreġ biżżejjed;
- vjolenza domestika, kura tal-ġenituri mhux korretta jew insuffiċjenti;
- fastidju sesswali;
- talbiet mill-applikanti u pressjoni eżerċitata minnhom (speċjalment strajkijiet);
- ksur tar-regoli tal-akkomodazzjoni (li ma jiġi osservat silenzju bil-lejl, abbuż mid-droga, vandaliżmu);
- persekuzzjoni u vittimizzazzjoni magħmulin minn applikanti jew persunal (eż. fuq bażi etnika u reliġjuża jew lejn persuni LGBT);
- żvelar ta' *data* personali jew kwalunkwe informazzjoni kunfidenzjali;
- suspett ta' radikaliżmu jew kuntatti ma' terroristi;

- theddidiet esterni (definiti bħala theddid minn persuna u/jew organizzazzjoni minn barra lejn il-faċilità ta' akkoljenza (infrastruttura, persunal jew l-applikanti).

**✓ Fir-rigward tat-theddidiet esterni, jeħtieġ li jiġi nnotat li t-theddidiet għall-faċilità ta' akkoljenza jistgħu jkunu preżenti qabel ma tkun infetħet il-faċilità, bħar-riskju ta' ħruq ta' faċilitajiet li huma ppjanati iżda li ma nfetħux.**

Waqt it-tħejjija biex wieħed ilaħħaq mat-theddidiet imsemmija hawn fuq huwa possibbli li jintużaw **miżuri** differenti bħal pereżempju:

- miżuri fiżiċi ta' sigurtà (eż. gwardji, ċint, sorveljanza bil-vidjo);
- informazzjoni (eż. fuljetti, laqgħat, vidjows);
- mentoraġġ ta' persunal ġdid;
- medjazzjoni f'kunflitt;
- mezzi ta' rappurtar (eż. telefons ta' allarm, ilħuq tal-GSM, possibbiltà li tinqasam l-informazzjoni b'mod kunfidenzjali);
- żamma ta' relazzjonijiet tajbin mal-komunità lokali;
- IT (pereżempju l-użu ta' VPN, politika ta' passwords xierqa);
- miżuri organizzattivi (pereżempju allokazzjoni ta' ħin biex jintużaw kmamar tal-banju koedukazzjonali, iżolament ta' persuni morda, trasport rapidu ta' ilma u medikamenti),;
- tħejjija tal-SOPs għal inċidenti ta' riskju għoli jew probabbli ħafna li jista' jkollhom impatt fuq il-kapaċità tiegħek (eż. nar);
- miżuri xierqa ta' prevenzjoni u ta' konteniment għal kull marda li tittieħed;
- żvilupp ta' politika ta' sanzjoni xierqa.

Meta jkunu qed jinfetħu faċilitajiet ġodda matul influss qawwi, jeħtieġ li l-operazzjoni tibda malajr kemm jista' jkun. Għalhekk it-tħejjija ta' miżuri ta' sigurtà rilevanti bil-quddiem hija importanti ħafna: dawn jinkludu **regoli tal-akkomodazzjoni**, proċeduri xierqa u kuntratti neċessarji (eż. ma' kumpanija ta' sigurtà). Normalment ir-regoli u l-proċeduri tal-akkomodazzjoni diġà jeżistu iżda mhux kollha japplikaw għal faċilitajiet li jitħaddmu f'sitwazzjoni ta' influss qawwi (eż. inqas ħin, faċilitajiet aktar iffullati u partijiet ikkonċernati differenti milli f'sitwazzjoni normali). L-awtorità ta' akkoljenza għandha mbagħad issib x'tip ta' aġġustament ikun meħtieġ.

Tħejjijiet għandhom isiru għal aktar riskji ta' sigurtà li jistgħu jidhru waqt sitwazzjoni ta' influss qawwi u jekk possibbli pprova fassal proċeduri ċari li jistipulaw kif il-persunal jeħtieġ li jaġixxi f'każ ta' sitwazzjoni partikolari. Filwaqt li jistgħu jeżistu proċeduri li jistabbilixxu kif jistgħu jiġu ttrattati l-biċċa l-kbira tas-sitwazzjonijiet perikolużi, huwa importanti li dawn jiġu analizzati għal kwalunkwe ħtieġa ta' modifika fir-rigward ta' sitwazzjonijiet ta' influss qawwi.

F'sitwazzjonijiet ta' influss qawwi, mhuwiex dejjem possibbli li jiġu żgurati l-aspetti kollha ta' sigurtà fl-istess ħin. Għalhekk jeħtieġ li ssir analiżi ta' elementi ta' sigurtà partikolari sabiex jiġi ddeterminat liema waħda jeħtieġ li tingħata prijorità (eż. regolamentazzjoni tan-nar).

Livell suffiċjenti ta' taħriġ u għarfien ta' proċeduri fost il-persunal huwa kruċjali biex il-miżuri msemmija hawn fuq ikunu possibbli, minħabba li s-sigurtà ma tinħoloqx mill-ħardwer u billi jiġu stabbiliti regoli u regolamenti biss. Huwa prodott ta' atmosfera sigura u rispettuża fil-faċilità ta' akkoljenza. Din l-atmosfera tista' tinbena biss permezz ta' interazzjoni umana respettabbli ma' applikanti għall-asil, u tiżgura li dawn dejjem jiġu ttrattati b'dinjità. Il-komunikazzjoni hija ta' importanza kritika. L-iżvilupp u l-applikazzjoni ta' sigurtà fi djalogu ma' benefiċjarji ta' akkoljenza wkoll hija ħaġa tajba.Partikolarment, ipprova pprevedi miżuri ta' sigurtà addizzjonali għal persuni bi bżonnijiet speċjali matul perjodi ta' influss għoli (eż. il-protezzjoni tat-tfal jew tan-nisa minn fastidju sesswali).

Kun konxju li mhux possibbli li wieħed jipprevedi s-sitwazzjonijiet kollha. L-awtorità ta' akkoljenza jista' ma jkollhiex il-mandat u tkun teħtieġ appoġġ biex tapplika xi miżuri ta' sigurtà. Għalhekk huwa utli li timmappja l-atturi relevanti kollha li jistgħu jipprovdu l-assistenza meħtieġa, bħall-pulizija u s-servizzi tan-nar, u tistabbilixxi forom ta' kooperazzjoni kontinwa.

Sabiex jiġi żgurat li jkun hemm sistema ta' sigurtà effiċjenti fis-seħħ, huwa importanti ħafna li jiġu kkontrollati u vvalutati l-miżuri kollha applikati. Huwa speċjalment importanti li tivvaluta esperjenzi b'impatt ta' sigurtà

relevanti u li ma tillimitax il-valutazzjoni fuq ir-riskju ta’ sigurtà preżunt. Il-prodott miksub bis-saħħa tal-valutazzjoni aktar tard jipprovdi kontribut dwar l-aġġornament u t-titjib tal-pjan. Huwa wkoll importanti għar-reviżjoni u l-aġġustament għaliex turi b’mod preċiż il-ħsara li trid terġa’ tiġi restawrata.

Huwa essenzjali li wieħed jiftakar li din il-valutazzjoni tista’ ssir aktar effiċjenti jekk issir b’mod konġunt minn persunal ta’ akkoljenza operazzjonali u espert tas-sigurtà esternalizzat. Din is-soluzzjoni tagħti l-ogħla livell possibbli ta’ oġġettività u komprensività li tagħmel il-produzzjoni aktar siewja u ġusta. It-tieni opinjoni hija rakkomandata. Uża l-istrutturi fis-seħħ eż. kontrolli u regolamenti dwar is-sigurtà kontra n-nirien.

Hemm proċess konġunt: valutazzjoni bil-miktub u fuq il-post.

## 3. Il-fażi tar-rispons u t-tmexxija

**Is-sigurtà ma tistax titnaqqas matul perjodu ta’ influss qawwi**; dan għandu jkun il-punt prinċipali kemm għall-maniġment kif ukoll għall-persunal. Speċjalment waqt sitwazzjoni mhux tas-soltu bħal influss qawwi, is-sigurtà hija kruċjali mhux biss biex jiġu żgurati standards ta’ għajxien dinjitużi iżda din tista’ wkoll issalva l-ħajjiet. Il-kisba ta’ livell suffiċjenti ta’ sigurtà waqt sitwazzjoni ta’ influss qawwi jkun impossibbli mingħajr kooperazzjoni xierqa bejn il-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, u bejn il-persunal u l-applikanti ta’ akkoljenza. Għalhekk, huwa importanti li dawn isiru konxji tat-theddidiet u tal-miżuri ta’ sigurtà kollha. Matul attivitajiet ta’ provvediment ta’ informazzjoni regolari, l-informazzjoni dwar is-sigurtà u l-prevenzjoni jeħtieġ li tingħata prijorità. Oqgħod attent li ma tgħabbix iżżejjed lill-applikanti b’informazzjoni, agħżel liema jeħtieġ li jirċievu immedjatament u liema jistgħu jiksbu aktar tard. Mhuwiex meħtieġ li titqassam l-informazzjoni kollha lin-nies, f’ċerti każijiet jista’ jkun biżżejjed li din titqiegħed f’postijiet viżibbli. Jeħtieġ li tiġi żgurata l-viżibilità tas-sinjali tas-sigurtà (evakwazzjoni, estinturi eċċ.).

Xi drabi l-persunal jista’ jirrealizza li l-proċeduri li ġejjin magħmula matul il-fażi tat-tħejjija u l-iżvilupp ma jkunux xierqa jew biżżejjed sabiex jindirizzaw problema. Għalhekk huwa importanti ħafna li jiġi żgurat li jkun hemm il-possibbiltà għal **konsultazzjoni immedjata u rapida** bejn il-persunal u l-konsulent dirett tiegħu. Il-miżuri kollha ta’ sigurtà jeħtieġu valutazzjoni kostanti u kontinwa dwar l-adegwatezza u l-effiċjenza tagħhom u, jekk ikun meħtieġ, jeħtieġ li jiġu aġġustati għas-sitwazzjoni.

Jeħtieġ li li jsiru **valutazzjonijiet kostanti u kontinwi** fir-rigward tar-riskji u l-punti dgħajfin ukoll. Il-monitoraġġ taċ-ċirkostanzi tas-sigurtà mhuwiex parti minn xi fażi partikolari iżda attività permanenti li jeħtieġ li tiżdied matul sitwazzjonijiet ta’ influss qawwi.

Ftakar li tinkludi wkoll **miżuri ta’ sigurtà għall-persunal,** eż.: fl-organizzazzjoni ta’ attivitajiet ta’ komunikazzjoni mal-komunità tal-madwar. Żgura mezz effettiv għar-rappurtar ta’ kwalunkwe sitwazzjoni dubjuża li jinnota l-persunal u l-ġbir xieraq tal-informazzjoni kollha tal-każ sabiex jiġu ffaċilitati investigazzjoni jew azzjonijiet legali sussegwenti.

Is-sitwazzjonijiet ta’ influss qawwi jeħtieġu wkoll kooperazzjoni akbar u aktar mgħaġġla ma’ partijiet inkkonċernati oħrajn. Għal aktar informazzjoni dwar din il-kwistjoni ara l-*Kapitolu G.2, it-tieni inċiż “Sħab ta’ akkoljenza operattivi”*.

**Prattika tajba**

Installa kaxxa ta’ konklużjonijiet u proposti ħielsa (possibbilment anonima wkoll) dwar in-nuqqasijiet u l-opportunitajiet ta’ titjib identifikati. Din tkun soluzzjoni tajba sabiex il-persunal u l-applikanti għall-asil jingħataw il-kapaċità li jkunu kreattivi u s-sentiment li kull idea tiġi ttrattata bis-serjetà.

## 4. Il-fażi ta’ reviżjoni u aġġustament

Minbarra valutazzjoni kostanti u kontinwa mwettqa matul il-fażi ta’ rispons u ta’ tmexxija, **valutazzjoni** kompluta u li tagħti sommarju wara s-sitwazzjoni ta’ influss qawwi hija utli ħafna. Il-prodott tal-valutazzjoni jista’ jintuża għal tħejjija għall-ġejjieni. Sa fejn hu possibbli, l-awtoritajiet ta’ akkoljenza jeħtieġ li jippruvaw jiżguraw livell suffiċjenti ta’ oġġettività waqt li jivvalutaw. Ikun tajjeb li jintuża għarfien espert esternalizzat, eż. aġenzija jew kumpanija tal-awditjar.

Mingħajr preġudizzju għal dak li ntqal hawn fuq, **l-espressjonijiet u l-valutazzjonijiet interni** jistgħu wkoll ikunu ta’ valur kbir. Li wieħed jikkunsidra u jaġixxi skont is-suġġerimenti magħmula mill-persunal (ara l-kaxxa tas-suġġerimenti msemmija hawn fuq) huwa rakkomandabbli, kif ukoll li wieħed jidentifika soluzzjonijiet li nstabu l-persunal sabhom bħala l-aktar problematiċi biex japplikahom jew l-inqas effiċjenti. Proċeduri jew regoli tal-akkomodazzjoni jistgħu jiġu riveduti jekk ikun meħtieġ.

Ikun ta’ benefiċċju kbir ukoll jekk jinkiseb xi **feedback mill-applikanti**. Xi rendikont tal-perikli rrappurtati u tas-sitwazzjonijiet skomdi jista’ jwassal għal immappjar aħjar ta’ theddidiet u punti dgħajfa possibbli fil-fażi futura tat-tħejjija u l-iżvilupp.

Jista’ jkun diffiċli li jiġi vvalutat liema miżuri straordinarji ta’ sigurtà ħadmu waqt il-fażi ta’ rispons u ta’ tmexxija u li jeħtieġ li jinżammu wara. Uħud minnhom jistgħu jkunu utli waqt il-ġestjoni ta’ sitwazzjonijiet normali. Għalhekk, il-valutazzjoni ma tistax tintuża biss għall-fażi tat-tħejjija u l-iżvilupp li jmiss, bħala tagħlimiet meħuda, iżda anki għall-**aġġustament tas-sitwazzjoni normali** u għat-**titjib** tas-sistema ta’ sigurtà normali.

# Anness

## Listi ta’ kontroll

| Aspetti li għandhom jiġu inklużi fi pjan ta’ komunikazzjoni adattat għal sitwazzjonijiet ta’ influss qawwi |
|---|
| ☐ Speċifika l-objettiv tal-komunikazzjoni. |
| ☐ Enfasizza l-messaġġi ewlenin li għandhom jiġu kkomunikati lill-partijiet ikkonċernati esterni. |
| ☐ Ikkjarifika proċeduri dwar kif jiġu ttrattati t-talbiet tal-midja, inkluża l-identifikazzjoni tal-kelliema. |
| ☐ Indirizza u pprovdi gwida dwar aspetti sensittivi li jistgħu jwasslu għal kritika jew tensjonijiet. |
| ☐ Ipprovdi gwida dwar kif tiġi ttrattata l-informazzjoni dwar ix-xogħol tal-aġenzija ta’ akkoljenza fuq il-midja soċjali. |

| Għodod ta’ tħejjija għall-akkwist rapidu ta’ kapaċità ta’ akkomodazzjoni ġdida |
|---|
| ☐ Listi ta’ kontroll għall-akkwist ta’ ċentri ġodda (standards ta’ kwalità, kriterji ta’ sikurezza rilevanti, infrastruttura u disponibbiltà ta’ servizzi). |
| ☐ Proċedura ċara għall-validazzjoni ta’ postijiet ġodda. |
| ☐ Kuntratti standard. |

| Mistoqsijiet/suġġetti li għandhom jiġu koperti matul il-fażi ta' reviżjoni u ta' aġġustament |
|---|
| ☐ Kapaċità u ħin: il-portafoll jaqbel mal-kapaċità meħtieġa u rnexxa ż-żmien? |
| ☐ Sħab: Min kienu s-sħab l-aktar effettivi (abbażi tal-kwalità, il-kostefficjenza, il-flessibilità)? |
| ☐ Liema kuntratti ma ġewx rispettati u x'kienet ir-raġuni? Hemm possibbiltà li jittieħdu passi legali? |
| ☐ Ġew issodisfati l-obbligi kuntrattwali? |
| ☐ Proċess: liema (parti minn) proċess biex tiżdied il-kapaċità jeħtieġ (teħtieġ) aġġustament? |
| ☐ Valutazzjoni tal-portafoll ta' postijiet ta' akkoljenza (abbażi tal-kwalità, il-kostefficjenza, eċċ): liema kapaċità tista' tinżamm bħala kapaċità addizzjonali (futura)? |

| Passi preparatorji minn perspettiva ta’ akkwist |
| --- |
| ☐ Agħmel valutazzjoni tal-ħtiġijiet għall-akkwist u s-sejħiet għal offerti pubbliċi għas-servizzi u l-provvisti f’każ ta’ influss qawwi. |
| ☐ Agħmel immappjar ta’ fornituri possibbli għal riżorsi ewlenin u agħtihom prijorità. |
| ☐ Fassal speċifikazzjonijiet u mudelli tal-kuntratt għall-offerti għas-servizzi u l-provvisti meħtieġa. |
| ☐ Stabbilixxi proċeduri ċari u mekkaniżmi ta’ attivazzjoni li jistgħu jiġu stabbiliti f’sitwazzjoni ta’ influss qawwi. |
| ☐ Ara li jkollok l-akkwist li diġà sar minn qabel, pereżempju bl-użu ta’ ftehimiet oqfsa. |

| Passi preparatorji minn perspettiva ta' loġistika u trasport |
| --- |
| ☐ Wettaq valutazzjoni tas-sistema tal-loġistika u tat-trasport biex tivverifika jekk humiex meħtieġa mezzi żejda f'sitwazzjoni ta' influss qawwi. |
| ☐ Oħloq lista ta' kuntatti (ara l-kapitolu E — Koordinazzjoni esterna). Din il-lista jeħtieġ li tkun aġġornata. |
| ☐ Ippjana l-loġistika u t-trasport ta' oġġetti u persuni f'postijiet ġodda u aktar remoti. |
| ☐ Ipprepara arranġamenti ta' trasport għall-applikanti bi bżonnijiet speċjali (eż. Taxis, ambulanzi). |
| ☐ Qis il-ħin tal-loġistika u t-trasport. |
| ☐ Ikkonkludi Kuntratti Ma' Kumpaniji ta' Trasport U/Jew Korpi Governattivi Oħra Involuti Fit-Trasport U L-Loġistika. |

| Passi preparatorji mill-perspettiva ta' ġestjoni ta' ħażniet u provvisti |
| --- |
| ☐ Wettaq stima dwar it-tip u l-kwantità tal-provvisti meħtieġa. |
| ☐ Ħejji network ta' fornituri, dejjem żgura aktar minn fornitur wieħed għal kull oġġett. |
| ☐ Evalwa l-għażliet tal-ħżin kontra l-kuntrattar fil-waqt għall-oġġetti meħtieġa, skont il-kapaċità tal-kumpaniji li jikkunsinnaw malajr u fir-rigward tal-kwantità ta' provvisti addizzjonali meħtieġa In-numru fil-ħażna jiddependi fuq il-ħin li l-kumpaniji jistgħu jikkunsinnawhom. Aġġorna l-inventarju tal-provvista sabiex il-provvista tkun tista' tiġi ordnata b'mod effiċjenti (evita ħażna żejda jew nieqsa). |

| **Passi preparatorji għall-ġestjoni tar-riżorsi umani** |
|---|
| ☐ Inkludi għall-profili kollha fil-forza tax-xogħol kurrenti deskrizzjoni ta' ħidmiet/rwoli li għandhom jittieħdu fi żminijiet ta' influss qawwi f'daqqa. |
| ☐ Żgura bilanċ bejn il-persunal antik/esperjenzat u dak ġdid. |
| ☐ Ħarreġ il-persunal li se jkollu bżonn jassumi rwoli ġodda f'sitwazzjoni ta' influss qawwi (stabbiliment ta' "timijiet ta' intervent"). |
| ☐ Prijoritizzazzjoni stabbilita minn qabel tal-kompiti għall-persunal. |
| ☐ Ippromwovi azzjonijiet għall-mobilità tal-persunal. |

| Passi preparatorji għar-reklutaġġ |
|---|
| ☐ Ipprepara deskrizzjonijiet standardizzati tax-xogħol għall-profili kollha. |
| ☐ Ipprepara tabelli organizzattivi standardizzati għall-faċilitajiet kollha ta' akkoljenza. |
| ☐ Imminimizza l-proċeduri amministrattivi għar-reklutaġġ. |
| ☐ Stabbilixxi kooperazzjoni ma' awtoritajiet nazzjonali/lokali ta' impjieg. |
| ☐ Ikkunsidra l-esternalizzazzjoni tar-reklutaġġ f'uffiċċji temporanji. |
| ☐ Waqqaf u żomm riżervi ta' reklutaġġ. |
| ☐ Żviluppa strateġija ta' HR dwar kif jingħataw kuntratti lil persunal addizzjonali. |
| ☐ Ipprepara materjal awdjo/viżiv promozzjonali/ ta' sensibilizzazzjoni biex tinforma dwar ix-xogħol ta' RA. |

| Passi preparatorji għat-taħriġ tal-persunal |
|---|
| ☐ Ipprepara pakketti ta' taħriġ bażiku u li wieħed għandu jkollu. |
| ☐ Agħmel użu mill-moduli ta' taħriġ tal-EASO dwar l-akkoljenza u suġġetti relatati. |
| ☐ Żviluppa metodoloġiji għat-taħriġ ta' persunal ġdid (peer coaching). |

| Għodod ta' tħejjija għal kundizzjonijiet ta' akkoljenza xierqa |
|---|
| ☐ Iddisinja proċess fluwenti ta' min qiegħed jagħmel xiex u meta, biex tirreġistra kull applikant qabel ma tingħata l-akkomodazzjoni. |
| ☐ Żomm lista ta' kontroll għall-identifikazzjoni ta' vulnerabilità (ovvja), sabiex in-nies bi bżonnijiet speċifiċi jkunu jistgħu jiksbu l-aktar faċilitajiet ta' akkoljenza xierqa. |
| ☐ Żomm rekord tan-nies, sabiex ikunu jistgħu jiġu rintraċċati. |

| Passi preparatorji rigward is-sigurtà u l-prevenzjoni |
|---|
| ☐ Identifika theddidiet speċifiċi. |
| ☐ Ipprepara miżuri ta’ sigurtà rilevanti bil-quddiem, inklużi regoli tal-akkomodazzjoni. |
| ☐ Identifika l-atturi rilevanti kollha. |

## Kif tikkuntattja lill-UE

**Personalment**
Madwar l-Unjoni Ewropea kollha hemm mijiet ta' ċentri ta' informazzjoni tal-Europe Direct. Tista' ssib l-indirizz tal-eqreb ċentru għalik f'dan is-sit: https://europa.eu/european-union/contact_mt

**Bit-telefown jew bil-posta elettronika**
Europe Direct huwa servizz li jwieġeb il-mistoqsijiet tiegħek dwar l-Unjoni Ewropea. Tista' tikkuntattja dan is-servizz:
— bit-telefown bla ħlas: 00 800 6 7 8 9 10 11 (ċerti operaturi jafu jimponu ħlas għal dawn it-telefonati),
— fuq dan in-numru standard: +32 22999696, jew
— bil-posta elettronika permezz: https://europa.eu/european-union/contact_mt

## Kif issib tagħrif dwar l-UE

**Online**
L-informazzjoni dwar l-Unjoni Ewropea bil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE hija disponibbli fuq is-sit web Europa fuq: https://europa.eu/european-union/index_mt

**Pubblikazzjonijiet tal-UE**
Tista' tniżżel mill-internet jew tordna l-pubblikazzjonijiet tal-UE, li xi wħud minnhom huma bla ħlas u xi oħrajn bil-ħlas, minn: https://op.europa.eu/mt/publications. Kopji multipli ta' pubblikazzjonijiet bla ħlas tista' tiksibhom billi tikkuntattja lil Europe Direct jew liċ-ċentru tal-informazzjoni lokali tiegħek (ara https://europa.eu/european-union/contact_mt).

**Il-liġi tal-UE u dokumenti relatati**
Għal aċċess għall-informazzjoni legali tal-UE, inkluż il-liġijiet kollha tal-UE mill-1952 'l hawn, fil-verżjonijiet lingwistiċi uffiċjali kollha, żur is-sit EUR-Lex hawnhekk: http://eur-lex.europa.eu

***Data* Miftuħa mill-UE**
Il-portal tad-*Data* Miftuħa mill-UE (http://data.europa.eu/euodp/mt) jipprovdi aċċess għal settijiet tad-*data* mill-UE. Id-*data* tista' titniżżel mill-internet u tintuża mill-ġdid bla ħlas, kemm għal skopijiet kummerċjali kif ukoll mhux kummerċjali.

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
tal-Unjoni Ewropea

ISBN 978-92-9476-248-1